



# Rapport Ġenerali Annwali tal-EASO 2017



Ġunju 2018





# Rapport Ġenerali Annwali tal-EASO 2017

Ġunju 2018

SUPPORT IS OUR MISSION

Ir-rapport ġie adottat mill-bord ta' tmexxija tal-EASO fis-7 ta' Ġunju 2018.

La l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-EASO ma huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mit-tagħrif li ġej.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019

Print	ISBN 978-92-9494-922-6	ISSN 2467-3668	doi:10.2847/989986	BZ-AD-18-001-MT-C
PDF	ISBN 978-92-9494-945-5	ISSN 2314-9981	doi:10.2847/494744	BZ-AD-18-001-MT-N

© L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil, 2019

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-EASO, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

# Werrej

<b>Lista ta' abbrevjazzjonijiet .....</b>	<b>4</b>
<b>Daħla .....</b>	<b>6</b>
<b>1. Introduzzjoni.....</b>	<b>8</b>
<b>2. Nistabbilixxu l-isfond: żviluppi fl-2017 .....</b>	<b>11</b>
<b>3. Il-prijoritajiet tal-EASO fl-2017 .....</b>	<b>15</b>
<b>4. Il-kisbiet tal-EASO fl-2017 .....</b>	<b>19</b>
4.1. <i>Sostenn operazzjonali</i> .....	20
4.1.1. L-Italja.....	20
4.1.2. Il-Greċja.....	22
4.1.3. Il-Bulgarija u Ċipru .....	24
4.1.4. L-iżvilupp ta' għodod ta' sostenn għall-operazzjonijiet, għall-hotspots u għar-rilokazzjoni .....	27
4.2. <i>Informazzjoni, analiżi u żvilupp tal-għarfien</i> .....	30
4.2.1. Informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini.....	30
4.2.2. Sistema ta' twissija bikrija u ta' tħejjija .....	31
4.2.3. Is-sistema ta' informazzjoni u ta' dokumentazzjoni (IDS) .....	32
4.2.4. Rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-Unjoni Ewropea .....	33
4.2.5. Integrazzjoni u żvilupp ulterjuri tas-sistemi ta' informazzjoni dwar l-asil .....	34
4.2.6. Riċerka dwar it-twissija bikrija u l-għeruq .....	34
4.3. <i>Sostenn permanenti</i> .....	36
4.3.1. It-taħriġ .....	36
4.3.2. Il-proċessi tal-asil .....	39
4.3.3. It-tlaqqiġ ta' netwerk dwar l-esklużjoni .....	39
4.3.4. L-attivitajiet dwar applikanti vulnerabbli .....	40
4.3.5. Il-kooperazzjoni mal-membri tal-qrati u tat-tribunali .....	41
4.3.6. In-netwerk tal-EASO ta' unitajiet ta' Dublin .....	42
4.3.7. L-akkoljenza.....	43
4.3.8. Gwida għall-pajjiżi għall-konverġenza .....	44
4.3.9. Għodod oħra għas-sostenn permanenti .....	45
4.4. <i>Dimensjoni esterna</i> .....	45
4.4.1. Sostenn għal pajjiżi terzi .....	45
4.4.2. Ir-risistemazzjoni.....	47
4.5. <i>Attivitajiet orizzontali</i> .....	48
4.5.1. Is-soċjetà ċivili u l-Forum Konsultattiv .....	48
4.5.2. Il-komunikazzjoni u r-relazzjonijiet tal-EASO mal-partijiet ikkonċernati.....	50
<b>Annessi .....</b>	<b>57</b>
A.I. <i>L-istruttura organizzazzjonali tal-EASO</i> .....	57
A.II. <i>Il-baġit tal-EASO fl-2017</i> .....	58
A.III. <i>Il-persunal tal-EASO</i> .....	59

## Lista ta' abbrevjazzjonijiet

<b>AIP</b>	Riżerva ta' intervent għall-asil
<b>AMIF</b>	Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni
<b>AST(s)</b>	Tim(ijiet) ta' appoġġ fil-qasam tal-asil
<b>CF</b>	Forum Konsultattiv
<b>CIR</b>	Rapporti ta' intelligence tal-pajjiżi
<b>COI</b>	Informazzjoni dwar il-pajjiż tal-orìġini
<b>COSI</b>	Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna
<b>CSO</b>	Organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili
<b>DGMM</b>	Direttorat ġenerali għall-ġestjoni tal-migrazzjoni (Il-ministeru tal-intern tat-Turkija)
<b>EAIPS</b>	Sistema tal-EASO ta' riżerva ta' intervent għall-asil
<b>EASO</b>	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil
<b>EFSA</b>	Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel
<b>EITF</b>	Task force għall-implimentazzjoni tal-EUAA
<b>EMN</b>	Netwerk Ewropew dwar il-migrazzjoni
<b>ENPI</b>	Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija
<b>EPRA</b>	Pjattaforma Ewropea għall-awtoritajiet ta' akkoljenza
<b>EPS</b>	Sistema ta' twissija bikrija u ta' thejjiġa
<b>EUAA</b>	Aġenzija tal-UE għall-Asil
<b>EU-FRANK</b>	Proġett dwar l-iffaċilitar tar-risistemazzjoni u tal-ammissjoni tar-refuġjati permezz ta' għarfien ġdid
<b>Europol</b>	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi
<b>Frontex</b>	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta
<b>ĠAI</b>	Ġustizzja u affarijiet interni
<b>GAS</b>	Servizz tal-asil tal-Greċja
<b>GPS</b>	Grupp għall-forniment tal-istatistiki
<b>ICOPs</b>	Pjattaformi tal-operazzjonijiet tal-pajjiżi tal-IDS
<b>ICT</b>	Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni
<b>IDS</b>	Sistema ta' informazzjoni u ta' dokumentazzjoni
<b>IPA</b>	Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni
<b>IPCR</b>	Arranġamenti integrati għal rispons politiku f'sitwazzjonijiet ta' kriżi
<b>IPSN</b>	Identifikazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali
<b>ISAA</b>	Kapaċità ta' għarfien u ta' analiżi integrati tas-sitwazzjoni
<b>IT</b>	Teknoloġija tal-informazzjoni

---

<b>LAL</b>	<i>Lista ta' lingwi disponibbli</i>
<b>LO</b>	Uffiċċju ta' kollegament
<b>MARRI</b>	Inizjattiva Reġjonali għall-Migrazzjoni, għall-Asil u għar-Refuġjati
<b>MedCOI</b>	Informazzjoni medika tal-pajjiż ta' oriġini
<b>NCPs</b>	Punti ta' kuntatt nazzjonali
<b>NGO</b>	Organizzazzjoni nongovernattiva
<b>OECD</b>	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi
<b>OVT</b>	Għodda għall-verifika tal-oriġini
<b>PVLMM</b>	Mekkaniżmu ta' monitoraġġ ta' wara l-liberalizzazzjoni tal-viża
<b>RDPP</b>	Programm Reġjonali għall-Iżvilupp u l-Protezzjoni
<b>RIS</b>	Servizz ta' akkoljenza u ta' identifikazzjoni
<b>SEKA</b>	Sistema Ewropea Komuni tal-Asil
<b>SOGI</b>	Orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru
<b>SOPs</b>	Proċeduri operattivi standard
<b>SRSS</b>	Servizz ta' sostenn għar-riforma strutturali
<b>SSP</b>	Pjanijiet speċjali ta' sostenn
<b>THB</b>	Traffikar ta' bnedmin
<b>UE</b>	Unjoni Ewropea
<b>UE+</b>	L-Istati Membri tal-UE (UE-28) u l-pajjiżi assoċjati, in-Norveġja u l-Iżvizzera
<b>UE-28</b>	Total tal-pajjiżi tal-UE
<b>UNHCR</b>	Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati
<b>WB</b>	Balkani tal-Punent

## Daħla

L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) laħaq is-sitt sena tal-operat tiegħu fl-2017. Mill-lat operazzjonali, fl-2017 l-EASO kien attiv ħafna fis-sostenn lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-isfidi migratorji estiżi u tal-pressjoni ssoktata fuq is-sistemi ta' asil u ta' akkoljenza tagħhom. In-numri għoljin ħafna għal applikazzjonijiet ġodda għall-protezzjoni internazzjonali ppersistew, u dan fisser li kien fadal ħafna xogħol għall-EASO. L-enfasi akbar li l-EASO kellu jixħet fuq l-operazzjonijiet fl-2016 kompliet fl-2017. B'mod partikolari, il-ftuħ tal-uffiċċji l-ġodda tal-EASO f'Ċipru, f'Lesbos u f'Kos fl-2017 xeħet dawl fuq ir-rwol li qed jespandi tal-EASO fis-sostenn operazzjonali.

Barra minn hekk, l-2017 kienet sena li fiha l-EASO kellu jintensifika drastikament l-isforzi tiegħu fl-oqsma kollha tal-mandat tiegħu biex iwieġeb kif xieraq għall-ħtiġijiet u għall-isfidi dejjem jevolvu fil-prattika. Dan kien partikolarment impjenattiv meta wieħed iqis li l-EASO kellu jikber rapidament biex iżomm il-pass maż-żieda fl-operazzjonijiet mitluba mill-konklużjonijiet tal-Kunsill, mid-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni u mid-dikjarazzjoni UE-Turkija (TR). Barra minn hekk, l-iżgurar ta' preżenza xierqa tal-EASO fil-hotspots fl-Italja u fil-Greċja baqa' impenjattiv minħabba d-diffikultà li sabu l-Istati Membri fl-istazzjonament ta' numru suffiċjenti ta' esperti biex isostnu l-operazzjonijiet tal-EASO.

F'dan il-kuntest, fl-2017 l-EASO kompli jikkonsolida l-attivitajiet prinċipali tiegħu, kompli jiżviluppa l-kapaċità operazzjonali u teknika tiegħu, u jiżviluppa attivitajiet ġodda f'konformità mal-aġenda tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-konklużjonijiet applikabbli tal-Kunsill u l-pjanijiet operazzjonali. Pereżempju, fl-Italja, f'Lulju l-EASO ffirmi emenda għall-pjan operazzjonali tiegħu biex jistabbilixxi kooperazzjoni mal-ombudsman Taljan għal minorenni mhux akkumpanjati. L-EASO kellu wkoll suċċess b'kampanja ġdida li kkomunikat mal-Eritreani fl-Italja li ma kinux reġistrati għar-rilokazzjoni. Għall-Istati Membri l-aktar esposti, l-implikazzjonijiet tat-tendenzi tal-asil fuq is-sistemi tagħhom ta' asil u ta' akkoljenza kienu tremendi. Għaldaqstant, l-EASO tqies bħala attur kruċjali biex jgħin om i tejb u l-akkoljenza, il-kapaċità ta' proċessar u l-kapaċità msaħħa ta' rispons fl-impilmentazzjoni tal-proċeduri.

Fl-2017, l-EASO ta kontribut tajjeb fl-oqsma ewlenin tan-negożju tiegħu, b'mod partikolari informazzjoni u analiżi, appoġġ permanenti u attivitajiet orizzontali. B'mod ġenerali, l-EASO kompli jsaħħaħ ir-rwol tiegħu, filwaqt li kkontribwixxa biex l-Istati Membri jagħmlu progress fl-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA). Twettqu ħafna kompiti b'sostenn ta' dan l-oġettiv. Dawn il-koll huma deskritt f'dettall akbar f'din

il-pubblikazzjoni. Pereżempju, wara domanda akbar, saru diversi programmi nazzjonali u reġjonali ta' taħriġ. Dan saħħaħ b'mod sinifikanti r-rwol tal-EASO bħala fornitur ta' programmi ta' taħriġ għall-Istati Membri u għal oħrajn. L-EASO pprovda wkoll diversi għodod ta' appoġġ għall-operazzjonijiet u għar-rilokazzjoni.

Wieħed mill-oqsma ta' fokus partikolari tal-EASO fl-2017 kien relatat mal-gwida għall-pajjiżi. L-EASO għamel analiżi approfondita tal-varjazzjoni fir-rati ta' rikonoxximent, li indikat (fost affarijiet oħra), li tnejn mir-raġunijiet possibbli wara l-varjazzjonijiet huma; il-valutazzjonijiet differenti magħmula fl-Istati Membri tas-sitwazzjoni f'pajjiż ta' oriġini speċifiku, u l-interpretazzjoni ta' ċerti kunċetti legali. Għaldaqstant, l-EASO wettaq ħidma sostanzjali f'dan il-qasam matul is-sena u għamel progress fl-informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini (COI) u waqqaf netwerk ta' gwida għall-pajjiżi. L-eżerċizzju pilota tiegħu biex jabbazza *Nota ta' gwida għall-pajjiżi dwar l-Afganistan* għenet lill-EASO jstabbilixxi l-qafas u l-metodoloġija għall-gwida futura.

L-EASO ssorvelja mill-qrib ukoll l-iżviluppi fis-sitwazzjoni tal-asil u pprovda aġġornamenti regolari u affidabbli dwar l-applikazzjonijiet għal asil fl-UE-28 u fil-pajjiżi assoċjati (UE+). Ir-rapporti tiegħu matul is-sena xeħtu saħansitra aktar dawl fuq ir-rwol indispensabbli tal-EASO fis-sostenn lill-Istati Membri fil-fruntieri esterni tal-UE.

Sar progress kostanti ulterjuri fil-ħidma tagħna fuq is-sostenn ta' pajjiżi terzi. Fost l-oħrajn, wara l-iffirmar ta' skambju ta' ittri mill-EASO u mid-direttorat ġenerali għall-ġestjoni tal-migrazzjoni (DGMM) (il-ministeru tal-intern tat-Turkija), l-EASO beda jimplementa attivitajiet speċifiċi ta' bini ta' kapaċità mat-Turkija.

L-attivitajiet ta' komunikazzjoni u r-relazzjonijiet tal-EASO mal-partijiet ikkonċernati minn dejjem kienu importanti għas-suċċess tal-attivitajiet tal-EASO. Matul l-2017, aħna żammejna kuntatt mill-qrib mal-bord ta' tmexxija, mal-Istati Membri tal-UE, mal-istituzzjonijiet tal-UE, ma' organizzazzjonijiet nongovernattivi internazzjonali u nazzjonali (NGOs) u ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs). Barra minn hekk, l-EASO ħataf l-oportunità offruta mill-presidenza Maltija tal-Kunsill fl-ewwel 6 xhur tas-sena biex jiltaqa' u jilqa' diversi delegazzjonijiet ewlenin ta' livell għoli fil-kwartieri ġenerali tiegħu.

L-EASO kien involut b'mod attiv f'forums interaġenzjali bħan-netwerk tal-aġenzji tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni. Barra minn hekk, fid-dawl tal-attivitajiet interkonnessi tal-EASO u tal-Aġenzja Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-EASO



organizza laqgħa konġunta f'Malta għall-bordijiet ta' tmexxija taż-żewġ aġenziji. Din il-laqgħa kienet unika f'diversi aspetti. Kienet l-ewwel darba li ż-żewġ bordijiet ta' tmexxija ltaqgħu biex iħarsu lejn kif l-aġenziji tagħhom jistgħu jtejbu l-kooperazzjoni operazzjonali tagħhom u jsaħħu l-iskambju ta' informazzjoni tagħhom għall-benefiċċju taż-żewġ sħab. Iffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni għal sentejn biex jiżguraw approċċ aktar integrat, l-ewwel minn diversi inizjattivi konkreti.

Attività ġdida oħra fl-2017 kienet il-proġett tagħna ta' monitoraġġ tal-midja soċjali, li ħadna minn taħt idejn l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR). Id-*data* miġbura kienet strumentali għall-fehim tat-tendenzi ġenerali tan-netwerk soċjali u għad-diskors relatat mal-ħarbi u mal-migrazzjoni, man-netwerks tat-traffikar, mal-frodi tad-dokumenti u ma' kwistjonijiet relatati mal-integrazzjoni. Barra minn hekk, wara dan is-suċċess, l-EASO ntalab minn numru ta' Stati Membri biex iħares lejn il-possibbiltà li jwettaq kampanji ta' informazzjoni mmirati f'pajjiżi terzi. Bħala tweġiba, l-EASO żviluppa kampanja tal-midja soċjali mmirata lejn in-Niġerjani mill-bidu nett. Dan il-proġett pilota, anki b'baġit baxx, qed jiġġielek kontra informazzjoni u messaġġi żbaljati u mhux realistiċi dwar l-asil u l-migrazzjoni li jinxterrdu fuq il-midja soċjali minn traffikanti u minn oħrajn.

Responsabbiltajiet ġodda u mwessgħin iġibu sfiدي ġodda. B'mod partikolari, l-importanza miksuba mill-ħidma operazzjonali tal-EASO kellha tiġi kkompensata bir-riżorsi xierqa. Biex jiġġestixxi l-iskala l-kbira tal-operazzjonijiet tiegħu, l-EASO kellu jżid ir-riżorsi umani u l-loġistika tiegħu. Konsegwentement, kellu jsib biżżejjed riżorsi finanzjarji disponibbli għall-operazzjonijiet. Biex jagħmel dan, l-EASO kellu jieħu deċiżjonijiet ta' riprijoritizzazzjoni u deprijoritizzazzjoni baġitarji diffiċli u jagħmel trasferimenti baġitarji matul is-sena. L-EASO laqa' wkoll l-isfida li jsib biżżejjed ekwipaġġ biex iwettaq il-ħidma operazzjonali tiegħu fl-Italja u fil-Greċja. Filwaqt li l-esperti tal-Istati Membri komplew jirrappreżentaw l-elementi ċentrali tal-kapaċità tal-EASO biex iwieġeb għall-isfidi fl-Istati Membri l-aktar esposti tal-UE, l-EASO beda jaħtar esperti interim u individwali biex jimlew il-vojt meta ma kienx fadal aktar riżorsi ta' esperti nazzjonali tal-Istati Membri.

F'ċertu sens, l-2017 tista' titqies bħala sena ta' tranżizzjoni, peress li l-EASO beda jnaqqas l-operazzjonijiet tiegħu lejn it-tieni nofs tas-sena minħabba tmiem il-programm

ta' rilokazzjoni tal-UE u t-tnaqqis fil-wasliet wara d-dikjarazzjoni UE-Turkija. Fl-istess ħin, bdejna nagħmlu bidliet fil-livell tal-organizzazzjoni tal-EASO, sabiex inħejju lill-EASO biex jieħu responsabbiltajiet ġodda f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni għal Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (EUAA), li se tittrasforma lill-EASO f'aġenzija kompluta b'aktar kompetenzi. Hekk kif it-test tar-regolament il-ġdid kompli jżviluppa aktar u r-rwoli tagħna ħadu aktar forma bl-ilħuq ta' ftehimiet politiċi bejn il-koleġiżlaturi, wieħed mill-għanijiet primarji fl-2017 kien li nsaħħu t-tnejn tagħna biex nimplimentaw il-mandat il-ġdid. F'dak il-kuntest ta' min jinnotta l-ħidma li qed titwettaq mit-task force interna tagħna u mill-bord ta' tmexxija tagħna fis-segwitu tal-proċessi leġiżlattivi mill-qrib u fl-implimentazzjoni tal-bażijiet neċessarji biex l-aġenzija l-ġdida tkun tista' taqbad taħdem mingħajr intoppi ladarba tiġi stabbilita. B'dan il-mod, it-task force żammet approċċ flessibbli biex l-attivitajiet ikunu jistgħu jiġu adattati faċilment skont l-eżitu finali tad-deċiżjoni dwar ir-regolament tal-EUAA.

Bħala konklużjoni, hu evidenti li s-sostenn operazzjonali u permanenti tal-EASO lill-pajjiżi li qed jaffaċċjaw pressjoni migratorja għadu indispensabbli. L-ċifri f'din il-pubblikazzjoni huma xhieda tal-kontribut sostanzjali tal-EASO fil-prattika. Madankollu, għad hemm sfidi kbar 'il quddiem, u fl-2018 l-EASO ser ikun qed jaħdem biex ikompli jirfina l-attivitajiet tiegħu fl-oqsma kollha biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-Istati Membri u tal-applikanti għal asil (anki fil-kuntest tal-EUAA pendenti). Mistoqsija li spiss issirilna hi jekk l-involvement tal-EASO fl-Ewropa jġibx aktar kwalità fis-sistemi nazzjonali tal-asil. Filwaqt li l-kwantità tal-involvement tagħna fit-taħriġ u fis-sostenn fil-proċessi tal-asil hi ċara ħafna, l-EASO ser ikollu bżonn ta' rwol ta' monitoraġġ biex imur jivverifika jekk is-SEKA hix qed tiġi implimentata. Ir-riżultati tal-indirizzar tal-applikazzjonijiet għadu qed ivarja ħafna bejn il-pajjiżi u għad hemm triq twila 'il quddiem għall-EASO biex jgħin jikkultiva l-konverġenza ferm meħtieġa u jgħib standards ta' kwalità għolja fl-UE. It-tama hi li l-EASO jkun jista' jgħib saħansitra aktar valur miżjud tanġibbli bil-mandat il-ġdid tiegħu.

Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, il-membri tal-persunal tal-EASO għadhom fil-qalba tal-EASO, u hekk kif jien ilqajt 82 membru ġdid fl-2017, inroddilhom ħajr kollha kemm huma talli għamli l-2017 sena ta' suċċess. Ninsab ħerqan biex inkompli nibnu forza tax-xogħol stabbli u b'saħħitha.

# 1. Introduzzjoni





## L-istqarrija tal-missjoni tal-EASO

Il-missjoni tal-EASO hi li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u għall-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) billi jipprovdi sostenn u jiffaċilita, jikkoordina u jsaħħaħ il-kooperazzjoni Prattika fost il-pajjiżi tal-UE+ bħala ċentru indipendenti ta' għarfien espert dwar l-asil.

## Il-prinċipji tal-EASO

Fit-twettiq tal-missjoni tiegħu, l-EASO jimpennja ruħu li dejjem jagħmel dan li ġej.

- Jipprovdi sostenn komprensiv u puntwali lill-Istati Membri li jitolbuh.
- Jistimola titjib fil-kwalità u fl-effikaċja tas-sistemi ta' asil u ta' akkoljenza tal-Istati Membri.
- Jagħixxi bħala ċentru indipendenti u imparzjali ta' għarfien espert.
- Jiprovdi *data*, analiżijiet u valutazzjonijiet preċiżi u aġġornati dwar materji relatati mal-asil.
- Jappoġġja lill-Istati Membri biex jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom fil-qasam tal-asil u fil-wiri ta' solidarjetà mal-Istati Membri li s-sistemi tal-asil tagħhom jinsabu taħt pressjoni.
- Jiffaċilita u jstimola miżuri ta' kooperazzjoni Prattika konġunti u komuni fl-asil u, bħala riżultat ta' dawn, irawwem fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri.
- Jipprovdi kontribut ibbażat fuq l-evidenza lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE dwar l-asil.
- Jikkoopera mal-istituzzjonijiet tal-UE, mal-aġenziji u l-korpi tal-UE, ma' pajjiżi terzi, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u mas-soċjetà ċivili.



### **Ir-rapport ġenerali annwali tal-EASO**

Ir-rapport ġenerali annwali jiddeskrivi l-kisbiet tal-EASO fl-2017 u jitthajja skont l-Artikolu 29(1)(c) tar-Regolament dwar l-EASO <sup>(1)</sup>. Ir-rapport ġie adottat mill-bord ta' tmexxija tal-EASO u ntbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, inkluż lis-Servizz tal-Awditjar Intern, u lill-Qorti tal-Awdituri sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju 2018. Ir-rapport ġenerali annwali hu dokument pubbliku u jiġi tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

L-EASO jipproduċi rapport annwali separat dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 12(1) u 29(1)(d) dak ir-rapport isir ukoll disponibbli għall-pubbliku.

---

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jstabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.

## 2. Nistabbilixxu l-isfond: żviluppi fl-2017





## L-indirizzar tal-pressjoni migratorja ssokkata

Is-sena 2017 ma għabet ebda tibdil partikolari kbir fil-politika li ħalla impatt b'mod sinifikanti fuq il-ħidma tal-EASO. Fil-fatt, il-ħidma mwettqa fl-2017 bniet primarjament fuq l-isforzi, l-istrutturi u l-oqfsa ta' politika implimentati fis-sentejn ta' qabel, b'ħall-adozzjoni tal-aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni, li stabbilixxiet approċċ komprensiv biex ittejjeb il-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-2015, u l-introduzzjoni tad-dikjarazzjoni UE-Turkija fl-2016. Madankollu, l-EASO kellu pjanijiet operazzjonali ġodda fis-seħħ mal-Istati Membri l-aktar esposti li tfasslu b'tali mod li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawn l-istati fl-2017, filwaqt li jiġu allinjati mal-politika tal-UE adottata fis-snin preċedenti.

Matul l-2017, in-numru għoli ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali fl-UE+ ippersista, għad li mhux fil-livelli tal-2015 u tal-2016. L-Istati Membri tal-UE l-aktar esposti kienu partikolarment affettwati mis-sitwazzjoni, u esperjenzaw pressjoni sinifikanti fuq is-sistemi ta' asil u ta' akkoljenza tagħhom. Dan ifisser li d-domanda għall-ħidma operazzjonali tal-EASO baqgħet hemm. Barra minn hekk, fid-dawl tal-pressjoni migratorja ssokkata, l-EASO kellu jespandi l-operazzjonijiet tiegħu fl-2017 u jiddedika aktar riżorsi għall-attivitajiet operazzjonali tiegħu fil-Greċja u fl-Italja b'mod partikolari.

## Rendikont tal-iżviluppi fil-Greċja

Minbarra d-dikjarazzjoni UE-Turkija tal-2016, il-Greċja rat tnaqqis konsiderevoli fin-numru ta' wasliet ta' kuljum. Madankollu, in-numru ta' applikazzjonijiet għal asil ippreżentati fl-2017 żdied b'mod esponenzjali. L-EASO kompli jsostni lill-Greċja, f'konformità mal-pjan operazzjonali tiegħu, fl-implimentazzjoni tal-programm ta' rilokazzjoni tal-UE, fl-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni UE-Turkija u fl-implimentazzjoni tas-SEKA, b'enfasi partikolari fuq is-sostenn għas-servizz ta' akkoljenza u ta' identifikazzjoni (RIS) u għas-servizz tal-asil tal-Greċja (GAS). L-esperti pprovdew ukoll appoġġ għall-ħaddiema tal-każijiet tal-unità ta' Dublin.

Is-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali (SRSS) tal-Kummissjoni Ewropea talab lid-ditta ta' konsulenza McKinsey biex tanalizza s-sitwazzjoni fil-gżejjer Griegi u, f'Diċembru 2016, il-Kunsill Ewropew approva l-pjan ta' azzjoni tal-konsultazzjoni biex ix-xogħol b'lura jitlestha sa April 2017. L-awtoritajiet Griegi u l-SRSS talbu lill-EASO biex ikun motivatur importanti tal-azzjonijiet identifikati fil-pjan, flimkien mal-GAS. Sensiela ta' rakkomandazzjonijiet u ta' azzjonijiet ewlenin relatati mal-effiċjenza, mal-veloċità u mal-kwalità mtejbja fl-ewwel istanza tal-proċedura tal-asil ġiet implimentata fl-ewwel nofs tas-sena, li kienet teħtieġ żieda fl-esperti u fl-interpreti stazzjonati mill-EASO.

## Preżenza akbar fl-Italja

L-Italja rat żieda qawwija fin-numru ta' wasliet permezz tar-rotta tal-Mediterran Ċentrali, u żieda fil-wasliet minn minorenni, inklużi minorenni mhux akkumpanjati, li wasslu għal pressjoni akbar fuq is-sistema ta' akkoljenza tagħha.

Fl-2017, l-EASO pprova sostenn permezz ta' attivitajiet relatati ma'; ir-rilokazzjoni, il-proċedura ta' Dublin ta' riunifikazzjoni tal-familja, ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, l-akkoljenza (b'enfasi partikolari fuq il-minorenni mhux akkumpanjati), bini ta' kapaċità għall-awtoritajiet lokali u għall-awtoritajiet li jiġġestixxu ċentri ta' akkomodazzjoni għal minorenni mhux akkumpanjati u żvilupp professjonali għall-persunal tal-ministeru Taljan tal-intern li jieħu ħsieb l-asil u l-akkoljenza, inkluż sostenn bis-COI.

Barra minn dan, l-ombudsman Taljan għat-tfal u għall-adoxxenti kitbet lill-EASO fl-aħħar ta' Mejju 2017 biex titlob sostenn ulterjuri. Dan irriżulta fl-iffirmar ta' emenda għall-pjan operazzjonali biex dan jinkludi miżura ġdida b'sostenn tas-sistema l-ġdida ta' tuturi volontarji. Il-miżura, li l-implimentazzjoni tagħha bdiet f'Awwissu, hi marbuta mill-qrib man-numru għoli ta' minorenni mhux akkumpanjati li waslu fl-Italja matul is-sena kif ukoll mal-aċċess tagħhom għall-proċedura għal protezzjoni internazzjonali.

F'Lulju, l-EASO wieġeb ukoll b'mod pożittiv għal talba mill-kmandant operazzjonali tal-Forza Navali mmexxija mill-Unjoni Ewropea — Mediterran (EUNAVFOR MED) għal sostenn tal-Operazzjoni Sophia fit-taħriġ tal-gwardja tal-kosta u tal-persunal navali tal-Libja, kif ukoll fl-għoti ta' lezzjonijiet lill-persunal tal-Operazzjoni Sophia tal-EUNAVFOR MED.

Fil-pjan ta' azzjoni tagħha ta' Lulju 2017 għall-appoġġ għall-Italja, il-Kummissjoni Ewropea talbet li l-EASO jsostni azzjoni addizzjonali fl-Italja. L-għanijiet ta' dan kienu li jiġu proċessati applikazzjonijiet u jiġu identifikati u reġistrati l-applikanti potenzjali kollha għar-rilokazzjoni, b'mod partikolari dawk mill-Eritrea. B'ħala tweġiba, l-EASO nieda kampanja ta' komunikazzjoni u t-timijiet mobilizzati ta' sostenn addizzjonali.

B'mod ġenerali, l-EASO żied il-preżenza tiegħu fl-Italja fl-2017, parzjalment b'timijiet mobbli, biex ikopri diversi postijiet ġodda, żoni ta' żbark, hotspots ġodda kif ukoll ċentri ta' akkomodazzjoni. Mill-bidu ta' April 2017, l-esperti tal-Istati Membri ġew stazzjonati fl-uffiċċju operazzjonali tal-EASO f'Ruma għal-istabbiliment ta' helpdesk.

## Rwol ferm imsaħħaħ f'Ċipru

F'konformità mal-emenda għall-pjan speċjali ta' sostenn (SPP) għal Ċipru, fl-2017 l-EASO ta sostenn lis-servizz tal-asil fil-ġestjoni tax-xogħol b'lura, u fit-tisħiħ tas-sistema nazzjonali ta' akkoljenza, kif ukoll fl-organizzazzjoni ta' workshops, ta' taħriġ u ta' żjarat ta' studju għall-persunal tas-servizzi tal-asil u tal-akkoljenza ta' Ċipru. F'April l-EASO fetaħ l-uffiċċju operazzjonali tiegħu f'Nikosija, fi ħdan il-bini tas-servizz tal-asil, u koordinatur fuq il-post tal-EASO ġie bbażat b'mod permanenti f'Nikosija minn Settembru 2017.

## It-tiftix għal esperti tal-EASO

B'mod ġenerali, l-iskala kbira tal-operazzjonijiet tal-EASO fil-prattika fl-2017 wasslet għal ħtieġa akbar għal esperti, li ma setgħetx tiġi ssodisfata b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri għal diversi raġunijiet. Bħala tweġiba, l-EASO nieda sejħiet miftuħa għall-esperti, bi profil u b'deskrizzjonijiet tal-kompitu aktar ċari, iproduċa perspettivi aktar fit-tul dwar il-ħtiġijiet ta' stazzjonament u beda jiżviluppa stampi sitwazzjonali ta' kull ġimġha dwar is-sigurtà. L-EASO beda jaħdem ukoll fuq it-titjib tal-kapaċità ta' ppjanar tiegħu, bl-iżvilupp tas-sistema tal-EASO ta' riżerva ta' intervent għall-asil (EAIPS) biex jiżgura li f'kull ħin ikun hemm ir-riżorsi neċessarji disponibbli.

Fuq it-talba ta' diversi Stati Membri u biex l-UE-28 tiġi pprovduta bil-garanziji neċessarji biex isaħħu l-impenn tagħhom u n-numru ta' stazzjonamenti ta' esperti fil-hotspots, f'Lulju l-EASO organizza żjara ta' ġbir ta' informazzjoni ("missjoni") għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa fil-hotspots f'Lesbos u f'Kos. Iż-żjara seħħet f'kooperazzjoni msaħħa mal-awtoritajiet Griegi, b'delegazzjoni żgħira komposta minn rappreżentanti tal-bord ta' tmexxija tal-EASO u tal-Kummissjoni Ewropea, sostnuti minn persunal tal-EASO u minn espert tas-saħħa u tas-sikurezza/sigurtà. Ir-rapport sussegwenti elenka n-nuqqasijiet fis-sigurtà u fis-saħħa identifikati u għamel diversi rakkomandazzjonijiet li għandhom jiġu indirizzati mill-awtoritajiet Griegi rilevanti.

Fl-2017, l-EASO kompli jibbaża ħafna fuq it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' esperti nazzjonali mill-Istati Membri. Madankollu, fin-nuqqas ta' esperti tal-Istati Membri, l-EASO emenda r-regoli rilevanti biex dawn jippermettu r-reklutaġġ ta' ħaddiema interim u għall-istazzjonament ta' esperti individwali lill-EASO meta jintuża grupp nazzjonali kollu. L-EASO beda jilqa' aktar profili subordinati mill-Istati Membri. Saret ħidma estensiva fit-taħriġ ta' dawn permezz ta' programm ta' taħriġ speċjali introdott ġdid għall-esperti subordinati.

## Tiċkin tal-operazzjonijiet tiegħu

Fit-tieni nofs tas-sena, is-sostenn tal-EASO nbidel. Peress li qies kompluti l-programm ta' rilokazzjoni tal-UE u l-prijoritajiet li segwew l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni konġunta dwar id-dikjarazzjoni UE-Turkija, l-EASO beda jnaqqas is-sostenn tiegħu f'dawn l-oqsma, u gradwalment beda jċekken it-timijiet tiegħu (permezz ta' appoġġ lill-RIS u lill-GAS għall-implimentazzjoni tal-proċedura regolari tal-asil u ssoktaw it-talbiet ta' Dublin mibgħuta). Finalment, b'referenza għad-dikjarazzjoni UE-Turkija, l-azzjonijiet matul l-aħħar trimestru tas-sena ffokaw fuq: it-titjib tal-perkors identifikazzjoni tal-vulnerabbiltà u riferiment, it-tisħiħ tal-kwalità tal-proċedura, l-iżgurar ta' komunikazzjoni xierqa tad-drittijiet u tal-obbligi lill-applikanti, il-garanzija tas-sikurezza u tas-sigurtà tal-persunal u tas-siti operazzjonali. L-EASO qabel ukoll li jsostni lill-Greċja fil-proċedura regolari tal-asil.

## L-EASO fix-xena internazzjonali

Fil-livell internazzjonali, fl-2017 l-EASO kkontribwixxa għat-titjib tal-kapaċità ta' asil u ta' akkoljenza f'pajjiżi terzi f'konformità mal-politiki u mal-prijoritajiet ġenerali tar-relazzjonijiet esterni tal-UE, b'mod partikolari l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' sħubija ġdida ma' pajjiżi terzi skont l-aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni.

L-EASO kien involut f'attivitajiet skont il-Proġett reġjonali Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) II dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni sensitiva għall-protezzjoni (2016-2018) fil-Balkani tal-Punent. Fl-Afrika ta' Fuq, l-EASO żgura wħud mill-azzjonijiet ta' segwitu għall-pjan tal-ENPI, li kienu għalqu fl-2016, b'mod partikolari mal-Ġordan u mat-Tuneżija. Barra minn hekk, hu wettaq xi attivitajiet relatati mal-RDPP tal-Afrika ta' Fuq.

L-EASO qeda wkoll rwol fir-risistemazzjoni, f'konformità mal-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill — COM(2016) 468. L-EASO beda jiżviluppa għodod u taħriġ f'kooperazzjoni mill-qrib mal-proġett dwar l-iffaċilitar tar-risistemazzjoni u tal-ammissjoni tar-refuġjati permezz ta' għarfien ġdid (EU-FRANK), u qed jiġbor *data* dwar ir-risistemazzjoni għall-UE+. Minbarra dan, l-espert ta' risistemazzjoni tal-EASO ssieħeb mad-delegazzjoni tal-UE f'Ankara u ġie ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni mal-ministeru tal-intern tat-Turkija (l-implimentazzjoni bdiet fl-2017).

### **Kompiti ġodda: monitoraġġ tal-midja soċjali**

Għall-ewwel darba, fl-2017, l-EASO ssorvelja l-midja soċjali bil-Għarbi, bil-Pashto, bid-Dari u bil-Farsi, bħala parti minn proġett ta' monitoraġġ tal-midja soċjali meħud minn taħt ir-responsabbiltà tal-UNHCR. Il-proġett li beda bħala proġett konġunt bejn il-UNHCR u l-EASO fl-ewwel 3 xhur tas-sena żviluppa fi proġett esklużiv tal-EASO bi tliet persuni jaħdmu full-time fuqu sa tmiem l-2017. L-EASO kkollabora ma' numru ta' uffiċċji u ta' aġenziji nazzjonali u internazzjonali għat-twassil b'suċċess u għas-segwitu tas-sejbiet tal-proġett.

### **Sena mmarkata minn deċiżjonijiet baġitarji diffiċli**

Iż-żieda sinifikanti fl-attivitajiet operazzjonali tal-EASO fl-2017 kienet teħtieġ riżorsi finanzjarji xierqa. L-EASO beda s-sena b'baġit ta' EUR 69.2 miljun. L-ewwel emenda għall-baġit ipprovdiet EUR 3.8 miljun oħra, li ġew allokati primarjament biex jiffinanzjaw l-ispejjeż imġarrba mill-appoġġ operazzjonali lill-Greċja u lill-Italja u fil-qasam tat-taħriġ.

Madwar nofs is-sena, sar evidenti li n-nefqa operazzjonali kienet ser tkun ikbar mill-istimi preċedenti. Konsegwentement, saret it-tieni emenda baġitarja, li żiedet il-baġit b'EUR 13.78 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 6.17 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. Din iż-żieda qawwija fil-baġit (Settembru 2017) kienet neċessarja biex tiġi ffinanzjata t-traduzzjoni ta' numru akbar ta' moduli ta' taħriġ ċentrali tal-EASO u biex jiġu ffinanzjati l-operazzjonijiet fil-Greċja u fl-Italja, li kienu mmarkati minn volum akbar ta' xogħol, u numri akbar ta' stazzjonamenti ta' esperti u ta' interpreti.

Rigward l-Italja, il-kost oġhla tal-operazzjonijiet kien riżultat dirett tal-emenda fil-pjan operazzjonali għall-appoġġ estiż b'rabta ma' minorenni mhux akkumpanjati flimkien mal-ombudsman għat-tfal u għall-adoxxenti. Fl-istess ħin, l-aġenzija wettqet ukoll żewġ proċessi ta' deprijoritizzazzjoni, li dderiġew mill-ġdid il-flus lejn l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' sostenn fil-Greċja u l-iżvilupp ta' għodod ta' sostenn għall-operazzjonijiet.

### **It-tnejn għal mandat ġdid**

Filwaqt li n-negozjati dwar l-istrumenti legali proposti tas-SEKA riformata għadhom għaddejnin, it-tnejniet tal-EASO għal żviluppi futuri ilhom għaddejnin sew sa minn kmieni fl-2017. L-EASO qed jissorvelja s-sitwazzjoni attwali tal-abbozz tal-pakkett tal-leġiżlazzjoni tas-SEKA u kemm il-bord ta' tmexxija tal-EASO kif ukoll l-EASO qed iħejju għar-rwol espandut u għall-kompiti speċifiċi l-ġodda tiegħu. Matul it-tnejniet tal-EASO għall-implimentazzjoni tar-regolament il-ġdid dwar l-EUAA, fl-24 ta' April 2017 ġiet stabbilita task force interna għall-implimentazzjoni tal-EUAA (EITF). Il-mandat tagħha hu li tiggwida u tissorvelja l-ippjanar għar-regolament dwar l-EUAA. Fl-2017 l-aġenzija bdiet tfittex ukoll il-gwida tal-bord ta' tmexxija fit-tnejn għall-kompiti u għall-oqsma ta' prijorità l-ġodda tagħha.

Rigward it-tnejniet mil-lat amministrattiv, l-EASO qed ikompli jibni l-istruttura interna tiegħu u r-reklutaġġ miexi 'l quddiem hekk kif qed jimtlew karigi ewlenin. L-EASO għamel ukoll investment sinifikanti fl-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u qed jinnegozja kuntratti biex jipprovdri għall-ispazju biex jilqa' persunal addizzjonali.



### 3. Il-prijoritajiet tal-EASO fl-2017



L-EASO stabbilixxa l-prijoritajiet tiegħu għall-2017 fil-programm ta' ħidma 2017 (adottat mill-bord ta' tmexxija fit-18 ta' Novembru 2016 u sussegwentement aġġustat f'konformità mal-baġit adottat tal-UE). Il-programm ta' ħidma u l-baġit ġew emendati darbtejn biex iqisu l-bidliet sinifikanti li seħħew matul l-2017.

Il-prijoritajiet tal-EASO fl-2017 kienu kif ġej.

- **Tishiġ tas-sostenn operazzjonali**

- Iż-żieda tas-sostenn operazzjonali fuq il-bażi tal-ħtiġijiet emerġenti tal-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ il-liġijiet tal-UE dwar l-asil ("l-*acquis* tal-UE dwar l-asil"), b'mod partikolari għal dawk l-Istati Membri li huma soġġetti għal pressjoni fuq is-sistemi ta' asil u ta' akkoljenza tagħhom

minħabba żidiet straordinarji fl-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali.

- B'mod parallel u b'mod addizzjonali għall-operazzjonijiet li għaddejjin, it-tnejn tal-EASO biex jistazzjona persunal u esperti u biex jipprovdi s-sostenn neċessarju fl-infrastruttura/fis-servizzi skont il-ħtiġijiet fil-prattika u t-talbiet tal-Istati Membri.

- It-tlestija tar-rilokazzjoni tal-160 000 applikant li qed ifittxu asil mill-Greċja u mill-Italja lejn pajjiżi oħra tal-UE+.

- L-iżvilupp ta' għodod ta' sostenn għall-operazzjonijiet u għar-rilokazzjoni.

- It-titjib tal-ġbir u tal-analiżi tad-*data* operazzjonali.





- **Informazzjoni, analiżi u żvilupp tal-għarfien**

- Il-konsolidazzjoni tar-rwol tal-EASO bħala mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għas-COI nazzjonali billi: jikkoordina l-produzzjoni nazzjonali tas-COI, jipproduċi aktar COI komuni permezz tal-approċċ f'netwerk u jippromwovi l-użu effettiv permezz tal-portal tas-COI.
- It-tiġid tal-kapaċità tal-produzzjoni interna tat-tim tas-COI skont il-konklużjonijiet tal-21 ta' April 2016 tal-Kunsill.
- It-tnejn ta' trasferiment gradwali tal-attivitajiet ta' informazzjoni medika tal-pajjiż ta' oriġini (MedCOI), kif xieraq, skont pjan ta' azzjoni stabbilit f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri.
- L-issoktar tal-produzzjoni ta' informazzjoni rilevanti għad-deżinjazzjoni possibbli ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu.
- L-iżvilupp ulterjuri tas-sistema ta' informazzjoni u ta' dokumentazzjoni (IDS) tal-EASO bħala għodda għdida ta' monitoraġġ sistematiku dwar is-SEKA, b'input minn diversi sorsi inklużi l-immappjar tal-matriċi tal-kwalità, il-każistika nazzjonali u Ewropea, u l-leġiżlazzjoni nazzjonali.
- L-iżvilupp ulterjuri tas-sistema ta' twissija bikrija u ta' tnejn tal-EASO biex jitravwem il-ħolqien ta' stampa sitwazzjonali effettiva dwar il-migrazzjoni, li tkun tista' tintuża għat-tfassil tal-politiki, għat-tnejn tar-rispons, u għall-monitoraġġ futur.
- L-issoktar tal-isforzi biex jinħoloq mudell validat b'mod empiriku tal-funzjonament tal-migrazzjoni relatata mal-asil permezz tal-programm ta' riċerka tal-EASO dwar il-fatturi ta' spinta u ta' attrazzjoni.

- **Titjib tal-kwalità tal-proċessi tal-asil u tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza**

- L-issoktar tal-immappjar tal-politiki u tal-prattiki fir-rigward tas-SEKA u l-iżvilupp ta' għodod u ta' gwidi li jkollhom l-għan li jtejbu l-kwalità tal-proċessi u tad-deċiżjonijiet tal-asil, abbażi tal-ħtiġijiet identifikati u tal-aħjar Prattiki.
- L-iżvilupp ta' standards u ta' indikaturi operazzjonali u tal-oqfsa ta' valutazzjoni korrispondenti għall-funzjoni futura ta' monitoraġġ tal-EASO.
- It-tiġid tas-sostenn għall-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kwalità fil-livelli tal-UE u nazzjonali.

- Is-sostenn tal-identifikazzjoni aħjar ta' persuni vulnerabbli, inkluż fil-kuntest tal-hotspots u waqt l-implimentazzjoni tar-rilokazzjoni.
- Il-konsolidazzjoni tan-netwerk tal-unitajiet nazzjonali ta' Dublin stabbiliti fl-2016, bl-għan li jitravwem kooperazzjoni reċiproka u applikazzjoni konsistenti tas-sistema ta' Dublin, inkluż għall-finijiet ta' rilokazzjoni.
- It-tiġid tal-ħidma tan-netwerk tal-awtoritajiet nazzjonali ta' akkoljenza biex jitravwem l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar Prattiki, kif ukoll l-issoktar tal-iżvilupp tal-istandards operazzjonali u tal-indikaturi dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza.

- **Taħriġ u żvilupp professjonali**

- It-tiġid ulterjuri tar-rwol tat-taħriġ komuni u tal-iżvilupp professjonali fl-asil.
- L-aġġornar u t-titjib ulterjuri tal-kurrikulu tat-taħriġ tal-EASO f'konformità mal-prinċipju taċ-ċiklu tal-ħajja tal-moduli tal-EASO.
- It-tnedija ta' pjattaforma għdida tat-tagħlim elettroniku biex jissaħħu l-possibiltajiet eżistenti ta' tagħlim elettroniku.
- It-twaqqif ta' kwalifika settorjali internazzjonali, biex jiġi żgurat li l-uffiċjali tal-asil iċċertifikati jkollhom il-livell ta' għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa.
- Il-provvista ta' sessjonijiet ta' taħriġ tematiku għal gruppi speċifiċi.
- It-tkomplija tat-tnejn konġunta ta' materjali tal-iżvilupp professjonali għall-membri tal-qrati u tat-tribunali nazzjonali, filwaqt li jiġi rispettata bis-sħiħ il-prinċipju tal-indipendenza tal-ġudikatura.

- **Dimensjoni esterna**

- F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2016 u f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), is-sostenn tal-approċċ ta' sħubijiet imġedda ma' pajjiżi terzi, permezz ta' "patti" mfassla apposta, li għandhom jiġu żviluppati skont is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet ta' kull pajjiż terz sieħeb.
- L-immirar ġeografiku tal-attivitajiet tal-EASO f'konformità mal-istrateġija tal-EASO dwar l-azzjoni esterna, b'enfasi ssoktata fuq il-Balkani tal-Punent, it-Turkija u l-Afrika ta' Fuq.
- It-twettiq ta' attivitajiet tal-EASO fil-Balkani tal-Punent permezz ta' kooperazzjoni msaħħa mal-aġenziji

tal-UE u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (eż. l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), il-UNHCR u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM)) li jwieġbu għall-ħtiġijiet fir-reġjun billi jiġu pprovduti bini ta' kapaċità, kif ukoll sostenn operazzjonali (fejn xieraq), b'kunsiderazzjoni tal-arranġamenti reġjonali eżistenti.

- Segwitu għall-pjan ta' azzjoni tas-summit ta' Valletta ta' Novembru 2015 billi jiġi pprovdut taħriġ u tittejjeb il-kwalità tal-proċessi tal-asil, kif xieraq, fil-pajjiżi terzi rilevanti.
- L-għoti ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-iskema Ewropea ta' risistemazzjoni u ta' azzjonijiet oħra

ta' risistemazzjoni tal-pajjiżi tal-UE+ permezz ta' miżuri ta' bini ta' kapaċità fl-Istati Membri li ftit li xejn għandhom esperjenza, jew m'għandhom l-ebda esperjenza, fir-risistemazzjoni, permezz ta' proġett pilota f'pajjiżi terzi strateġiku.

- **Attivitajiet orizzontali**

- It-tisħiħ tal-effikaċja b'mod orizzontali fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha tan-netwerk ta' kooperazzjoni tal-EASO, inklużi l-UNHCR u l-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-aġenziji tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni (ĠAI). L-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjoni pożittiva tal-EASO mas-soċjetà ċivili permezz ta' konsultazzjonijiet aktar immirati, attivitajiet ta' trasparenza u attivitajiet ta' komunikazzjoni.

## 4. Il-kisbiet tal-EASO fl-2017



Ir-riżultati tal-EASO għall-2017 huma deskritti f'dettall hawn isfel taħt l-intestaturi rispettivi għall-attivitàjiet tan-negozju ewlenin tiegħu.

## 4.1. Sostenn operazzjonali

L-EASO jwettaq attivitàjiet ta' sostenn operazzjonali bl-għan li jindirizza l-ħtiġijiet emerġenti tal-Istati Membri biex jimplimentaw l-*acquis* tal-UE dwar l-asil bis-sħiħ u biex jirrispondu għall-pressjoni partikolari fuq is-sistemi ta' akkoljenza u ta' asil tagħhom. L-EASO jfassal is-sostenn operazzjonali tiegħu għall-ħtiġijiet speċifiċi kif ukoll għat-talbiet li jsiru mill-Istati Membri individwali.

Is-sostenn operazzjonali jiġi pprovdut billi jiġu stazzjonati esperti tal-pajjiżi tal-UE+ f'timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-asil (ASTs) jew billi jiġi pprovdut appoġġ ieħor kif ikun meħtieġ, inkluż permezz ta' proċessar konġunt u billi jitqiegħed għad-dispożizzjoni persunal interim. L-EASO jikkoopera mal-korpi rilevanti fil-provvediment ta' dan l-appoġġ, billi jiddedika attenzjoni speċjali lill-kooperazzjoni operazzjonali mal-Frontex u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn.

Biex jiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti tal-attivitàjiet fil-prattika, l-EASO jipprovdi l-loġistika, it-tagħmir u l-għamara meħtieġa kif ukoll is-servizzi meħtieġa, bħal servizzi ta' interpretazzjoni jew ta' medjazzjoni kulturali, servizzi ta' trasport u appoġġ amministrattiv.

### 4.1.1. L-Italja

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017
<b>Pjan Operazzjonali 1 emendat u implimentat u Pjan Operazzjonali 1 ġdid iffirmat</b>
<b>371 espert stazzjonat:</b> <b>34 għat-taħriġ u għall-bini ta' kapaċità tal-unità Taljana tas-COI</b> <b>327 espert involuti fi proċeduri u f'għodod b'appoġġ tar-rilokazzjoni</b> <b>10 esperti interim b'appoġġ tal-Ombudsman Taljan</b>
<b>78 medjatur kulturali u 30 membru tal-persunal interim tal-EASO kkuntrattati</b>
<b>540 parteċipant minn awtoritajiet nazzjonali u lokali, u mis-soċjetà ċivili f'miżuri ta' sostenn (bini ta' kapaċità ta' akkoljenza, taħriġ, żvilupp professjonali)</b>
<b>Kważi 44 000 migrant fl-Italja ġew informati dwar ir-rilokazzjoni u Dublin wara s-sostenn tal-EASO</b>
<b>10 726 applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ġew reġistrati bis-sostenn tal-EASO</b>
<b>11 464 persuna ġew rilokati bis-sostenn tal-EASO, 8 808 minnhom fl-2017</b>

### Assistenza teknika u operazzjonali

Wara talba għal sostenn mill-awtoritajiet Taljani, l-EASO ffirma pjan operazzjonali mal-Italja f'Diċembru 2016, li kopra l-assistenza teknika u operazzjonali kollha, inkluż is-sostenn għall-proċedura ta' rilokazzjoni. Dan il-pjan ġie implimentat fuq 12-il xahar (Jannar-Diċembru 2017). Fi tmiem l-2017, l-EASO, f'kollaborazzjoni msaħħa mal-awtoritajiet Taljani, identifika l-ħtiġijiet operazzjonali għall-2018, u ffirma pjan operazzjonali ġdid.

Skont il-pjan oriġinali għall-2017, l-EASO żviluppa b'mod ulterjuri s-sostenn operazzjonali tiegħu għall-Italja billi wieġeb għall-pressjoni partikolari fuq is-sistemi ta' asil u ta' akkoljenza tal-Italja u billi sostna l-implimentazzjoni sħiħa tal-*acquis* tal-UE dwar l-asil. L-EASO kien responsabbli mill-provvista ta' dawn li ġejjin:

- Appoġġ fl-informar u fir-reġistrazzjoni tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali.
- Appoġġ fl-indirizzar tat-talbiet ta' karigu ta' Dublin mibgħuta.
- Kapaċità msaħħa ta' akkoljenza, speċjalment rigward minorenni mhux akkumpanjati.
- Appoġġ għall-iżvilupp professjonali u għall-attivitàjiet tas-COI tal-persunal tad-dipartiment tal-libertajiet ċivili u tal-immigrazzjoni fi ħdan il-ministeru Taljan tal-intern.

L-EASO ffaċilita wkoll l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali (NCPs) u l-awtoritajiet kompetenti fl-Italja.

### Sostenn bit-taħriġ

L-appoġġ tal-EASO fit-titjib tal-kapaċità ta' akkoljenza: Fl-2017 l-EASO għamel tmien sessjonijiet ta' taħriġ fuq jumejn għall-awtoritajiet li jiġġestixxu ċ-ċentri ta' akkomodazzjoni għal minorenni mhux akkumpanjati. Għal aktar informazzjoni dwar it-taħriġ operazzjonali, jekk jogħġbok ara t-taqsimiet "żvilupp tal-appoġġ għal operazzjonijiet, il-hotspots u r-rilokazzjoni" u "taħriġ".

Minbarra dan li ntqal hawn fuq (u fuq it-talba tal-awtoritajiet Taljani), l-EASO pprovda kontejners biex jintużaw bħala unitajiet ta' akkoljenza, binjiet mediċi, imħażen u uffiċini mobbli għall-hotspots ta' Taranto.

B'sostenn tal-iżvilupp professjonali mmirat lejn it-tiħiħ tal-ħiliet, tal-għarfien, tal-għodod u tal-proċeduri tal-persunal nazzjonali Taljan, l-EASO organizza żjara waħda ta' studju tal-persunal tal-kummissjoni tal-asil tal-Italja għand l-awtoritajiet tal-asil tal-lżvizzera, żewġ konferenzi internazzjonali tas-COI dwar in-Niġerja u l-Pakistan, żewġ skedi informattivi tas-COI dwar il-Bangladexx



u n-Niġerja, u ħarreġ lill-persunal Taljan f'diversi oqsma relatati.

### Rwol ta' bini ta' kapaċità

Fl-2017, l-EASO kompli wkoll isostni lill-awtoritajiet Taljani billi jwettaq attivitajiet ta' bini ta' kapaċità biex jippermettilhom jindirizzaw aħjar l-influss għoli.

L-ASTs tal-EASO informaw lil kważi 44 000 migrant (li waslu l-Italja permezz tar-rotta tal-Mediterran Ċentrali) dwar il-programm ta' rilokazzjoni tal-UE u l-proċedura ta' Dublin. L-EASO sostna wkoll l-identifikazzjoni, ir-riferiment u r-reġistrazzjoni ta' 10 726 applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont il-programm ta' rilokazzjoni tal-UE, il-kriterji tal-unità tal-familja (ir-regolament Dublin III), u l-proċedura nazzjonali tal-Italja dwar l-asil.

B'mod aktar speċifiku, l-EASO sostna lill-awtoritajiet Taljani fit-tnejn ta' 7 999 talba ta' rilokazzjoni u ta' 9 203 deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni, u fil-ġestjoni ta' 1 320 talba ta' karigu ta' Dublin. Bħala riżultat ta' dan is-sostenn, 11 464 kandidat ġew rilokati mill-Italja sa tmien l-2017.

Fit-tieni trimestru tal-2017, l-EASO pprova wkoll sostenn fl-aġġornar tal-mudelli użati għad-detezzjoni ta' każijiet potenzjali ta' esklużjoni, għall-kontrolli tal-vulnerabbiltà u għar-reġistrazzjoni ta' membri tal-familja fil-kuntest ta' rilokazzjoni.


### Rwol estiż fl-Italja

Għall-adattament għas-sitwazzjoni li kienet qed tevolve malajr fl-Italja u fuq talba mill-awtoritajiet Taljani, l-EASO aġġusta l-attivitajiet tiegħu biex jipprovdi sostenn xieraq għall-indirizzar tal-ftiġijiet emerġenti l-ġodda.

Għaldaqstant, f'Lulju 2017 il-pjan operazzjonali ġie emendat, biex b'hekk ir-rwol tal-EASO fl-Italja ġie estiż b'miżura mmirata lejn it-tiżni tal-kapaċità tal-ombudsman tal-Italja għat-tfal u għall-adoloxxenti u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni għall-minorenni mhux akkumpanjati.

F'dan il-kuntest, l-EASO ħejja lista ta' tuturi volontarji, ilkoll imħarrġa mill-EASO (ħames sessjonijiet ta' taħriġ fuq 4 ijiem). Il-miżura ta' appoġġ kienet tinkludi wkoll kampanja estensiva ta' tqajjim ta' sensibilizzazzjoni (irreferi għal 4.5.2 *Il-komunikazzjoni u r-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati tal-EASO*, għal aktar dettalji). Għaxar esperti ġew stazzjonati għall-implimentazzjoni ta' dan il-kompitu, u sitta minnhom kienu bbażati fl-uffiċċju tal-ombudsman f'Ruma u erbgħa ġew stazzjonati fir-reġjuni ta' Toscana, Sardegna u Abruzzo taħt ir-responsabbiltà diretta tal-ombudsman. Dawn l-attivitajiet se jitkomplew u jiġu evalwati fl-2018.

Ta' min jinnota wkoll li fl-2017 l-EASO estenda l-ispezzjoni fl-uffiċċju operazzjonali tiegħu f'Ruma biex jipprovdi aktar lok għal faċilitajiet ta' sostenn bħal kmamar ta' taħriġ.



#### 4.1.2. Il-Greċja

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017
<b>Pjan Operazzjonali 1 implimentat u Pjan Operazzjonali 1 ġdid iffirmat</b>
<b>7 500 telefonata fil-gimġha mwiegħa minn 2 Linji ta' Assistenza tal-EASO</b>
<b>2 "Desks ta' Eskalazzjoni"</b>
<b>13-il kontejner ipprovdut b'għamara u b'tagħmir tal-ICT</b>
<b>51 espert stazzjonati għas-sostenn fil-Programm ta' Rilokazzjoni tal-UE</b>
<b>19-il membru tal-persunal interim sekondar għas-sostenn fil-Programm ta' Rilokazzjoni tal-UE u fil-proċedura regolari tal-asil</b>
<b>Grupp ta' 124 interpretu pprovdut interpretazzjoni għar-rilokazzjoni u għas-sostenn għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija</b>
<b>Appoġġ fir-reġistrazzjoni ta' 27 000 applikazzjoni għal rilokazzjoni</b>
<b>Appoġġ fit-trażmissjoni ta' 24 904 talbiet ta' rilokazzjoni</b>
<b>Aktar minn 50 żjara fuq il-post imwettqa għall-provvista ta' informazzjoni</b>
<b>9 esperti u 6 interims stazzjonati u sekondati fl-unità Griega ta' Dublin</b>
<b>139 parteċipant mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Greċja fil-miżuri ta' sostenn tal-bini ta' kapaċità</b>
<b>308 esperti, u interpreti stazzjonati għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija</b>
<b>124 interpretu u 148 membru tal-persunal interim tal-EASO kkuntrattati</b>
<b>58 ħaddiem interim tal-każijiet stazzjonati għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, 25 assistent interim għar-reġistrazzjoni, u 3 assistenti operazzjonali interim</b>
<b>11-il assistent relatur legali sekondati għall-Kumitati tal-Appelli Indipendenti</b>
<b>9 134 intervista għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija mwettqa bis-sostenn tal-EASO, jiġifieri madwar 68 % tal-intervisti kollha mwettqa fil-5 hotspots fl-2017</b>
<b>2 274 valutazzjoni tal-vulnerabbiltà fil-qafas tal-proċedura ta' ammissibbiltà u ta' eliġibbiltà u l-fluss ta' xogħol amalgamat</b>
<b>645 intervista ta' vulnerabbiltà mwettqa għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija</b>
<b>14 430 persuna rilokati bis-sostenn tal-EASO</b>

F'Diċembru 2016, l-EASO ffirmat pjan operazzjonali mal-Greċja, li kien ikopri l-assistenza teknika u operazzjonali kollha li kellha tiġi pprovduta (Jannar 2017-Diċembru 2017).

B'mod simili għas-sostenn tiegħu għall-Italja, fil-Greċja l-EASO kkontribwixxa għall-bini tal-kapaċità u tar-riżorsi tal-awtoritajiet Griegi biex jimplimentaw is-SEKA u l-programm ta' rilokazzjoni tal-UE. Fil-Greċja, is-sostenn tal-EASO jinkludi wkoll appoġġ biex id-dikjarazzjoni UE-Turkija ssir operazzjonali, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni konġunta tal-Kummissjoni Ewropea. L-EASO sostna wkoll lill-Greċja fil-proċedura regolari tal-asil.

B'mod parallel mal-istazzjonar tal-esperti (u b'mod kontinġenti għat-talbiet riċevuti), fl-2017 l-EASO assista lill-awtoritajiet Griegi fil-loġistika, bit-tagħmir u b'servizzi oħra. Dawn kienu jinkludu kontejners (jiġifieri stazzjonijiet operazzjonali mobbli) b'għamara u b'tagħmir tal-ICT, appoġġ għall-proċessar minn persunal interim u servizzi ta' interpretazzjoni

#### Ir-rilokazzjoni mill-Greċja

Fl-2017, ir-responsabbiltajiet tal-EASO skont il-programm ta' rilokazzjoni tal-UE fil-Greċja kienu simili għal dawk fl-Italja. Dawn kienu jinvolvu l-provvista ta' informazzjoni lil kandidati potenzjali ta' rilokazzjoni, ir-riferiment ta' dawn lill-GAS, is-sostenn tar-reġistrazzjoni sħiħa tal-applikazzjonijiet tagħhom, u (f'kooperazzjoni mal-GAS, mal-Istati Membri u mal-UNHCR) l-ikkuntattjar u s-sostenn lill-applikanti b'raba mal-appuntamenti għall-intervisti tagħhom (eż. Il-provvediment tat-trasport). L-EASO pprovdut wkoll sostenn fid-detezzjoni ta' frodi tad-dokumenti fil-bini tas-servizzi tal-asil u tar-rilokazzjoni.

Biex isaħħaħ l-effikaċja tal-programm, l-EASO għamel dan li ġej:

- Ħatar persunal għal żewġ linji ta' assistenza dedikati;
- Ħatar persunal għal żewġ "desks ta' eskalazzjoni" kemm għar-rieżami tal-kwalità kif ukoll għall-pariri (l-unità ta' rilokazzjoni tal-Greċja f'Ateni u f'Thessaloniki);
- Żviluppa "għodda ta' tlaqqiġ" (irreferi għat-Taqsima 4.1.4 l-iżvilupp ta' għodod ta' sostenn) biex isostni l-"unità ta' tlaqqiġ" tal-proċess ta' rilokazzjoni.

#### Għajnuna għall-Greċja biex tkampa bil-wasliet mit-Turkija

Minn Marzu 2016, l-EASO pprovdut sostenn lill-awtoritajiet Griegi fl-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni UE-Turkija fil-Gżejjer Griegi. Fl-2017, dan is-sostenn żdied b'ħaddiema interim tal-każijiet biex isostnu l-proċedura tal-intervisti fil-gżejjer, is-sekondar tal-assistenti interim



tar-reġistrazzjoni għall-GAS u s-sekondar tar-relaturi legali assistenti interim għall-kumitati tal-appelli indipendenti biex iħejju l-fajls b'sostenn tal-proċessar ta' talbiet ta' asil fit-tieni istanza tal-proċedura tal-asil.

Il-ħaddiema tal-każijiet u l-interpreti tal-EASO pprovdew sostenn fit-tweġġ ta' 9 134 intervista tal-asil u fl-abbozzar tar-rimarki tal-konklużjoni skont il-proċedura tal-fruntieri. Minbarra dan, biex jiżgura l-kwalità fil-proċedura, l-EASO wettaq diversi inizjattivi biex iħarreġ u jħejji lill-persunal (irreferi għat-Taqsimiet 4.1.4 u 4.3.1 għal aktar dettalji) għall-kompiti speċifikati ewlenin tagħhom fil-gżejjer Griegi.

Fi Frar 2017, l-EASO stabbilixxa helpdesk f'Ateni fejn hu għandu esperti superjuri li jagħtu pariri dwar materji relatati mas-COI u dwar każijiet individwali kumplessi. Barra minn hekk, fuq bażi ta' darbtejn fil-ġimgħa, l-EASO rrieżamina l-kwalità tat-traskritti tal-intervisti, tal-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u tal-opinjoni ta' esperti f'każijiet eżaminati mill-esperti stazzjonati.

F'termini tal-faċilitajiet tal-uffiċċju, l-EASO kellu jwettaq xogħlijiet ta' tiġdid fl-2017 fl-uffiċċji tiegħu f'Lesbos u f'Chios biex jagħmel il-faċilitajiet tal-EASO operazzjonali, u kkuntratta żewġ assistenti tas-sigurtà interim għal dawn il-postijiet. B'dan, issa l-EASO għandu servizzi tas-sigurtà fis-seħħ fl-oqsma kollha ta' operazzjoni fil-gżejjer Griegi. (Għal aktar informazzjoni dwar it-taħriġ operazzjonali, jekk jogħġbok ara t-taqsimiet "żvilupp tal-appoġġ għal operazzjonijiet, il-hotspots u r-rikkazzjoni" u "taħriġ").

#### **Rispons aħjar għall-ħtiġijiet tal-applikanti vulnerabbli**

L-attivitajiet tal-EASO ta' bini ta' kapaċità fil-qasam tal-akkoljenza kienu jinkludu laqgħat tematiċi, sessjoni

waħda ta' ħarreġ lill-ħarrieġa fil-modulu ta' akkoljenza tal-EASO, u żewġ workshops dwar l-akkoljenza. Ħames esperti mill-pajjiżi tal-UE+ ġew stazzjonati fil-kuntest tal-bini tal-kapaċità ta' akkoljenza u sitt membri tal-persunal interim ta' sostenn ġew sekondati lill-RIS tal-Greċja biex isostnu l-ħtiġijiet operazzjonali.


Il-qasam ta' fokus ewleni tagħhom kien fuq it-tisħiħ tal-identifikazzjoni u tal-kategorizzazzjoni tal-vulnerabbiltajiet u r-riferiment ta' persuni vulnerabbli. Is-sessjonijiet ta' taħriġ ingħataw dwar: il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet; il-mudelli mediċi/tal-vulnerabbiltà żviluppata ġodda u t-tagħmir tal-ICT għall-RIS (irreferi għat-Taqsima 4.1.4 L-iżvilupp ta' għodod ta' sostenn). Ingħata wkoll workshop dwar l-għodda tal-IPSN, minbarra tgħarrif għall-uffiċjali tal-protezzjoni tal-minorenni tal-RIS.

#### **Is-sostenn tad-deċiżjonijiet dwar liema pajjiż għandu jipproċessa l-applikazzjoni għal asil**

Barra minn hekk, l-ASTs tal-EASO qdew rwol sinifikanti wkoll fl-għoti ta' sostenn lill-ħaddiema tal-każijiet fl-unità ta' Dublin f'Ateni fil-proċessar ta' talbiet u ta' trasferimenti mibgħuta, fl-ikkowċjar u fil-pariri fuq ix-xogħol, fit-taħriġ, fil-bini ta' kapaċità u fl-appoġġ operazzjonali. Matul is-sena, l-EASO stazzjona disa' esperti fl-Unità ta' Dublin biex jipprovdu pariri, għodod u preżentazzjonijiet u ssekonda sitt membri tal-persunal interim.

#### **Appoġġ fl-assorbiment tal-fondi**

L-EASO assista lill-RIS fil-ġestjoni u fl-assorbiment effettivi tal-fondi tal-UE u ta' riżorsi finanzjarji oħra, billi stazzjona esperti tal-Istati Membri u persunal interim biex isostnu l-abbozzar u l-ġestjoni tal-proposti ta' proġetti u l-ippjanar strateġiku.



## L-appoġġ bl-għodod tal-ICT

Finalment, l-EASO pprova sostenn inizjali għat-tfassil ta' sistema ta' aċċess għad-dħul u għall-ħruġ fil-hotspots. Għal dan l-għan, l-EASO ffaċilita żjara ta' studju fil-Belġju għal erba' uffiċjali tal-RIS.

### 4.1.3. Il-Bulgarija u Ċipru

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017
It-tielet emenda tal-Pjan Speċjali ta' Sostenn għall-Bulgarija
6 sessjonijiet ta' taħriġ fuq jumejn organizzati fil-Bulgarija fuq 3 moduli tal-EASO
4 esperti u 17-il interpretu stazzjonati fil-Bulgarija
4 analiżijiet ġudizzjarji tradotti fil-Bulgaru jew għaddejnin bħalissa
2 sessjonijiet ta' taħriġ organizzati għall-interpreti fil-Bulgarija
2 żjarat ta' studju organizzati għall-uffiċjali Bulgari
It-tielet u r-raba' emenda tal-Pjan Speċjali ta' Sostenn għal Ċipru
26 espert, 12-il interpretu u 14-il membru tal-persunal interim stazzjonati f'Ċipru
372 intervista mwettqa u 304 rimarki ta' konklużjoni abbozzati dwar applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali
4 sessjonijiet ta' taħriġ organizzati f'Ċipru
3 żjarat ta' studju organizzati għall-uffiċjali minn Ċipru

#### Is-sostenn għall-Bulgarija u għal Ċipru

Fl-2017, l-EASO kompli jipprovdi appoġġ speċjali lill-Bulgarija u lil Ċipru fil-qafas tal-SSPs iffirmati ma' dawn iż-żewġ Stati Membri.

Matul l-2017, l-EASO kompli jaffaċċja nuqqas ta' nomini ta' esperti tal-Istati Membri għal Ċipru, u dan irriżulta f'dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' appoġġ, sfida li ġiet rimedjata parzjalment bl-istazzjonar ta' persunal interim.

#### Sostenn emendat u estiż

L-aġenzija statali tal-Bulgarija għar-refuġjati ffirmat l-SSP għall-Bulgarija fl-2014. Meta l-ewwel estensjoni tal-SSP skadiet fit-30 ta' Ġunju 2017, l-SSP ġie emendat għat-tieni darba b'durata ġdida sa tmiem Ottubru 2017. Matul dan il-perjodu ta' żmien estiż, sar rieżami sħiħ tal-miżuri ta' sostenn, u dan irriżulta fit-tielet emenda tal-SSP, li ffokat fuq it-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet Bulgari biex jindirizzaw l-influss għoli ta' flussi migratorji

mħallta. Id-durata tal-SSP kurrenti hi mis-27 ta' Ottubru 2017 sal-31 ta' Ottubru 2018.

L-SSP għal Ċipru, oriġinarjament iffirmit fl-2014 u emendat fl-2015 u fl-2016, ġie estiż għat-tielet darba fit-28 ta' Frar 2017, fuq talba tal-awtoritajiet ta' Ċipru. Dan ta lill-EASO l-kompitu li jkompli jimplimenta l-miżuri ta' sostenn maqbula qabel u biex isaħħaħ ir-rwol tiegħu f'Ċipru b'xi miżuri ġodda relatati mal-ġestjoni tax-xogħol b'lura u mal-ippjanar għal kontinġenzi. Ir-raba' emenda tal-pjan ġiet iffirmita f'Diċembru, u din ippermettiet l-estensjoni tas-sostenn tal-EASO f'Ċipru sal-31 ta' Jannar 2019, b'enfasi fuq tliet miżuri biss: ġestjoni tax-xogħol b'lura, sostenn fl-akkoljenza u fl-akkomodazzjoni miftuħa, u miżura ta' sostenn ta' kontinġenza għaċ-ċentru tal-emerġenzi, fuq talba tas-servizz tal-asil ta' Ċipru.

#### Iż-żieda tal-kwalità permezz ta' għodod u taħriġ

Fl-2017, is-sostenn ipprovdut mill-EASO għall-Bulgarija kien jinkludi primarjament miżuri ta' bini ta' kapaċità. Fil-Bulgarija, l-EASO sostna lill-awtoritajiet kompetenti bl-applikazzjoni tal-għodod ta' kwalità fil-proċedura tal-asil u fil-konformità mal-*acquis* tal-UE dwar l-asil. Għal dan l-għan, l-EASO ttraduċa diversi għodod ta' kwalità u gwidi prattiċi fil-Bulgaru. Barra minn dan, l-EASO organizza sitt sessjonijiet ta' taħriġ fuq jumejn dwar tliet moduli ta' kurrikulu ta' taħriġ tal-EASO ("inklużjoni", "tekniki tal-intervisti", u "intervisti ta' persuni vulnerabbli") f'żewġ postijiet differenti fil-Bulgarija.

#### Sostenn relatat mal-akkoljenza

Il-kapaċità u l-kundizzjonijiet tal-akkoljenza fil-Bulgarija ilhom jiġu riveduti mill-2013, u l-EASO ntab iwieġeb għall-ħtiġijiet tal-Bulgarija għall-iżvilupp ta' miżuri ta' kontinġenza għaż-żamma u għat-titjib tal-istandards tal-kwalità. F'dan il-kuntest, fl-2017 l-EASO organizza workshop u żjara ta' studju waħda (il-Polonja) dwar is-suġġett tad-detenzjoni għall-persunal tal-akkoljenza tal-Bulgarija. B'mod komplimentari għal dan, il-miżura ta' sostenn inkludiet l-istazzjonar ta' esperti biex jassistu fl-abbozzar tal-proċeduri operattivi standard (SOPs) għad-detenzjoni.

Mill-bidu, parti importanti tal-involvement tal-EASO fil-Bulgarija kien li jiżgura identifikazzjoni effiċjenti tal-ħtiġijiet speċjali u r-riferiment bikri ta' applikanti għal asil vulnerabbli (inklużi minorenni mhux akkumpanjati) għas-servizzi rilevanti. Fl-2017, l-awtoritajiet Bulgari kompetenti komplew jitolbu l-gwida u l-pariri strateġiċi tal-EASO b'rabta mal-iskrinjar ta' persuni bi bżonnijiet speċjali f'ċentri miftuħa ta' akkoljenza (b'mod partikolari minorenni mhux akkumpanjati) u mal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet. F'dan il-kuntest ukoll, l-EASO pprova pariri dwar it-tutela, wettaq immappjar tas-sistema



Bulgara tal-indukrar tat-tfal u organizza workshop dwar il-valutazzjoni tal-età.

F'Ċipru, l-EASO ta erba' workshops fl-2017 dwar l-aspetti medikolegali tat-tortura għal professjonisti mediċi u għal ħaddiema tal-każijiet tal-asil. Barra minn hekk, l-EASO organizza żewġ żjarat ta' studju għal uffiċjali Ċiprijotti (il-Ġermanja u l-Iżvezja) dwar l-aċċess għall-edukazzjoni, u żjara ta' studju waħda (in-Netherlands) dwar l-iskrinjar tal-applikanti għal asil.

L-EASO stazzjona wkoll psikologu wieħed biex jagħti sostenn psikoloġiku lit-tfal li jesperjenzaw migrazzjoni trawmatika, kif ukoll biex jagħti workshops u gwida dwar ir-rikonnoxximent u l-intervistar tal-applikanti b'disturbi psikoloġiċi.

B'mod parallel, l-EASO stazzjona 13-il espert u 8 assistent interim tal-akkoljenza biex isostnu l-attivitajiet

ta' akkoljenza fiċ-ċentru ta' akkoljenza ta' Kofinou f'Ċipru u organizza taħriġ operazzjonali wieħed dwar l-akkoljenza għalihom.

Barra minn hekk, l-EASO organizza workshop dwar l-akkoljenza ta' persuni lezjbani, gay, bisesswali, transġeneru u interesswali (LGBTI) f'akkomodazzjoni kollettiva.

#### **Is-sostenn fl-interpretazzjoni**

L-EASO kien attiv ukoll fl-għoti ta' sostenn biex jissaħħaħ l-aċċess mill-Istati Membri għall-interpretazzjoni, fost l-oħrajn permezz tal-*Lista ta' lingwi disponibbli* (LAL) (irreferi għat-Taqsima 4.3.9 għal aktar dettalji).

L-EASO stazzjona 17-il interpretu fil-Bulgarija u 12-il interpretu f'Ċipru fl-2017, u żgura t-traduzzjoni (jew



il-bidu tat-traduzzjoni) ta' erba' analiżijiet ġudizzjarji fil-Bulgaru.

L-EASO organizza wkoll żewġ korsijiet operazzjonali għall-interpreti li jaħdmu għall-awtorità nazzjonali Bulgara tal-asil u sar taħriġ għall-interpreti f'Nikosija, Ċipru. Dan ippermetta lill-interpreti biex jikkonsolidaw l-għarfien u l-ħiliet ta' interpretazzjoni tagħhom fil-kuntest tal-asil u jiskambjaw l-aħjar prattiki b'rabta marwol tal-interpretu fil-proċessi tal-asil.

#### **It-tlestija tax-xogħol b'lura f'Ċipru**

L-EASO stazzjona 11-il espert u sitt ħaddiema tal-każijiet f'Nikosija għall-ġestjoni tax-xogħol b'lura, u organizza żewġ sessjonijiet ta' taħriġ operazzjonali dwar dan l-istess suġġett, filwaqt li abbozza SOP għal dan l-għan.

#### **L-ġhodod tal-ICT u l-ġestjoni tal-fondi**

Bħala parti mis-sostenn tal-EASO fl-iżvilupp tal-ġhodod tal-ICT għaż-żewġ Stati Membri, dan organizza żjara ta' studju waħda (l-Italja) għas-sistema elettronika ta' ġestjoni tal-każijiet għall-proċedura ta' Dublin għall-uffiċjali tal-Bulgarija.

B'appoġġ ta' Ċipru, żewġ esperti tal-Istati Membri mill-Ungerija pprovdew sistema ta' test ta' kodiċi (barcode) tad-dħul-ħruġ għaċ-ċentri ta' akkoljenza.

Finalment, l-EASO stazzjona esperti fil-Bulgarija biex jassistu fl-abbozzar tal-aħjar prattika u linji gwida interni relatati mal-allokazzjoni tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)/tal-fondi tal-UE+.



#### 4.1.4. L-iżvilupp ta' għodod ta' sostenn għall-operazzjonijiet, għall-hotspots u għar-rilokazzjoni

<b>Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017</b>
<b>L-iżvilupp u l-ittestjar tal-ewwel verżjoni tal-EAIPS</b>
<b>3 pjattaformi bbażati fuq il-web imqiegħda għad-dispożizzjoni fuq l-IDS u amalgamati mill-ICOPs</b>
<b>Gwida prattika 1 għall-esperti fl-Operazzjonijiet tal-EASO ffinalizzata</b>
<b>2 laqgħat dwar l-AIP għall-NCPs organizzati</b>
<b>12-il għodda prattika żviluppata, 6 għodod prattiċi rfinuti</b>
<b>13-il materjal ta' taħriġ żviluppata dwar ir-rilokazzjoni u l-approċċ tal-hotspots</b>
<b>55 sessjoni ta' taħriġ mogħtija dwar ir-rilokazzjoni u l-approċċ tal-hotspots</b>
<b>804 parteċipanti f'sessjonijiet ta' taħriġ dwar ir-rilokazzjoni u l-approċċ tal-hotspots</b>
<b>40 rapport tal-ġimgħa dwar il-hotspots u r-rilokazzjoni maħruġa</b>

Fl-2017, l-EASO wettaq ħidma sostanzjali biex jiżviluppa u, fejn kien hemm bżonn, itejjeb l-għodod u l-materjali ta' taħriġ tiegħu użati fl-operazzjonijiet u b'mod partikolari dawk użati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' rilokazzjoni tal-UE u tal-approċċ tal-hotspots.

Matul l-2017, l-EASO kompli wkoll jiżviluppa r-rwol tiegħu, filwaqt li jikkontribwixxi għat-tiżni tal-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali biex jirrilokaw l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u biex jimplementaw b'mod konsistenti l-approċċ tal-hotspots, permezz ta' numru impressjonanti ta' sessjonijiet ta' taħriġ.

Minbarra dan, l-EASO jiltaqa' u jikkomunika f'intervalli regolari mal-NCPs biex jiffaċilita u jtejjeb il-kooperazzjoni prattika relatata mal-esperti tal-Istati Membri fl-operazzjonijiet tal-EASO.

#### **L-iżvilupp ta' għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni għall-operazzjonijiet**

L-ewwel nett, l-EASO ħadem ulterjorment fuq l-iżvilupp ta' pjattaforma integrata bbażata fuq il-web għall-ġestjoni tar-riżorsi operazzjonali, l-EAIPS. Is-sena 2017 rat l-iżvilupp tal-ewwel verżjoni li għandha tiġi ttestjata f'kollaborazzjoni mal-NCPs. L-iżvilupp ta' dan l-ambjent sostnut mill-ICT hu meqjus bħala pass importanti lejn il-ġestjoni elettronika tas-sejħiet għall-esperti, tan-nomni, tal-għażla u tal-istazzjonar tal-esperti tal-Istati Membri fl-AIP.

It-tieni nett, fl-2017 l-IDS tal-EASO ttejjeb bi tliet pjattaformi ġodda bbażati fuq il-web li tqiegħdu għad-dispożizzjoni u li aktar tard ġew aggregati mill-pjattaformi

tal-operazzjonijiet tal-pajjiżi tal-IDS (ICOPs), li għaqqu fihom l-informazzjoni operazzjonali dwar il-Greċja, l-Italja u Ċipru għall-persunal u għall-esperti stazzjonati fl-ASTs.

It-tliet, fl-2017 l-EASO kkonkluda l-iżvilupp ta' għodda tat-tlaqqiġ biex jassisti lill-Greċja bit-tlaqqiġ tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali eliġibbli għar-rilokazzjoni mal-postijiet imwiegħda. Is-software jipproponi tlaqqiġ għal kull wiegħda ta' post disponibbli tal-Istati Membri għar-rilokazzjoni ta' applikant. Dan il-proċess ta' tlaqqiġ għandu l-għan li jiffaċilita l-integrazzjoni tal-applikanti f'soċjetà ospitanti; b'hekk, iservi l-interess kemm tal-applikant kif ukoll tal-Istat Membru tar-rilokazzjoni. Dan il-proċess għandu l-benefiċċju addizzjonali li jimminimizza r-riskju ta' movimenti sekondarji wara r-rilokazzjoni.

#### **Għodod prattiċi ġodda oħra għall-operazzjonijiet tal-EASO**

Fl-2017, l-EASO żviluppa nota ta' gwida dwar l-ammissibbiltà u l-valutazzjoni tal-ammissibbiltà u tal-eliġibbiltà (jiġifieri "tal-merti"), u wara żvilupp ġdid dwar l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fil-gżejjer Griegi, l-EASO kellu jabbazza wkoll SOP għal proċedura kombinata ta' ammissibbiltà u ta' valutazzjoni tal-merti, żviluppat b'mod konġunt mal-GAS.

Barra minn hekk, l-EASO abbozza tliet dokumenti ta' gwida għall-intervisti speċifiċi għall-pajjiżi biex jintużaw fl-operazzjonijiet tal-hotspots Griegi ma' ċittadini mill-Afganistan, mill-Iraq u mill-Pakistan, u ħejja lista ta' referenzi tas-COI għal dawn it-tliet nazzjonalitajiet li l-aktar jaslu fil-gżejjer Griegi. L-EASO żviluppa wkoll għodod ta' argumentazzjoni biex isostni lill-unità Griega ta' Dublin, u ħejja informazzjoni dwar il-politiki u l-prattiki tal-Istati Membri dwar ir-riunifikazzjoni tal-familji mit-Turkija.

B'sostenn tal-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà, l-EASO, flimkien mal-ministeru tas-saħħa tal-Greċja, l-RIS u l-GAS, iffinalizza mudell komuni għall-eżamijiet mediċi. Barra minn hekk, l-EASO żviluppa nota ta' gwida dwar il-vulnerabbiltà għal operazzjonijiet fil-kuntest tal-proċedura tal-fruntiera tal-Greċja, kif ukoll biex jagħmel proposti għad-definizzjonijiet tal-kategoriji ta' vulnerabbiltà u jipprovdi informazzjoni dwar x'jista' jikkostitwixxi marda li ma tistax titfejjaq.

L-EASO bena xi għodod għall-verifika tal-orijini (OVTs), (b'mod partikolari għal orijini Eritreani u Sirjani) u fl-2017 aġġornahom bil-kontributi riċevuti min-netwerk strateġiku tas-COI. L-EASO żviluppa wkoll għodod iffokati tas-COI fil-forma ta' skedi informattivi biex isostni l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni UE-Turkija fil-hotspots Griegi, u waqqaf sistema ta' domandi dwar is-COI f'Ateni. Għall-istess raġuni, l-EASO stabbilixxa

helpdesk, li jwieġeb ukoll għal domandi mibgħuta lill mill-esperti tal-EASO li jinsabu fuq il-post fil-hotspots u l-EASO pproduċa 21 rapport ta' feedback dwar il-kwalità, u rrieżamina kważi 200 intervista u opinjoni mħejjija minn esperti u minn ħaddiema tal-każ interim.

Fl-2017, l-EASO ffinalizza u ppromwova l-*Gwida Prattika għall-esperti fl-operazzjonijiet tal-EASO*. Dan hu manwal użat fl-operazzjonijiet tal-EASO u jinkludi, fost affarijiet oħra, taqsimiet dwar l-għarfien interkulturali, l-ippjanar u r-rapportar.

### Rieżaminar u rfinar kontinwi tal-għodod prattiċi

Wieħed mill-prodotti li l-EASO kellu jirrieżamina fl-2017 kien in-nota ta' gwida tiegħu dwar l-ammissibbiltà u l-eżaminazzjoni ("tal-merti") tal-eliġibbiltà.

L-EASO rreveda u aġġorna wkoll il-mudelli tal-programm ta' rilokazzjoni tal-ASTs li kellhom jintużaw fl-Italja, u l-intervista, il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u l-mudelli tal-opinjoni użati mill-ħaddiema tal-każijiet fil-gżejjer Griegi.

Finalment, matul l-2017, l-EASO rreveda u rfinat l-mistoqsijiet u t-tweġibiet (Q&A)/l-iskript għall-provvista tal-informazzjoni fil-Greċja (sostenn għall-programm ta' rilokazzjoni), il-pakkett ta' informazzjoni dwar it-Turkija u l-SOP tal-linja ta' assistenza tal-Greċja.

### Sessjonijiet ta' taħriġ dwar ir-rilokazzjoni u l-hotspots

Fl-2017, l-EASO organizza 37 kors operazzjonali (mifruxa fuq 55 sessjoni ta' taħriġ, u segwiti minn 804 parteċipanti) biex isostni l-implimentazzjoni tal-iskema ta' rilokazzjoni tal-UE u l-approċċ tal-hotspots fil-Greċja u fl-Italja. Permezz ta' dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ operazzjonali, l-EASO ħarreġ lil diversi gruppi involuti fl-implimentazzjoni tar-rilokazzjoni u tal-approċċ tal-hotspots, bħall-esperti stazzjonati mill-EASO (ħaddiema tal-każijiet, mexxejja tat-timijiet, esperti tal-vulnerabbiltà), ħaddiema tal-każijiet interim tal-EASO, interpreti stazzjonati mill-EASO, uffiċjali tal-asil Griegi/Taljani u uffiċjali tal-akkoljenza. Il-kors mogħti lil esperti tal-EASO stazzjonati ġodda hu deskritt f'dettall fit-taqsimi dwar is-sostenn permanenti (ara 4.3.1 Taħriġ).

Fl-Italja, l-EASO organizza dawn li ġejjin:

- żewġ sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-identifikazzjoni tal-każijiet ta' Dublin u l-għodda ta' valutazzjoni tal-aħjar interessi tal-EASO;
- żewġ sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-modulu tar-regolament ta' Dublin tal-kurrikulu tat-taħriġ tal-EASO;

- sessjoni didattika għall-ħarrieġa involuti fit-taħriġ tat-tutori volontarji futuri;
- ħames korsijiet għat-tutori futuri u ffaċilita erba' sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-akkoljenza ta' minorenni mhux akkumpanjati (imfassla apposta għall-uffiċjali Taljani tal-akkoljenza).

Barra minn hekk, l-EASO għamel żewġ sessjonijiet bħala parti mill-programm ta' taħriġ tal-EUNAVFOR MED għall-gwardja tal-kosta Libjana. L-EASO sostna wkoll 10 tgħarrifiet operazzjonali tal-Frontex billi ppreżenta l-*Għodda tal-EASO dwar l-aċċess għall-proċedura* għall-uffiċjali tal-ewwel kuntatt (648 parteċipant b'kollox).

Fil-Greċja, l-EASO organizza dawn li ġejjin:

- żewġ sessjonijiet ta' informazzjoni dwar Dublin (waħda għall-assistenti tar-reġistrazzjoni u waħda għall-intervistaturi tal-EASO);
- sessjoni ta' taħriġ operazzjonali għall-esperti stazzjonati fil-helpdesk tal-Greċja;
- żewġ sessjonijiet ta' taħriġ *ad hoc* dwar it-tekniki tal-intervisti;
- żewġ sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-moduli ta' taħriġ tal-EASO dwar l-inklużjoni u s-COI għar-relaturi assistenti legali;
- sessjoni waħda ta' ħarreġ lill-ħarrieġ għall-interpreti u tliet programmi ta' taħriġ estensivi għal erba' gruppi ta' ħaddiema tal-każijiet interim tal-EASO.

Din tal-aħħar kienet tikkonsisti fi tliet komponenti, b'mod partikolari l-moduli prinċipali tal-EASO (inklużjoni, tekniki tal-intervisti, valutazzjoni tal-evidenza), taħriġ operazzjonali u kkwċjar waqt ix-xogħol.

Kemm fil-Greċja kif ukoll fl-Italja, l-EASO wettaq sessjonijiet ta' taħriġ u attivitajiet ta' kooperazzjoni prattika b'rabta mal-gruppi vulnerabbli: tliet sessjonijiet ta' taħriġ tal-għodda tal-IPSN għall-RIS tal-Greċja (fil-hotspots Griegi ta' Lesbos, ta' Chios u ta' Kos) u żewġ sessjonijiet ta' taħriġ fl-Italja.

Aktar minn 800 parteċipant ħadu sehem fis-sessjonijiet ta' taħriġ kollha elenkati hawn fuq u dawn esprimew sodisfazzjon bil-kwalità għolja u bl-effikaċja tal-kurrikulu ta' taħriġ u bil-materjali ta' taħriġ tal-EASO.

### L-iżvilupp tal-materjali ta' taħriġ

Matul dan it-taħriġ kollu fl-2017, l-EASO żviluppa materjali ta' taħriġ, noti ta' gwida, manwali għall-ħarrieġa u programmi ta' taħriġ rilevanti dwar suġġetti





speċifiċi u dawn intużaw fit-tnejnija u matul l-għoti ta' kull waħda mis-sessjonijiet ta' taħriġ.

Pereżempju, il-pakkett ta' induzzjoni għall-esperti stazzjonati fil-Greċja hu kitt ta' taħriġ komprensiv, li jinkludi diversi materjali rilevanti bħall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, id-dikjarazzjoni UE-Turkija, il-formoli u l-mudelli, l-SOPs, u l-għodod u l-gwidi prattiċi żviluppatti mill-EASO. (Għal aktar informazzjoni dwar il-materjal ta' taħriġ għat-taħriġ operazzjonali, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimu dwar is-sostenn permanenti).

#### **Kooperazzjoni prattika għas-sostenn operazzjonali**

L-EASO organizza żewġ laqgħat man-netwerk tal-AIP tal-NCPs fl-2017 biex jiddiskutu l-operazzjonijiet tal-EASO,

it-titjib fl-operalizzazzjoni tal-AIP u biex jippreżenta u jippromwovi l-għodod żviluppatti ġodda li għandhom jintużaw fl-operazzjonijiet.

Eżatt bħas-sena ta' qabel, fl-2017 l-EASO wettaq għbir ta' *data* ta' rilokazzjoni ta' kull ġimgħa mill-Greċja u mill-Italja, u pproduċa rapporti ta' kull ġimgħa dwar il-progress fil-proċess ta' rilokazzjoni, fl-istazzjonar tal-esperti u fil-previżjonijiet għall-esperti meħtieġa fis-6 ġimgħat segwenti.

F'dan il-kuntest ta' min jinnota wkoll li l-EASO regolarment ikkondivida informazzjoni mal-NCPs dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-postijiet tal-operazzjonijiet tal-EASO u dwar il-previżjoni tal-ħtiġijiet ta' stazzjonar fit-tul.

## 4.2. Informazzjoni, analiżi u żvilupp tal-għarfien

### 4.2.1. Informazzjoni dwar il-pajjiż tal-orìġini

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017
12-il rapport regolari tas-COI ppubblikati u 10 prodotti oħra tas-COI forniti
24 laqgħa u avveniment organizzati b'rabta mas-COI
920 tniżżil tal-aqwa 5 rapporti tas-COI mill-portal tas-COI tal-EASO
Total annwali ta' 24 711-il fajl imniżżel mill-portal tas-COI tal-EASO
59 domanda mwiegħba dwar is-COI

#### Il-kontribut għall-konverġenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet.

L-EASO sar attur importanti fl-Ewropa biex iqiegħed għad-dispożizzjoni COI affidabbli, preċiża u aġġornata għal dawk li jieħdu deċiżjonijiet dwar l-asil u l-esperti tal-politika. L-użu korrett tas-COI ta' kwalità għolja jaqdi rwol determinanti fl-iżgurar li applikazzjonijiet simili għall-protezzjoni internazzjonali jirċievu eżiti simili fl-UE kollha.

Il-ħidma tal-EASO fil-qasam tas-COI għandha l-għan li tiżviluppa sistema komprensiva tas-COI tal-UE, li tippermetti t-teħid ta' deċiżjonijiet aktar informati. Bis-saħħa tal-isforzi tal-EASO flimkien mal-esperti mill-unitajiet Ewropej tas-COI u ma' partijiet ikkonċernati importanti oħra, l-istandards tas-COI qed jogħlew

u l-prattiki qed jiġu armonizzati, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kisba ta' SEKA solida li taħdem kif suppost.

#### It-tiżiħ tal-produzzjoni tas-COI tal-EASO

Fl-2017, l-EASO ppubblika erba' rapporti tas-COI dwar l-Afganistan, tnejn dwar in-Niġerja u wieħed kull wieħed dwar il-Bangladexx, l-Iraq, il-Pakistan, ir-Russja, is-Somalja u l-Gambja. Ir-rapporti kollha ġew abbozzati u rieżaminati għall-kwalità skont il-metodoloġija ppubblikata tal-EASO tar-rapporti dwar is-COI u f'kooperazzjoni mal-unitajiet nazzjonali tas-COI u, f'ċerti każijiet, ma' esperti esterni. Minbarra r-rapporti regolari tas-COI, ingħata s-sostenn tas-COI lill-esperti tal-EASO fil-hotspots Griegi, bil-produzzjoni ta' 10 abbozzi ta' skedi informattivi dwar is-COI.

Prodott ieħor tal-EASO hu r-rispons għad-domandi dwar is-COI. Fl-2017, l-EASO rċieva u wiegħeb 59 domanda dwar is-COI. Fost dawn, tmienja kienu domandi regolari dwar is-COI, iċċirkolati fin-netwerks ta' speċjalisti tas-COI u kkumpilati mill-EASO, filwaqt li 51 domanda dwar is-COI ġew proċessati b'sostenn tal-ħaddiema tal-każijiet stazzjonati fil-hotspots.

B'sostenn tar-reviżjoni u tal-aġġornament tal-metodoloġija tal-EASO tar-rapporti dwar is-COI, fl-2017 saru żewġ laqgħat ta' grupp ta' ħidma dedikat, segwiti minn konsultazzjoni wiesgħa tal-partijiet ikkonċernati. L-EASO biħsiebu jipubblika din il-metodoloġija fl-2018. L-EASO żviluppa wkoll b'mod parallel gwida ta' kitba u ta' referenzjar għall-prodotti tas-COI biex jiffaċilita l-proċess tal-abbozzar, speċjalment meta abbozzaturi differenti jikkontribwixxu għall-istess prodott, u biex jiffaċilita l-konsistenza fil-lingwa u fl-istil.





## Skambju ta' informazzjoni u ġenerazzjoni tal-għarfien permezz tan-netwerks tas-COI

Fl-2017 in-netwerks ta' speċjalisti tas-COI dwar il-pajjiżi ewlenin ta' oriġini (stabbiliti mill-EASO) organizzaw laqgħat u konferenzi dwar il-pajjiżi ewlenin ta' oriġini u t-temi ewlenin, li jinkludu: l-Afganistan, l-Eritrea, l-Iran, l-Iraq, il-Pakistan, ir-Russja, is-Somalja, is-Sirja u l-Ukrajna.

Laqgħat u konferenzi ta' kooperazzjoni Prattika, li għandhom udjenza usa' u li spiss jinkludu wkoll diskussjonijiet dwar il-politika, saru dwar l-Iraq, in-Niġerja u l-Pakistan.

L-EASO organizza żewġ laqgħat tan-netwerk strateġiku tas-COI f'April u f'Novembru 2017. L-input strateġiku pprovdut mill-membri ta' dan in-netwerk jgħin fl-iżvilupp tal-pjan ta' ħidma tal-EASO għas-COI u jipprovdi gwida dwar l-attivitajiet kollha tal-EASO dwar is-COI, speċjalment bħala parti mill-approċċ tan-netwerk tal-EASO dwar is-COI.

Barra minn hekk, in-netwerk strateġiku jipprovdi forum għad-diskussjonijiet dwar koordinazzjoni u ppjanar imtejba tal-isforzi nazzjonali fis-COI.

Maż-żmien, in-netwerks imsemmija hawn fuq iprovdew valur miżjud sostanzjali fl-iskambju ta' informazzjoni u fil-ġenerazzjoni ta' għarfien.

### It-tqegħid tas-COI għad-dispożizzjoni pubblika

L-EASO jgħestixxi portal online tas-COI aċċessibbli pubblikament li jipprovdi punt tad-dħul komuni għas-COI prodotta mill-EASO, għall-unitajiet nazzjonali tas-COI u għall-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE. In-numru ta' utenti tal-portal tal-EASO kiber b'mod kostanti minn 30 utent kuljum f'April 2016 għal 110 utent kuljum sa Diċembru 2017. Fl-2017, tniżżlu 24 711-il fajl mill-portal tas-COI tal-EASO. Ir-rapporti tas-COI l-aktar mniżżla mill-portal tal-EASO dwar is-COI kienu dawk dwar l-Afganistan, il-Pakistan, l-Iraq u s-Somalja. Issa hemm aktar dokumenti disponibbli f'lingwi differenti.

### Inlestu biex niproduċu s-COI medika

Fl-2017, l-EASO nieda proġett għat-teħid gradwali taħt idejha tal-attivitajiet tal-MedCOI. MedCOI hu proġett pluriennali finanzjat mill-UE ġestit minn timijiet tal-MedCOI fil-Belġju u fin-Netherlands li għandu l-għan li jipprovdi informazzjoni dwar id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tat-trattament mediku fil-pajjiżi ta' oriġini. L-ewwel laqgħa mal-partijiet ikkonċernati ewlenin saret f'Settembru, ġew organizzati tliet laqgħat tekniċi f'Ottubru, u membru tal-persunal tal-proġett min-Netherlands ġie mistieden fl-EASO biex jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien. F'Novembru u f'Diċembru, saru żewġ laqgħat tekniċi oħra u żewġ membri

tal-persunal tal-EASO għamli taħriġ fil-Belġju u fin-Netherlands dwar is-servizzi ta' informazzjoni medika.

## 4.2.2. Sistema ta' twissija bikrija u ta' tnejnija

### Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017

**Kull wieħed mit-30 pajjiż tal-UE+ ipparteċipa fl-iskambju ta' data ta' kull xahar għas-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Tnejnija (Stadju III tal-EPS)**

**21 pajjiż tal-UE+ ikkontribwixxew għall-indikaturi tal-akkoljenza introdotti fi Frar 2017**

**Network imsaħħaħ tal-EPS b'Termini ta' Referenza ġodda**

**49 rapport ta' kull ġimgħa dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE, dwar l-attivitajiet operazzjonali tal-EASO fil-Greċja u s-sitwazzjoni attwali tar-rilokazzjoni mill-Italja u mill-Greċja**

**3 tgħarrifiet analitiċi tal-EASO għal-laqgħat tal-Kunsill ĠAI**

**Spazju ta' ħidma analitika komuni għall-komunità tal-EPS**

**24 rapport ta' intelligence tal-pajjiżi (CIR) dwar 20 pajjiż ta' oriġini jew ta' tranżitu**

**12-il bullettin pubbliku ta' kull xahar dwar ix-xejriet riċenti fl-asil**

**Bullettin pubbliku annwali 1 u stqarrija għall-istampa assoċjata**

**3 għodod ta' viżwalizzazzjoni tad-data dwar is-sit web ristrett tal-EASO — indikaturi ta' kull ġimgħa, ta' kull xahar u ta' Dublin**

**12-il rapport ta' analiżi tax-xejriet ta' kull xahar**

**3 viżwalizzazzjonijiet tad-data bbażati fuq data tal-Eurostat u ppubblikati fuq l-IDS**

**Rapport annwali 1 ta' analiżi tax-xejriet**

**10 rapporti ta' ħarsa ġenerali lejn ir-risistemazzjoni**

**4 rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' Dublin u 3 rapporti dwar l-akkoljenza**

**5 rapporti ta' darbtejn fix-xahar u 1 annwali dwar il-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ ta' Wara l-Liberalizzazzjoni tal-Viża (PVLMM)**

**2 laqgħat tan-netwerk tal-EPS**

**Rapporti u analiżijiet tematiċi ad hoc oħrajn**

**Linji gwida ġodda dwar it-tixrid għad-data tal-EPS u għall-prodotti analitiċi**

### Il-ġbir ta' data dwar il-migrazzjoni

L-EPS tal-EASO hi sistema ta' skambju tad-data tal-EASO li għandha l-għan li tipprovdi lill-pajjiżi tal-UE+, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea b'informazzjoni u b'analiżijiet preċiżi u puntwali dwar il-flussi tal-applikanti għal asil lejn u fi ħdan l-UE

u dwar il-kapaċità tal-pajjiżi tal-UE+ li jieħdu f'is-sistema tal-EPS tiegħu. Fl-2017, l-EASO kompli jsaħħaħ is-sistema tal-EPS tiegħu u abbozza linji gwida ġodda dwar it-tixrid f'kollaborazzjoni mal-komunità tal-EPS biex isaħħaħ it-trasparenza għall-fornituri tad-*data* u jżid il-viżibbiltà tal-prodotti analitiċi tal-EPS. L-iskambju ta' *data* jiffoka fuq l-istadji kollha tas-SEKA, u l-istadji differenti qed jitnedew b'mod gradwali. Fl-2017, l-EASO għabar u analizza *data* taħt l-Istadju III, jiġifieri l-għbir ta' *data* dwar dawn l-indikaturi:

- aċċess għall-proċedura,
- akkoljenza,
- determinazzjoni tal-ewwel istanza,
- ritorn ta' applikanti għal asil mhux aċċettati,
- Dublin,
- risistemazzjoni.

Laqgħa tal-grupp konsultattiv fl-2017 iddiskutiet l-espansjoni tal-għbir tal-EPS għall-indikaturi tal-Istadju IV, b'enfasi fuq il-għbir tad-*data* fit-tieni istanza u f'dawk sussegwenti tal-proċedura tal-asil. Matul il-laqgħa, intlaħaq qbil biex jiġu prodotti abbozzi ta' linji gwida u tiġi kondiviżi *data* pilota biex titwitta t-triq għall-kondiviżjoni ta' *data* aktar komprensiv fil-ġejjieni.

#### Is-sostenn tat-tfassil tal-politiki u tar-rispons

L-EPS tikkontribwixxi għall-mekkaniżmu ta' twissija bikrija, ta' tnejn u ta' għestjoni tal-kriżijiet previst fl-Artikolu 33 tar-Regolament ta' Dublin III<sup>(2)</sup>. L-EASO ser ikompli jiżgura li l-iżvilupp tas-sistema jkun konsistenti mal-għbir tad-*data* tal-Eurostat u tal-Frontex biex irawwem il-foqgħien ta' stampa effettiva tas-sitwazzjoni dwar il-migrazzjoni għat-tfassil tal-politika u għat-tnejn tar-rispons, kif rakkomandat fl-aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni.

#### Is-sorveljanza tal-iskambju ta' *data*

L-EASO jirċievi *data* kondiviżi mit-30 pajjiż tal-UE+ kollha kemm huma (UE-28 u n-Norveġja u l-Iżvizzera). Il-konformità mill-komunità tal-EPS laqgħet livell effettiv u, ġeneralment, fl-2017 id-dewmien fil-provvista tad-*data* kien qasir.

Id-diffikultajiet fil-kondiviżjoni ta' *data* dwar ċerti indikaturi ppersistew matul is-sena iżda l-konformità mill-fornituri tad-*data* tjebet ftit. F'Settembru saret laqgħa tal-grupp konsultattiv tan-netwerk tal-EPS

biex jiġu diskussi l-komplessità tal-indikaturi tar-ritorn u l-involvement potenzjali tal-Frontex, li minn dak iż-żmien 'l hawn ġie kkonfermat.

#### Il-provvista ta' statistiki, ta' tendenzi u ta' analiżijiet tal-asil

L-EASO pproduċa rapporti ta' kull ġimgħa li pprovdew analiżi veloċi dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE+ bħala parti mill-mekkaniżmi ta' għestjoni tal-kriżijiet li jkopru l-UE kollha. Dawn ir-rapporti ġew kondiviżi mal-pajjiżi tal-UE+ u bir-rispons politiku integrat f'sitwazzjonijiet ta' kriżi (IPCR) tal-Kummissjoni bħala kontribut għar-rapporti ta' sensibilizzazzjoni u ta' analiżi integrati tas-sitwazzjoni (ISAA). L-analiżi ttejjbet biż-żieda ta' approċċ analitiku f'netwerk biex jintwerew it-tendenzi ewlenin f'termini tal-ħarsa ġenerali sħiħa lejn iċ-ċittadinanzi tal-applikanti kollha għal kull Stat Membru, il-pajjiżi riċevituri u l-applikanti li jiddikjaraw li jkunu minorenni mhux akkumpanjati.

L-EASO jipubblika rapport annwali tal-PVLM u koll. Dan ir-rapport jipprovdi analiżi dettaljata tal-istampa tal-asil għal 23 pajjiż li għandhom aċċess mingħajr viża għaż-żona Schengen.

Fl-2017, l-EASO introduċa prodott ġdid: it-tgħarrif analitiku tal-EASO. Hu prodott strateġiku ta' livell għoli li jixxet dawl fuq ix-xejriet ewlenin b'mod kwalitattiv u faċli biex jinftehem għall-persuni f'karigi superjuri li jieħdu d-deċiżjonijiet. Ġew ippubblikati tliet edizzjonijiet biex jitqassmu fil-laqgħat tal-kunsill ĠAI.

Ir-rapporti analitiċi mfasla apposta analizzaw il-varjazzjoni fir-rati ta' rikonnoxximent u l-għadd doppju tal-applikazzjonijiet għal asil fl-UE+ fuq it-talba tal-bord ta' tmexxija tal-EASO.

L-EASO juża kuntrattur għall-produzzjoni ta' intelligence dwar il-migrazzjoni relatata mal-asil mill-pajjiżi ewlenin ta' oriġini u ta' tranżitu. Fl-2017 ġew ippubblikati 24 CIR dwar 20 pajjiż ta' oriġini jew ta' tranżitu. Il-feedback dwar ir-rapporti nġabar mingħand il-partijiet ikkonċernati permezz ta' sħarriġ u ntuża biex ikompli ttejjeb il-kwalità.

#### 4.2.3. Is-sistema ta' informazzjoni u ta' dokumentazzjoni (IDS)

##### Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017

**L-informazzjoni miġbura dwar is-sistemi nazzjonali tal-asil tat-30 pajjiż tal-UE+, inkluż dwar il-każistika nazzjonali**

**29 pajjiż tal-UE+ fin-netwerk tal-IDS, li 8 minnhom issieħbu fl-2017**

**2 laqgħat tan-netwerk tal-IDS**

**Żieda fl-utenti attivi minn 86 f'April għal 497 f'Diċembru 2017**

(<sup>2</sup>) Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, ĠU L 180, 29.06.2013, p.31.

## Informazzjoni dwar il-proċedura u l-leġiżlazzjoni tal-asil

L-EASO jiġġestixxu l-IDS, librerija li tista' titfittex u li hi disponibbli online għal utenti reġistrati, li tipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn kif jitwettagħ kull stadju importanti tal-proċess tal-asil f'pajjiżi individwali tal-UE+ u fl-UE+ b'mod ġenerali. L-IDS hi mqasma skont taqsimiet tematiċi ewlenin li jinkludu: l-aċċess għall-proċedura, id-determinazzjoni fl-ewwel istanza, id-determinazzjoni fit-tieni istanza, il-proċeduri ta' Dublin, l-akkoljenza u d-detenzjoni, ir-ritorn u kontenut dwar il-protezzjoni/l-integrazzjoni. L-IDS fiha wkoll informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni tal-asil, l-istatistika, u l-każistika nazzjonali u Ewropea fl-oqsma ewlenin tas-SEKA.

## Espansjoni b'aktar informazzjoni dwar is-SEKA

L-EASO kien qed jespandi u jaġġorna l-kontenut fl-IDS fi ħdan firxa wiesgħa ta' suġġetti. Matul l-2017, l-EASO kompli jsaħħaħ il-librerija, billi joffri punt uniku ta' kuntatt dwar prattiki nazzjonali bħall-organizzazzjoni tas-sistemi ta' asil u ta' akkoljenza tal-pajjiżi tal-UE+, u l-funzjonament prattiku tas-SEKA. Billi jiġbor b'mod sistematiku din l-informazzjoni u billi jikkoordina u jipromwovi l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti, l-EASO jassumi b'mod attiv ir-rwol tiegħu ta' kontributor għall-implimentazzjoni konsistenti tas-SEKA u l-iżgurar ta' applikazzjoni uniformi tal-*acquis* tal-UE dwar l-asil, kif stipulat fl-aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni.

L-informazzjoni disponibbli fl-IDS dwar il-każistika nazzjonali f'oqsma ewlenin tas-SEKA żdiedet b'mod konsistenti matul l-2017, bil-każistika nazzjonali miġbura mit-30 pajjiż tal-UE+, mill-qorti tal-Ġustizzja tal-UE u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'Diċembru, tnediet riżorsa nazzjonali tal-każistika dwar l-IDS.

## Il-kisba u l-validazzjoni tal-informazzjoni

L-informazzjoni tal-bidu tinġabar minn firxa ta' sorsi, li jinkludu rapporti tal-matriċi ta' kwalità tal-EASO, rapporti tan-netwerk Ewropew dwar il-migrazzjoni (EMN), bażijiet ta' *data* tal-amministrazzjonijiet nazzjonali, kontributi tal-membri tan-netwerk tal-IDS u *data* miġbura għar-Rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE.

L-informazzjoni fl-IDS hi validata u aġġornata bis-sostenn tan-netwerk tal-IDS. In-netwerk tal-IDS jikkonsisti minn esperti tal-amministrazzjoni tal-asil mill-UE+ u fl-2017 ġie espandut billi ssieħbu tmien pajjiżi ġodda tal-UE+, biex b'hekk it-total tela' għal 29 pajjiż tal-UE+ attivi fin-netwerk.

Il-bażi tal-utenti tal-IDS espandiet matul is-sena kollha. Fl-2017 l-EASO ottimizza s-software tal-IDS u għamel stħarriġ biex jevalwa s-sodisfazzjon tal-utenti

bil-pjattaforma bl-għan li jippjana titjib għall-futur mil-lat tal-kontenut u dak tekniku.

## 4.2.4. Rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-Unjoni Ewropea

### Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017

**30 pajjiżi tal-UE+ taw sehemhom**

**L-ogħla numru fl-istorja ta' kontributi mis-soċjetà ċivili**

**160+ persuna attendew għall-avveniment ta' tnedija, żieda ta' 49.5 % meta mqabbla mal-2016**

### Titjib tal-funzjonament tas-SEKA

Kull sena, l-EASO jippubblika rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE għal dawk li jfasslu l-politika u għall-partijiet ikkonċernati nazzjonali u tal-UE.

L-għan tar-rapport hu li jtejjeb il-kwalità, il-konsistenza u l-effikaċja tas-SEKA.

### Il-provvista ta' analiżi tad-*data* bbażata fuq l-evidenza

Ir-rapport jipprovdi analiżi bbażata fuq l-evidenza tad-*data* dwar l-applikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet, ix-xejriet tal-asil (inklużi l-isfidi ewlenin u r-risponsi matul is-sena), l-iżviluppi istituzzjonali u legali kbar u jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-funzjonament prattiku tas-SEKA.

Bħala parti mir-rapport, l-EASO jevalwa wkoll ir-riżultati tal-attivitajiet operazzjonali u ta' sostenn imwettqa f'konformità mal-mandat tiegħu.

### Firxa wiesgħa ta' sorsi

Ir-rapport hu bbażat fuq informazzjoni miksuba mill-EASO mingħand il-pajjiżi tal-UE+, in-netwerk tal-EASO ta' membri tal-qorti u tat-tribunali, l-aġenziji ĠAI, il-UNHCR, is-soċjetà ċivili, speċjalisti tal-informazzjoni u uffiċjali fuq il-post. Id-*data* statistika hi mill-Eurostat u hi supplimentata b'*data* rilevanti miġbura mill-EASO fi ħdan l-EPS.

### Tixrid tar-rapport tal-2016

Wara l-adozzjoni tiegħu mill-bord ta' tmexxija tal-EASO f'Ġunju 2017, l-EASO nieda r-*Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-UE 2016* pubblikament fil-5 ta' Lulju 2017 fi Brussell fil-preżenza ta' rappreżentanti ewlenin tal-mezzi tax-xandir u ta' partijiet ikkonċernati oħra. Ir-rapport tqassam ukoll fil-Parlament Ewropew, fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Ewropea u fost partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

It-taqsimu dwar Dublin ġiet finalizzata f'Settembru minħabba l-indisponibbiltà tad-*data* statistika tal-Eurostat dwar l-indikaturi ta' Dublin fiż-żmien tal-approvazzjoni tar-rapport.

Verżjoni online tqiegħdet għad-dispożizzjoni fuq is-sit web tal-EASO. Is-sejbiet ewlenin fir-rapport ġew tradotti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-EASO.

Tard fl-2017 sar stħarriġ ta' evalwazzjoni dwar l-utilità u l-valur miżjud tar-rapport annwali, li ġab għarfien u suġġerimenti siewja għall-edizzjonijiet li jmiss tar-rapport.

#### 4.2.5. Integrazzjoni u żvilupp ulterjuri tas-sistemi ta' informazzjoni dwar l-asil

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017
Twettqet ħidma preparatorja biex jiġu estiżi l-funzjonalitajiet tal-Portal tas-COI
Saru diskussjonijiet ma' żewġ Stati Membri dwar il-konnessjoni tas-sistemi mal-Portal tas-COI
Viżwalizzazzjonijiet statistiċi mqiegħda għad-dispożizzjoni fuq l-IDS
Mappa tad-Dinja Interattiva fil-Jum Dinji għar-Refuġjati u mappa Ewropea Interattiva
Aktar minn 20 000 impressjoni fuq il-Midja Soċjali

#### Fokus fuq il-viżwalizzazzjonijiet tad-*data*

Fl-2017, l-EASO ħadem fuq l-integrazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi ta' informazzjoni dwar l-asil tiegħu, inklużi l-portal tas-COI, l-IDS, il-pjattaforma tal-EPS u s-sit web tal-EASO. L-EASO ffoka l-isforzi tiegħu hawnhekk fuq il-provvista tal-informazzjoni statistika l-aktar riċenti b'mod aktar dinamiku b'kontributi awtomatizzati ta' xi aħbarijiet u dokumenti riċenti speċifiċi fuq is-sit web.

Il-viżwalizzazzjonijiet tad-*data* dwar l-asil fuq il-mapep interattivi ġġeneraw diversi żjarat fis-sit web tal-EASO u impressjonijiet dwar il-midja soċjali tal-EASO.

#### Żvilupp ulterjuri u integrazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni dwar l-asil

Wieħed mill-objettivi tal-EASO b'rabta ma' dan is-suġġett hu l-estensjoni tal-funzjonalitajiet tal-portal tas-COI. Għal dan l-għan, l-EASO esplora soluzzjonijiet matul l-2017 biex jiżviluppa pjattaforma ta' kooperazzjoni għan-netwerks ta' speċjalisti tas-COI, kif ukoll l-iżvilupp ta' paġni ta' ħarsa ġenerali lejn il-pajjiżi, li jkunu juru statistiki rilevanti wkoll, u li jkunu jippermettu n-navigazzjoni ġeografika bl-użu ta' mapep online dinamiċi. L-EASO qed jistenna li jibda bil-ħidma ta' żvilupp fuq dawn fl-2018.

L-EASO organizza diskussjonijiet ma' żewġ Stati Membri biex isir jaf liema adattamenti hemm bżonn li jsiru fis-sistemi tagħhom għal konnessjoni potenzjali mal-portal tas-COI fil-ġejjieni.

Rigward l-IDS, l-EASO tejjeb l-interfaċċa u l-funzjonalitajiet tas-sistema, eż. il-viżwalizzazzjoni tad-*data* tal-Eurostat għall-pajjiżi individwali, u jipprevedi t-twettiq ta' ħidma ulterjuri f'dan il-qasam.

Fost affarijiet oħra, l-EASO fassal il-mapep u ċ-charts rilevanti biex ikunu faċli għall-utenti għal udjenzi fil-mira differenti. L-għan finali hu li partijiet mill-IDS isiru aċċessibbli għall-pubbliku fit-tul. Għalissa, għadha aċċessibbli b'aċċess protett b'password għad-durata ta' perjodu tat-test.

Bħala parti mill-iżviluppi fl-IDS, l-EASO qed jiżviluppa pjattaforma ta' domandi li se tippermetti ġestjoni ċentralizzata tad-domandi differenti kollha li jiġġestixxi l-EASO, inklużi dawk proċessati fil-kuntest ta' netwerks speċifiċi, u li se jitqabdu, pereżempju, mal-portal tas-COI.

#### 4.2.6. Riċerka dwar it-twissija bikrija u l-għeruoq

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017
Rieżami tal-istħarriġijiet tal-migranti b'rabta mal-asil
Studju tal-fattibbiltà għal stħarriġ tal-EASO
Studju tal-fattibbiltà b'suċċess dwar il-monitoraġġ semiawtomatizzat tal-big <i>data</i> u monitoraġġ tal-avvenimenti
Sejħa għall-offerti mnedija għal Rapport dwar il-Fatturi ta' ġibda
2 avvenimenti organizzati fil-qafas tal-Programm ta' Riċerka tal-EASO

#### Riċerka għal sistema msaħħa ta' twissija bikrija

Fl-2017, l-EASO għamel progress ulterjuri fil-programm ta' riċerka tiegħu dwar it-twissija bikrija u l-fehim tal-għeruoq. Is-settur ta' riċerka tal-EASO wettaq il-ħidma fuq dan il-programm ta' riċerka li għandu l-għan li jkompli jifhem l-għeruoq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni biex jiżviluppa sistema ta' twissija bikrija vera għall-flussi futuri tal-asil.

Rieżami tal-istħarriġijiet ta' migranti b'rabta mal-asil twettaq sa tmiem is-sena mill-Università ta' Siena u mill-aġenzija ta' konsulenza u ta' riċerka Kantar Public Brussels, bil-koordinazzjoni tal-EASO. Ir-rapport (li għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-EASO) jirrieżamina 550 stħarriġ ta' migranti li twettqu fl-Ewropa, fl-Awstralja, fi New Zealand u fl-Istati Uniti bejn is-sena 2000 u l-2017. Ir-riżami hu komplimentat minn bibliografija annotata ta'



stħarriġijiet kwantitattivi ta' applikanti għal asil, ta' refuġjati u ta' migranti spostati. Minbarra dan, ġie kkompat sett ta' *data* li jinkludi informazzjoni dwar stħarriġijiet individwali, inklużi l-metodoloġiji tagħhom. Is-sett ta' *data* se jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-EASO wkoll.

Sa tmiem is-sena, l-EASO ffinalizza wkoll studju tal-fattibbiltà bi tħejjija għal proġett pilota tal-EASO biex jagħmel stħarriġ fost l-applikanti għal asil (skedat għall-2018).

#### Il-monitoraġġ tal-“big data”

Bħala parti mill-programm ta' riċerka tiegħu, l-EASO qed jiżviluppa għodda għall-monitoraġġ semiawtomatizzat tal-big *data* u tal-avvenimenti midja għall-analiżi u għat-twissija bikrija. F'dan il-kuntest, l-EASO kkollabora mal-Aġenzija Spazjali Ewropea fuq proġett dwar applikazzjonijiet tal-big *data* biex isaħħaħ it-tħejjija u r-rispons għall-migrazzjoni. L-EASO għamel ukoll l-istudju tal-fattibbiltà tiegħu stess, li ta riżultati inkoraġġanti. Għaldaqstant, fl-2018 l-EASO se jwettaq proġett pilota biex jivvaluta l-potenzjal reali fl-użu tal-big *data* għat-twissija bikrija tal-migrazzjoni b'rabta mal-asil.

#### Il-fehim tal-għażla tad-destinazzjonijiet tal-applikanti għal asil

Minbarra dan li ntqal hawn fuq, l-EASO ppubblika sejħa għall-offerti għall-abbozzar ta' rapport dwar il-fatturi ta' ġibda. L-għan ta' dan il-proġett hu li jtejjeb il-fehim tal-għażla tal-pajjiż ta' destinazzjoni tal-applikanti għal asil fl-UE+. L-EASO biħsiebu jifhem kemm in-nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-politiki tal-asil fil-pajjiżi tal-UE+

għandhom effett ta' fattur ta' ġibda fuq il-mobilità relatata mal-asil, b'mod partikolari fil-kuntest tal-movimenti sekondarji, u jekk dan jistax jiġi kwantifikat u ssorveljat maż-żmien.

#### It-tbassir għall-antiċipazzjoni

F'Ġunju, l-EASO organizza workshop konġunt bejn l-EASO u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) f'Pariġi biex dawn jiddiskutu kif iħejju aħjar għall-isfidi futuri relatati mal-migrazzjoni. L-organizzazzjoni tal-workshop kienet parti mir-relazzjonijiet kollaborattivi usa' bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet bħala parti mill-programm ta' riċerka tal-EASO u minħabba interess komuni fl-approċċi għat-twissija bikrija u għat-tbassir tal-migrazzjoni. L-oġġettiv ewlieni tal-laqqgħa (li attendew għaliha bejn wieħed u ieħor 70 parteċipant) kien li jittieħed kont tal-prattiki tajbin eżistenti għall-antiċipazzjoni mtejba tat-tipi differenti ta' movimenti tal-migrazzjoni.

F'Settembru, l-EASO organizza workshop dwar l-immudellar tal-migrazzjoni għat-twissija bikrija. Il-workshop kien primarjament immirat lejn il-membri tal-EPS, iżda attendew ukoll rappreżentanti mid-Direttorat Ġenerali (DĠ) Migrazzjoni u Affarijiet Interni, miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), mill-OECD u mill-UNHCR. L-oġġettiv tal-laqqgħa kien li jiġu diskussi r-riżultati preliminari tal-applikazzjoni tal-metodi għat-twissija bikrija għad-*data* tal-EPS, li l-parteeipanti jiġu esposti għal esperjenza ta' previżjoni f'ħin reali, u li jiġu diskussi l-potenzjal, il-limitazzjonijiet u l-isfidi tal-approċċ propost.



### 4.3. Sostenn permanenti

Is-sostenn permanenti tal-EASO lill-Istati Membri għandu l-għan li jsostni l-implimentazzjoni tas-SEKA u li jtejjeb il-kwalità tal-proċessi u tas-sistemi tal-asil. B'mod aktar speċifiku, l-għan tiegħu hu li jipromwovi implimentazzjoni konsistenti tas-SEKA fi ħdan l-UE u li jikkondividi l-għarfien u l-ħiliet komuni, l-organizzazzjoni u l-proċeduri, l-informazzjoni, ir-riżorsi u l-aqwa prattiki.

#### 4.3.1. It-taħriġ

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017
32 sessjoni ta' ħarreġ lill-ħarrieġ, li 16 minnhom saru fil-kwartieri ġenerali tal-EASO, 15 kienu sessjonijiet reġjonali f'6 pajjiżi u sessjoni 1 organizzata fil-kuntest tad-dimensjoni esterna
B'kollox tħarrġu 488 ħarrieġ, 248 minnhom f'Malta u 240 reġjonalment
331 sessjoni ta' taħriġ nazzjonali amministrati fuq il-pjattaforma ta' taħlim elettroniku tal-EASO
5 459 persuna mħarrġa fi ħdan is-sessjonijiet nazzjonali ta' taħriġ
318-il ħarrieġ nazzjonali sostnuti mill-EASO biex jagħtu taħriġ nazzjonali
17-il verżjoni lingwistika mtella' fuq il-pjattaforma tat-tagħlim elettroniku tal-EASO
2 moduli ta' taħriġ ġodda żviluppati
7 sessjonijiet ta' taħriġ operazzjonali għall-esperti stazzjonati fil-Greċja u 4 sessjonijiet ta' taħriġ imfassla apposta fl-Italja
4 sessjonijiet ta' taħriġ għall-persunal tal-EASO u żieda fil-parteċipazzjoni tal-persunal tal-EASO f'sessjonijiet ta' ħarreġ lill-ħarrieġ
Stat Membru 1 li rċieva sostenn <i>ad hoc</i>
3 żjarat fuq il-post/ta' studju fl-unitajiet ta' taħriġ tal-pajjiżi tal-UE+
Progress fiċ-ċertifikazzjoni u fl-akkreditament tal-Kurrikulu ta' Taħriġ tal-EASO

#### Lejn standards ta' kwalità għolja komuni fl-UE+ kollha

L-EASO jsostni lill-pajjiżi tal-UE+ fl-iżvilupp tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi tal-persunal responsabbli minn materji li jikkonċernaw l-asil permezz ta' taħriġ komuni kwalitattiv. Billi jsostni livell komuni tal-kwalità fi ħdan l-UE kollha, it-taħriġ tal-EASO jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni konsistenti tas-SEKA. Għal dan l-għan, l-EASO jsegwi approċċ b'żewġ direzzjonijiet: fuq naħa waħda, billi jżviluppa materjali ta' taħriġ rilevanti u, fuq in-naħa l-oħra, billi jorganizza u jagħti korsijiet ibbażati fuq metodoloġija ta' ħarreġ lill-ħarrieġ.

#### Esperti ta' taħriġ fl-UE kollha u lil hinn minnha

Fl-2017, l-EASO intensifika u saħħaħ l-implimentazzjoni tal-kurrikulu ta' taħriġ tiegħu, sistema komuni ta' taħriġ vokazzjonali għall-uffiċjali tal-każijiet u l-uffiċjali tas-servizzi tal-asil u tal-migrazzjoni, permezz tal-provvista ta' 16-il sessjoni ta' ħarreġ lill-ħarrieġ fil-kwartieri ġenerali tiegħu f'Malta. Ġie pprovdut taħriġ fuq il-moduli li ġejjin:

- “kif tintervista t-tfal”,
- “l-akkoljenza”,
- “il-valutazzjoni tal-evidenza”,
- “ir-regolament ta' Dublin III”,
- “kif tintervista l-persuni vulnerabbli”,
- “tmiem tal-protezzjoni”,
- “l-inklużjoni avvanzata”, “id-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni internazzjonali fl-UE”,
- “informazzjoni dwar il-pajjiż tal-orijġini”,
- “modulu għall-maniġers”,
- “esklużjoni”, “didattika”,
- “il-ġeneru, l-Identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali” (mogħti darbtejn),
- “it-traffikar tal-bnedmin” (mogħti darbtejn).

L-EASO ta wkoll it-taħriġ li ġej.

- Sessjonijiet reġjonali ta' ħarreġ lill-ħarrieġ f'Ateni għall-moduli li ġejjin:
  - “l-inklużjoni”,
  - “it-tekniki tal-intervista”,
  - “l-akkoljenza”
  - “ir-regolament ta' Dublin III”.
- Żewġ sessjonijiet fi Vjenna bil-moduli li ġejjin:
  - “il-valutazzjoni tal-evidenza”,
  - “kif tintervista l-persuni vulnerabbli”.
- Sessjoni waħda f'Ruma dwar “ir-regolament ta' Dublin III”.
- Sessjoni waħda fi Brussell dwar il-modulu tal-“akkoljenza”.
- Żewġ sessjonijiet fl-Estonja dwar il-moduli tal-“inklużjoni” u tal-“valutazzjoni tal-evidenza”.



Minbarra l-lista ta' hawn fuq, il-Ġermanja organizzat ħames sessjonijiet ta' ħarreġ lill-ħarrieġa dwar il-moduli tal-"inklużjoni" u ta' "kif tintervista l-persuni vulnerabbli".

L-EASO ħarreġ total ta' 488 ħarrieġ matul it-32 sessjoni ta' ħarreġ lill-ħarrieġa fl-2017 u 5 459 persuna oħra tħarrġu matul 331 sessjoni nazzjonali ta' taħriġ amministrati mill-EASO.

### It-taħriġ għall-esperti stazzjonati mill-EASO

Barra minn hekk, l-EASO jiżgura taħriġ strutturat għall-esperti li jkunu parti mir-riżerva ta' intervent għall-asil tal-EASO. F'dan ir-rigward, l-EASO għamel seba' sessjonijiet ta' taħriġ operazzjonali fl-2017 għall-esperti tal-EASO stazzjonati biex isostnu l-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-fruntiera tal-Greċja fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni UE-Turkija. Din hi attività regolari b'sostenn tal-kapaċità u tal-bini ta' kapaċità għall-attivitajiet operazzjonali tal-EASO fil-hotspots.

B'mod simili, l-EASO organizza żewġ sessjonijiet ta' taħriġ fl-Italja dwar l-identifikazzjoni tal-każijiet ta' Dublin u l-valutazzjonijiet tal-aħjar interess fir-rilokazzjoni u żewġ sessjonijiet ta' taħriġ għall-esperti stazzjonati tal-EASO bħala parti mill-operazzjonijiet tal-EASO fl-Italja.

### It-taħriġ għall-persunal tal-EASO

Fl-2017, l-EASO organizza sessjonijiet pilota ta' taħriġ għall-persunal tal-EASO li jikkonsistu f'żewġ sessjonijiet dwar il-modulu tas-SEKA u żewġ sessjonijiet dwar l-introduzzjoni għall-modulu tal-protezzjoni

internazzjonali. 54 membru tal-persunal tal-EASO segwew dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ.

### L-iżvilupp tal-materjali ta' taħriġ

L-iżvilupp ta' materjal ta' taħriġ hu attività kontinwa tal-EASO. Il-gruppi ta' esperti dwar il-kontenut (17-il individwu) jikkontribwixxu għall-iżvilupp, għat-titjib jew għall-aġġornament tal-moduli tat-taħriġ. L-iżvilupp ta' żewġ moduli ġodda ta' taħriġ dwar "l-inklużjoni avvanzata" u "t-traffikar ta' bnedmin" ġie konkluż fl-2017. L-EASO kompli wkoll bil-ħidma tiegħu dwar l-iżvilupp ta' "modulu għall-interpreti" għid u beda jaħdem fuq żewġ oqsma ġodda: "ir-risistemazzjoni" u l-"akkoljenza għal persuni vulnerabbli".

Fl-2017, l-EASO ffinalizza l-manwal tiegħu dwar "l-inklużjoni avvanzata". Bħala parti mill-proċessar ta' aġġornament tal-modulu, il-manwali għat-"tekniki tal-intervisti" u "kif tintervista l-persuni vulnerabbli" ġew rieżaminati, u l-manwali ta' taħriġ dwar "kif tintervista t-tfal" u "tmem tal-protezzjoni" qed jiġu żviluppati bħalissa.

Finalment, l-EASO ffinalizza l-iżvilupp tal-manwali tal-ħarrieġa għat-taħriġ operazzjonali għall-"interpreti", għall-"aċċess għall-proċedura tal-asil" u għall-"akkoljenza", u jinsab fil-proċess li jiffinalizza manwal operazzjonali ieħor għall-ħarrieġa dwar "ir-reġistrazzjoni tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali fl-Italja".

### Kooperazzjoni mal-grupp ta' referenza

Il-grupp ta' referenza tat-taħriġ tal-EASO ta wkoll is-sehem tiegħu għall-abbozzar, għar-rieżami



u għall-finalizzazzjoni tal-manuskritti u tal-manwali. B'mod partikolari, il-grupp ta' referenza rrieżamina l-modulu "l-inklużjoni avanzata" u fforma parti integrali mill-grupp tal-iżvilupp tal-modulu billi ħadem flimkien mal-esperti dwar il-kontenut tal-Istati Membri u ħa sehem b'mod attiv u kkoopera magħhom rigward l-iżvilupp ta' dan il-modulu. Il-grupp ta' referenza pprova wkoll pariri esperti dwar l-iżvilupp/l-aġġornar tal-modulu għall-interpreti u l-moduli dwar "is-COI", "ir-risistemazzjoni", "it-tekniki tal-intervista", "kif tintervista l-persuni vulnerabli" u "kif tintervista t-fal".

F'Diċembru l-EASO organizza l-laqgħa annwali tiegħu tal-grupp ta' referenza bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tal-UNHCR, tal-ECRE, ta' Odysseus u tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali.

### L-ewalwazzjoni tal-kurrikulu tat-taħriġ tal-EASO

Il-proċess għall-ewalwazzjoni tal-kurrikulu tat-taħriġ tal-EASO u għall-valutazzjoni tal-effikaċja tal-attivitajiet tat-taħriġ tal-EASO fil-pajjiżi tal-UE+ tlesta fl-2017. Il-konsulenti nedew kwestjonarji u intervisti approfonditi ma' numru ta' Stati Membri u ta' partijiet ikkonċernati oħra u ppreżentaw rapport finali f'konferenza f'Diċembru 2017 fejn ġew diskussi r-rakkomandazzjonijiet u tfassal pjan ta' azzjoni.

### Ċertifikazzjoni u akkreditament

Matul l-2017, l-EASO kompli jagħmel progress fl-implimentazzjoni u fit-tiħni taċ-ċertifikazzjoni u tal-akkreditament tal-kurrikulu tat-taħriġ tiegħu. Fil-fatt, l-għan tal-EASO hu li jiżgura li l-uffiċjali tal-asil imħarrġa fil-kurrikulu tat-taħriġ tal-EASO jirċievu kwalifika settorjali internazzjonali għall-uffiċjali tal-asil.

Qabel l-implimentazzjoni tal-moduli ċertifikati u akkreditati, l-eżiti tat-tagħlim, il-manwali tat-taħriġ u t-traskritti għat-13-il modulu ċertifikati ġew rieżaminati u modifikati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Università ta' Middlesex, skont il-Qafas Nazżjonali regolat tal-Kwalifiki (QNK) għall-Ingilterra u għal Wales (ir-Renju Unit).

L-Università ta' Middlesex ingħatat ħames krediti fil-livell ħamsa għal kull wieħed mit-13-il modulu akkreditat tal-kurrikulu ta' taħriġ tal-EASO fil-verżjoni lingwistika bl-Ingliż. Dan ifforma l-bażi għad-diskussjonijiet dwar it-tfassil ta' ċertifikat skont QNK bl-użu tal-istandards okkupazzjonali għall-profili tal-kompetenza għall-uffiċjali tal-asil bħala bażi għall-eżiti tat-tagħlim. Dan witta t-triq għal kwalifika settorjali għall-uffiċjali tal-asil.

Fl-2017, l-EASO ħejja wkoll għall-proċess ta' mmappjar tal-proċeduri ta' garanzija tal-kwalità li bħalissa jinsabu fis-seħħ għall-valutazzjoni tal-kurrikulu ta' taħriġ

tal-EASO, f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità tal-EASO.

It-13-il modulu ċertifikat u akkreditat ittelligħu fis-sistema ta' tagħlim u ta' ġestjoni tal-EASO matul l-2017.

L-EASO offra l-verżjoni ċertifikata u akkreditata fi tmien sessjonijiet ta' ħarreġ lill-ħarrieġ dwar il-moduli li jikkonċernaw "is-COI", "Dublin", "il-valutazzjoni tal-evidenza", "l-esklużjoni" (2 sessjonijiet), "l-inklużjoni" u "l-ġeneru, l-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali". Mill-141 parteċipant reġistrati fis-sessjonijiet iċċertifikati, 97 għażlu li jieħdu l-valutazzjoni finali. Mis-97 li ħadu sehem fil-valutazzjoni finali, 86 għaddew (89 %). Sessjoni waħda ċertifikata u akkreditata fil-modulu "valutazzjoni tal-evidenza" ngħatat fit-taħriġ nazżjonali (il-verżjoni lingwistika bl-Ingliż).

### Il-materjali tat-taħriġ tradotti

Fl-2017, 17-il verżjoni lingwistika differenti tal-materjali ta' taħriġ ittelligħu fil-pjattaforma tat-tagħlim elettroniku:

- Ħamsa bl-Ingliż (il-moduli li jikkonċernaw tmien tal-protezzjoni, l-inklużjoni avanzata, it-THB, l-introduzzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u għad-drittijiet fundamentali);
- Erbġħa bir-Russu (il-modulu għall-manigera, il-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru (SOGI), l-akkoljenza, id-didattika u l-inklużjoni);
- Wieħed bir-Rumen (ir-regolament ta' Dublin III);
- Wieħed bl-Olandiż (l-akkoljenza);
- Wieħed bit-Tork (il-valutazzjoni tal-evidenza);
- Tlieta bil-Ġermaniż (is-SEKA, ir-regolament ta' Dublin III, il-ġeneru u s-SOGI);
- Wieħed bil-Franċiż (l-akkoljenza).

### L-iżvilupp tal-pjanijiet ta' taħriġ

Matul l-2017, l-EASO sostna numru ta' pajjiżi tal-UE+ fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ tagħhom u fit-fassil tal-pjanijiet ta' taħriġ għalihom. Wara illustrazzjoni, l-EASO għen lil Malta fl-iżvilupp ta' pjan ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-fruntiera Maltin, għall-uffiċjali tal-każijiet fl-uffiċċju tal-kummissarju tar-refuġjati u għall-membri tal-bord tal-appelli tar-refuġjati. Għal dan l-għan, l-EASO assista lil dawn il-korpi wkoll bl-organizzazzjoni tas-sessjonijiet ta' taħriġ dwar diversi moduli prinċipali kemm online kif ukoll dawk wiċċ imb wiċċ. Bl-istess mod, l-EASO sostna lill-Ġermanja fl-organizzazzjoni ta' sessjonijiet reġjonali ta' ħarreġ lill-ħarrieġ f'kif tintervista l-persuni vulnerabli u fl-esklużjoni.



### 4.3.2. Il-proċessi tal-asil

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017
Laqgħa Tematika dwar “L-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali”
L-Iżvilupp ta’ Gwida Prattika dwar il-Kwalifikazzjoni għall-Protezzjoni Internazzjonali
Il-Jum ta’ Informazzjoni tal-EASO tal-2017 dedikat għall-għodod prattiċi
Laqgħa annwali 1 tan-Netwerk tal-Proċessi ta’ Asil
5 Prodotti promozzjonali/ta’ gwida dwar l-għodod prattiċi
Laqgħa 1 ta’ Ġestjoni tal-Kwalità; ħidma dwar l-Għodda ta’ Garanzija tal-Kwalità u dwar ir-Rapport tal-Matriċi

#### It-tkomplija tal-ħidma dwar standards komuni u superjuri

Fl-2017, l-EASO kompli jtejjeb l-attivitajiet tal-kooperazzjoni prattika tiegħu li ngħataw bidu taħt il-proċess tal-matriċi tal-kwalità tal-EASO bl-għan ġenerali ta’ sostenn lill-Istati Membri biex jiksbu standards komuni kif meħtieġa mis-SEKA. F’dan ir-rigward, l-EASO jwettaq immappjar tal-prattiki u tal-politiki attwali tal-Istati Membri dwar oqsma speċifiċi tas-SEKA u b’dan il-mod jikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tas-SEKA.

Fl-2017, l-EASO ffoka l-għbir tal-informazzjoni tiegħu fuq l-implimentazzjoni tas-SEKA b’mod partikolari fuq “l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali”, b’laqgħa tematika f’Marzu u bil-pubblikazzjoni ta’ rapport tal-matriċi tal-kwalità dwar din it-tema li ser issegwi fl-2018.

#### Għodod prattiċi ġodda

L-EASO żviluppa firxa ta’ għodod u ta’ gwidi prattiċi komuni mmirati lejn ċerti aspetti tal-proċessi tal-asil. L-EASO jqegħidhom għad-dispożizzjoni wkoll għall-uffiċjali tal-Istati Membri biex isostnihom fl-implimentazzjoni ta’ kuljum tas-SEKA. L-EASO żviluppa *Gwida Prattika dwar il-kwalifikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali* wara konsultazzjoni mal-istati tal-UE+, mal-Kummissjoni u mal-UNHCR għall-pubblikazzjoni fl-2018.

Il-laqgħa annwali tan-netwerk tal-proċessi tal-asil ġiet organizzata f’Novembru. Din kienet opportunità biex jittieġed kont tal-iżviluppi fl-2017 u jiġu diskussi s-suġġetti għall-għodod prattiċi u għar-rapporti tematiċi u l-ippjanar ġenerali għall-2018. Barra minn hekk, il-laqgħa kellha enfasi tematika fuq l-għodod tal-IT b’sostenn tal-proċessi tal-asil.

### It-tiżiħ tal-użu ta’ għodod prattiċi tal-EASO

Ingħatat ukoll attenzjoni partikolari għall-promozzjoni tal-għarfien u tal-użu akbar tal-għodod prattiċi tal-EASO permezz ta’ fuljett, volantini u filmat promozzjonali/ta’ gwida u preżentazzjonijiet aġġornati fl-avvenimenti interni u esterni.

L-EASO għamel filmat wieħed fuq l-għodda tal-IPSN (identifikazzjoni ta’ persuni bi bżonnijiet speċjali) u żewġ filmati dwar “l-aċċess għall-proċedura” disponibbli fuq YouTube.

Barra minn hekk, l-EASO ddedika l-Jiem ta’ Informazzjoni tal-2017 tiegħu speċifikament għat-tema ta’ (taħriġ u) għodod prattiċi.

Finalment, fis-CF tal-EASO, sessjoni speċifika ġiet dedikata għall-involviment tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp ta’ għodod u ta’ gwidi prattiċi.

#### L-iżgurar tal-kwalità fit-teħid ta’ deċiżjonijiet

Importanti daqs l-għajnuna lill-Istati Membri biex jilħqu l-istandards komuni hemm is-sostenn li l-EASO jagħti lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-kwalità tal-proċess nazzjonali ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet dwar l-asil u aspetti oħra tas-SEKA permezz tal-organizzazzjoni tal-attivitajiet għall-iskambju ta’ informazzjoni u ta’ prattiki tajba, filwaqt li tiġi promossa l-kooperazzjoni u tiġi żviluppata għodda ta’ garanzija tal-kwalità.

F’dak ir-rigward, l-EASO organizza laqgħa ta’ ġestjoni tal-kwalità f’Ottubru 2017, żviluppa għodda ta’ garanzija tal-kwalità tal-EASO u abbozza *r-Rapport tal-matriċi tal-kwalità dwar il-ġestjoni tal-kwalità*, li għandu jiġi ppubblikat fl-2018.

### 4.3.3. It-tlaqqiġ ta’ network dwar l-esklużjoni

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017
18-il stat tal-UE+ rappreżentati fin-Netwerk tal-EASO dwar l-Esklużjoni
Fl-ħarsa ġenerali lejn is-sistemi u l-proċessi nazzjonali tal-esklużjoni

Fl-2017, l-EASO saħħaħ il-kooperazzjoni prattika u l-iskambju ta’ informazzjoni dwar materji relatati mal-esklużjoni billi waqqaf network ta’ esperti dedikat għall-esklużjoni.

In-netwerk tal-EASO dwar l-esklużjoni hu msawwar minn punti ta’ kuntatt fi ħdan 18-il awtorità determinanti nazzjonali li jieħdu ħsieb l-esklużjoni mill-protezzjoni internazzjonali.

L-ewwel laqgħa tan-netwerk tal-EASO dwar l-esklużjoni ġiet organizzata fi Frar u ġiet segwita minn laqgħa konġunta tan-netwerk tal-EASO dwar l-esklużjoni u n-netwerk ta' speċjalisti tas-COI dwar l-Afganistan f'Novembru. B'mod speċifiku, in-netwerk jaqşam ukoll informazzjoni bejn il-membri tiegħu permezz ta' aġġornamenti u ta' laqgħat tan-netwerk trimestrali. In-netwerk għen lill-EASO wkoll biex iħejji ħarsa ġenerali lejn is-sistemi u l-proċessi nazzjonali tal-esklużjoni.

Barra minn hekk, l-EASO ppubblika (f'Janjar 2017) *Gwida Prattika dwar l-esklużjoni*, maħsuba primarjament biex issostni lill-uffiċjali tal-każijiet fil-ħidma ta' kuljum tagħhom meta jintervistaw lin-nies u jivvalutaw każijiet potenzjali ta' esklużjoni.

#### 4.3.4. L-attivitajiet dwar applikanti vulnerabbli

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017
Ir-raba' Konferenza Annwali tal-EASO dwar it-THB u l-Protezzjoni Internazzjonali
Il-ħames Konferenza Annwali dwar l-attivitajiet tal-EASO fuq it-tfal fi proċessi tal-asil
2 workshops tematiki dwar gruppi vulnerabbli
Saru 2 Konsultazzjonijiet u s-sejbiet tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali
Gwida Prattika tal-EASO dwar il-Valutazzjoni tal-Età ffinalizzata
Il-ktejjeb ta' informazzjoni tal-EASO orjentat lejn it-tfal dwar ir-rilokazzjoni u ktieb tal-kuluri
L-iżvilupp tal-Gwida Prattika tal-EASO dwar il-Valutazzjonijiet tal-Aħjar Interessi

#### Il-qsim tal-għarfien espert u l-iżvilupp ta' għodod prattiċi

Matul l-2017, l-EASO kompli jipprovdi sostenn u jaġti spinta għall-kooperazzjoni prattika fost il-pajjiżi tal-UE+ u esperti rilevanti oħra dwar kwistjonijiet relatati ma' applikanti vulnerabbli. Is-sostenn hu pprovdut fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni u fil-pariri tal-esperti u fl-iżvilupp ta' għodod prattiċi komuni biex jiġi kkontribwit għall-identifikazzjon aħjar ta' applikanti vulnerabbli fil-proċess tal-asil. L-iżvilupp ta' għodod prattiċi jipromwovi wkoll standards komuni u l-aħjar prattiki b'rabta ma' persuni vulnerabbli u mbagħad jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dan l-aspett tas-SEKA.

#### Il-qsim ta' għarfien espert dwar il-gruppi vulnerabbli

Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni prattika f'dan il-qasam, l-EASO organizza wkoll konferenzi u laqgħat tematiki tal-gruppi ta' ħidma ta' esperti, li kkontribwixxew għall-approfondiment tal-għarfien dwar il-prattiki u l-politiki tal-Istati Membri, biex jiġu identifikati ċerti ħtiġijiet u jiġi promoss l-iskambju tal-aħjar prattiki b'rabta mal-oqsma diskussi.

Bħala eżempju, l-EASO organizza l-ħames konferenza annwali dwar l-attivitajiet tal-EASO relatati mat-tfal fil-proċessi tal-asil. Is-sessjoni tematika bniet fuq l-identifikazzjoni tal-kwistjonijiet differenti li jaffaċċjaw l-awtoritajiet meta jimmaniġġjaw l-applikazzjonijiet ta' protezzjoni internazzjonali tat-tfal (fehim diverġenti, li jwassal għat-trattament differenti f'każijiet simili)



u l-prattiki tajbin implimentati biex jiġu indirizzati wħud minn dawn il-kwistjonijiet.

Barra minn hekk, f'Mejju sar workshop tematiku dwar l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali li jqajmu kunsiderazzjonijiet relatati mas-SOGI biex jiġu diskussi l-aħjar Prattiki u l-isfidi li jaffaċċjaw l-Istati Membri bl-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għal asil relatati mas-SOGI u biex jinqasmu Prattiki fl-Istati Membri differenti.

F'Ottubru, l-EASO organizza laqgħa tal-grupp ta' ħidma dwar il-valutazzjonijiet tal-aħjar interessi għat-tfal biex ikompli jsostni l-iżvilupp ta' gwida Prattika dedikata pendent tal-EASO li għandha tiġi finalizzata fl-2018.

Biex jimmapja l-prattiki eżistenti fuq is-suġġetti msemmija, l-EASO bagħat żewġ kwestjonarji lill-awtoritajiet nazzjonali, l-ewwel dwar l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali li jqajmu kunsiderazzjonijiet relatati mas-SOGI u t-tieni dwar il-proċeduri tal-asil għat-tfal. Is-sejbiet minn dawk il-konsultazzjonijiet ġew ippreżentati fil-laqgħat rispettivi.

#### Il-protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar ta' bnedmin

F'Mejju l-EASO organizza r-raba' konferenza annwali tal-EASO dwar it-THB u l-protezzjoni internazzjonali. Il-konferenza ħadet impenn li ssib rispons Prattiku u koordinat għas-sitwazzjoni tal-vittmi tat-THB li jfittxu asil f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-obbligi tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Il-konferenza inkludiet żewġ sessjonijiet tematiċi dwar is-sitwazzjoni fil-Libja bħala pajjiż ta' tranżitu, fejn in-netwerks ta' traffikar huma rapportati li huma ferm attivi u żwieġ sfurzat bħala mezz potenzjali ta' sfruttament.

#### L-iżvilupp u l-promozzjoni ta' għodod Prattiki dwar gruppi vulnerabbli

Rigward għodod u gwidi komuni ġodda fl-2017, l-EASO ffinalizza t-tieni edizzjoni tal-*Gwida Prattika tal-EASO dwar il-valutazzjoni tal-età*, u għamel progress sinifikanti fl-iżvilupp tal-*Gwida Prattika tal-EASO dwar il-valutazzjonijiet tal-aħjar interessi* bis-sostenn tan-netwerk tal-EASO dwar l-attivitajiet dwar it-tfal u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Bl-istess mod, l-EASO ppubblika u xerred ktejjeb informattiv maħsub għat-tfal dwar ir-rilokazzjoni f'lingwi differenti u żviluppa ktieb tal-kuluri għat-tfal.

Kif intqal fit-taqsimha 4.3.2, l-EASO ħadem fuq il-promozzjoni tal-għarfien u l-użu tal-għodod Prattiki kollha tiegħu (inklużi dawk relatati ma' nies vulnerabbli bħall-għodda tal-IPSN) b'mezzi varji.

#### 4.3.5. Il-kooperazzjoni mal-membri tal-qrati u tat-tribunali

##### Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017

**5 Analiżijiet Ġudizzjarji ppubblikati; 3 finalizzati u qed jistennew il-pubblikazzjoni**

**Ġew organizzati 6 workshops ta' żvilupp professjonali għall-ħarrieġa**

**Saru 4 sessjonijiet nazzjonali ta' taħriġ ġudizzjarju**

**Ġiet organizzata laqgħa annwali 1 man-Network tal-EASO ta' membri tal-Qrati u tat-Tribunali**

**Il-parteeċipazzjoni f'2 avvenimenti tal-Korpi Nazzjonali ta' Taħriġ Ġudizzjarju**

#### It-tisħiħ tal-kooperazzjoni Prattika mal-qrati

Matul l-2017, l-EASO kompli jżviluppa l-kooperazzjoni tiegħu mal-qrati u mat-tribunali tal-pajjiżi tal-UE+ bl-objettivi ġenerali li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni konsistenti tas-SEKA u li javvanza l-kooperazzjoni Prattika fost il-pajjiżi tal-UE+ dwar l-asil. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni Prattika tal-EASO fl-2017 twettqu skont il-qafas stabbilit u b'rispett tal-indipendenza tal-qrati u tat-tribunali. Dawn jinkludu materjali għall-iżvilupp professjonali, workshops professjonali għall-ħarrieġa ġudizzjarji, sessjonijiet nazzjonali ta' taħriġ ġudizzjarju u laqgħat tan-netwerk tal-EASO tal-membri tal-qrati u tat-tribunali.

#### Gwidi Prattiki u analiżijiet ġudizzjarji

Il-materjali ta' żvilupp professjonali żviluppatti mill-EASO għall-membri tal-qrati u tat-tribunali matul l-2017 jinkludu dawn li ġejjin:

- *Gwida Prattika Ġudizzjarja tal-EASO dwar l-informazzjoni dwar il-pajjiż tal-orġini*, u l-kompilazzjoni tal-ġurisprudenza dwar l-informazzjoni dwar il-pajjiż tal-orġini.
- Analiżi ġudizzjarja tal-EASO, kumpilazzjoni tal-ġurisprudenza u *Nota ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji dwar il-valutazzjoni tal-evidenza u tal-kredibbiltà fil-kuntest tas-SEKA*.
- Analiżi ġudizzjarja tal-EASO, kumpilazzjoni tal-ġurisprudenza u *Nota ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji dwar il-proċeduri tal-asil u l-prinċipju ta' non-refoulement*.
- Analiżi ġudizzjarja tal-EASO, kumpilazzjoni tal-ġurisprudenza u *Nota ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji dwar il-kwalifikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali* (ippubblikata).



- *Analiżi ġudizzjarja tal-EASO dwar l-esklużjoni*: L-Artikoli 12 u 17 u *Noti ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji dwar l-esklużjoni*: L-Artikoli 12 u 17 (ippubblikati).
- *Analiżi ġudizzjarja tal-EASO dwar l-Artikolu 15(c) tad-Direttiva dwar il-Kwalifikazzjoni u Noti ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji dwar l-Artikolu 15(c) tad-Direttiva dwar il-Kwalifikazzjoni* (ippubblikati).
- *Analiżi ġudizzjarja tal-EASO dwar l-introduzzjoni għas-SEKA u Noti ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji dwar l-introduzzjoni għas-SEKA* (ippubblikati).

#### L-avvanzar tal-iżvilupp professjonali tal-ġudikatura

Minbarra l-iżvilupp tal-materjal għall-iżvilupp professjonali, fl-2017 ġew organizzati sitt workshops tal-iżvilupp professjonali għall-ħarrieġa ġudizzjarji.

- Il-kwalifikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali (żewġ sessjonijiet ta' taħriġ).
- Il-protezzjoni sussidjarja, l-Artikolu 15(c) tad-direttiva dwar il-kwalifikazzjoni.
- It-tmiem tal-protezzjoni internazzjonali.
- Valutazzjoni tal-evidenza u tal-kredibbiltà;
- Introduzzjoni għas-SEKA.

L-EASO organizza wkoll numru ta' sessjonijiet ta' taħriġ ġudizzjarju nazzjonali u attivitajiet ta' bini ta' kapaċità għall-ġudikatura. Dan jinkludi erba' workshops ta' taħriġ ġudizzjarju għall-kumitati tal-appelli indipendenti tal-Greċja u żewġ workshops għall-imħallfin Serbjani u workshop wieħed għall-imħallfin tal-Balkani tal-Punent. Barra minn hekk, ġew organizzati żewġ żjarat ta' studju skont il-mandat tad-dimensjoni esterna. Imħallfin Tuneżini żaru l-kumitati tal-appelli indipendenti tal-Greċja u mħallfin tal-Balkani tal-Punent żaru l-qorti amministrattiva suprema tal-Polonja.

#### Iż-żamma ta' komunikazzjoni eċċellenti mal-ġudikatura

Minbarra s-sensiela u l-workshops ta' żvilupp professjonali, l-EASO komplja jstimola wkoll id-djalogu mal-partijiet ikkonċernati ġudizzjarji fl-asil. L-EASO organizza laqgħa annwali ta' ppjanar u ta' koordinazzjoni man-netwerk tal-EASO ta' membri tal-qrati u tat-tribunali u qassam żewġ bullettini b'aġġornamenti ta' rilevanza għan-netwerk. In-numru ta' partijiet ikkonċernati li pparteċipaw fin-netwerk baqa' l-istess u jinkludi l-UE-28, l-Iżvizzera, in-Norveġja, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Liġi dwar ir-Refuġjati, l-Assoċjazzjoni

ta' Mħallfin Amministrattivi Ewropej, in-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju, l-Akkadema tal-Liġi Ewropea u l-UNHCR. Fl-aħħar nett, l-EASO pparteċipa f'żewġ avvenimenti organizzati mill-korpi nazzjonali tat-taħriġ ġudizzjarju, li magħhom l-EASO stabbilixxa kooperazzjoni u djalogu solidi għall-iskambju msaħħaħ ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki.

#### 4.3.6. In-netwerk tal-EASO ta' unitajiet ta' Dublin

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017
<b>4 laqgħat organizzati</b>
<b>30 Unità ta' Dublin li pparteċipaw fin-Netwerk tal-EASO ta' Unitajiet ta' Dublin</b>
<b>4 domandi mingħand l-Unitajiet ta' Dublin imwieġba u 4 rapporti mhejjja</b>
<b>4 rapporti perjodiċi ta' aġġornament</b>
<b>It-tnedija tal-ħidma dwar Gwida Prattika dwar Dublin</b>

L-Istati Membri tal-UE huma responsabbli mill-implimentazzjoni tas-sistema ta' Dublin u jridu japplikaw b'mod konsistenti l-klawżoli legali relatati mar-riunifikazzjoni tal-familja u l-klawżoli diskrezzjonali, li jippermettu lill-Istati Membri jiddeċiedu li jeżaminaw applikazzjoni għal asil u b'hekk itaffu l-pressjoni minn fuq l-Istati Membri bi fruntieri esterni tal-UE.

Sabiex isostni lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni sħiħa tas-sistema ta' Dublin, fl-2016 l-EASO stabbilixxa netwerk tal-unitajiet ta' Dublin f'konferenza mal-aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni. Kull wieħed mit-30 pajjiż tal-UE+ qed jipparteċipa fin-netwerk u kull wieħed iddeċieda dwar NCP ta' Dublin.

Fl-2017, l-EASO organizza żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija, u laqgħa waħda tal-esperti organizzata b'mod konġunt mal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA). Dawn il-laqgħat tan-netwerk iservu bħala forum għal diskussjoni tal-ħtiġijiet u tal-prijoritajiet attwali fi ħdan il-kuntest ta' Dublin u biex iniedu, jiddiskutu u jsostnu miżuri għall-kooperazzjoni. Dawn isaħħu l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni fost it-30 unità ta' Dublin li jipparteċipaw fin-netwerk.

Barra minn hekk, l-EASO stabbilixxa grupp ta' ħidma għall-iżvilupp ta' gwida prattika dwar l-implimentazzjoni tar-regolament ta' Dublin, li jrid jiġi ppubblikat fl-2018.

#### Erba' domandi, tliet rapporti perjodiċi

Barra minn hekk, l-EASO jaqdi rwol ta' koordinatur u ta' faċilitatur biex jiżgura r-rapportar regolari u l-iskambju

ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-regolament ta' Dublin. Għal dan l-għan, l-EASO ċċirkola erba' domandi fuq it-talba tal-unitajiet nazzjonali ta' Dublin biex jikseb informazzjoni mingħand membri tan-netwerk, u, bħala riżultat, ġew prodotti erba' rapporti dwar id-domandi.

Fl-2017, l-EASO pproduċa wkoll erba' rapporti perjodiċi (trimestrali) ta' aġġornament dwar l-iżviluppi relatati ma' Dublin, li inkludew informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva (*data* statistika u aġġornamenti mingħand l-Istati Membri u l-Kummissjoni).

#### 4.3.7. L-akkoljenza

##### Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017

**4 laqgħat dwar l-Ippjanar ta' kontinġenza fl-akkoljenza**

**Gwida 1 ffinalizzata dwar l-Ippjanar ta' kontinġenza fl-akkoljenza**

**Workshop tematiku 1 dwar Minorenni Mhux Akkumpanjati fl-akkoljenza**

**Workshop tematiku 1 dwar l-akkoljenza u s-soċjetà**

**2 Laqgħat tal-punti ta' kuntatt nazzjonali dwar l-akkoljenza**

**It-traduzzjoni tal-Gwida tal-EASO dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza: standards operattivi u indikaturi fi 22 lingwa**

**It-tnedija tal-iżvilupp tal-Gwida tal-EASO dwar l-Istandards ta' akkoljenza għal Minorenni Mhux Akkumpanjati**



## Lejn akkoljenza xierqa

Matul l-2017, l-EASO kompli jsaħħaħ il-kapaċità interna tiegħu biex isostni lill-pajjiżi tal-UE+ b'attivitajiet immirati lejn il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet adegwati ta' akkoljenza.

L-EASO ttraduċa l-gwida tal-2016 tiegħu intitolata *Gwida tal-EASO dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza: standards operattivi u indikaturi* fi 22 lingwa addizzjonali.

L-EASO kompli jiżviluppa n-netwerk ta' awtoritajiet ta' akkoljenza (stabbilit fl-2016) għat-tiħiħ tal-kooperazzjoni prattika u għall-promozzjoni tal-aħjar prattika fil-qasam tal-akkoljenza, u ħadem f'kooperazzjoni mas-sħab involuti, b'mod partikolari mal-Pjattaforma Ewropea għall-Awtoritajiet ta' Akkoljenza (EPRA). Saru tliet laqgħat ta' koordinament mal-EPRA.

Barra minn hekk, l-EASO organizza żewġ laqgħat tal-NCPs dwar l-akkoljenza, u żewġ workshops tan-netwerk tal-EASO f'kollaborazzjoni mal-EPRA dwar "l-akkoljenza u s-soċjetà" f'Pariġi f'Mejju u dwar "l-akkoljenza ta' minorenni mhux akkumpanjati" fi Stokkolma f'Ottubru.

Saret l-ewwel laqgħa tal-grupp ta' ħidma dwar l-istandards tal-akkoljenza għal minorenni mhux akkumpanjati, li mmarkat it-tnedija tal-iżvilupp ta' dokument ta' gwida tal-EASO dwar is-suġġett li għandu jiġi ppubblikat sa tmiem l-2018.

## It-tiħiħ tat-tnejjja

Fl-2017, l-EASO organizza erba' laqgħat tal-grupp ta' ħidma dwar l-ippjanar ta' kontinġenza fil-kuntest tal-akkoljenza u ffinalizza l-*Gwida dwar l-ippjanar ta' kontinġenza fil-kuntest tal-akkoljenza*, li ġiet ippreżentata lin-netwerk tal-akkoljenza. Il-gwida ġiet ippubblikata f'Marzu 2018 u se tiġi tradotta fi 22 lingwa.

Il-gwida sservi bħala għajnuna għall-awtoritajiet tal-akkoljenza għall-ippjanar u għall-ġestjoni dettaljati tad-diversi atturi f'sitwazzjoni b'influss qawwi u għandha l-għan li ssaħħaħ it-tnejjja u tiffaċilita l-azzjoni bikrija kontra sitwazzjoni potenzjalment serja.

Il-gwida tiffoka fuq aspetti importanti tal-ippjanar ta' kontinġenza dwar l-akkoljenza, permezz ta' approċċ integrat, b'mod partikolari dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, l-analiżi tar-riskju, il-ġestjoni u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet. L-istandards inklużi fid-dokument jirriflettu l-prattika eżistenti u maqbula b'mod komuni fl-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll il-prattiki tajbin identifikati fl-UE kollha.

## 4.3.8. Gwida għall-pajjiżi għall-konverġenza

### Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017

**Analiżi approfondita dwar id-diverġenzi fir-rati ta' rikonoxximent fi żvilupp pilota tal-gwida tal-pajjiżi dwar l-Afganistan**

**Progress dwar il-metodoloġija biex tiġi żviluppata Gwida għall-Pajjiżi**

**2 kapitli tal-ewwel nota ta' gwida dwar l-Afganistan lesti**

**2 laqgħat tan-Netwerk tal-Gwida għall-Pajjiżi**

**7 laqgħat tat-Tim tal-Abbozzar tal-Gwida għall-Pajjiżi dwar l-Afganistan**

### L-istudju tad-diverġenzi bħala l-ewwel pass għall-kisba tal-konverġenza

L-għan finali tal-attivitajiet ta' gwida tal-pajjiżi hu li jrawmu konverġenza fl-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali. L-ewwel pass biex jintlaħaq dan l-għan hu li jinftieħmu d-diverġenzi attwali u r-raġunijiet għaliex jeżistu. Fil-kuntest tan-netwerk ta' gwida għall-pajjiżi, l-EASO jikkomunika mal-Istati Membri f'diskussjonijiet tal-politika f'livell għoli u f'analiżi approfondita tal-politiki u tal-prattiki attwali, u jqarribhom lejn valutazzjoni konġunta tas-sitwazzjoni f'pajjiżi ta' orijini speċifiċi.

### L-abbozzar tal-ewwel gwida għall-pajjiżi

In-netwerk tal-gwida għall-pajjiżi, imwaqqaf fl-2016, qed ikompli bil-ħidma tiegħu fl-eżerċizzju pilota ta' gwida għall-pajjiżi dwar l-Afganistan. Mill-istati tal-UE+, 23 qed jipparteċipaw fil-proċess, sostnuti minn tim ta' esperti tal-abbozzar minn 5 Stati Membri tal-UE. F'laqgħat u f'konsultazzjonijiet regolari, it-tim tal-abbozzar u n-netwerk tal-gwida għall-pajjiżi għamlu progress sinifikanti lejn analiżi komuni u nota ta' gwida dwar wieħed mill-pajjiżi ta' orijini l-aktar kumplessi u ewlenin, l-Afganistan.

L-ewwel kapitli żviluppata fl-eżerċizzju pilota ffokaw fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 15(c) u tal-Artikolu 8 tad-direttiva dwar il-kwalifikazzjoni. Sa tmiem l-2017, sar progress ulterjuri dwar l-iżvilupp tal-kapitli li fadal li jkun jiformaw nota ta' gwida kompluta u analiżi komuni dwar l-Afganistan.

### Gwida orizzontali u produzzjoni li għaddejjja tas-COI bħala prerekwiżit

Żewġ punti huma kruċjali fl-iżvilupp tal-gwida għall-pajjiżi: gwida orizzontali biex jiġi żgurat fehim komuni tal-istadji meħtieġa għall-analiżi legali, u COI komuni rilevanti u aġġornata biex jiġi żgurat li l-gwida tkun



ibbażata fuq fehim fattwali preċiż tas-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini.

Fl-2017, l-EASO żviluppa l-*Gwida Prattika: kwalifikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali* biex jindirizza l-ħtiġijiet tal-gwida orizzontali tal-eżerċizzju pilota.

Numru ta' rapporti tas-COI ġew prodotti wkoll għall-finijiet speċifiċi tal-iżvilupp tal-gwida għall-pajjiżi, filwaqt li joffru bażi ta' informazzjoni għad-diskussjoni li għaddeja fit-tim tal-abbozzar u fit-tim ta' gwida għall-pajjiżi. Ir-rapport *Afghanistan — key socioeconomic indicators, state protection, and mobility in Kabul City, Mazar-e Sharif, and Herat City* ("L-Afganistan — indikaturi soċjoekonomiċi ewlenin, protezzjoni tal-istat, u mobilità fil-Belt ta' Kabul, f'Mazar-e Sharif, u fil-Belt ta' Herat") ġie ppubblikat f'Awwissu 2017. F'Diċembru 2017, l-EASO ppubblika tliet rapporti oħra tas-COI dwar l-Afganistan: *Afghanistan — individuals targeted by armed actors in the conflict* ("L-Afganistan — individwi fil-mira ta' atturi armati fil-kunflitt"), *Afghanistan — Individuals targeted under societal and legal norms* ("L-Afganistan — Individwi fil-mira ta' normi soċjetali u legali") u *Afghanistan — security situation* ("L-Afganistan — is-sitwazzjoni tas-sigurtà"). Huma ppjanati rapporti addizzjonali għall-pubblikazzjoni fl-2018, biex titlesta l-ewwel gwida għall-pajjiżi dwar l-Afganistan.

### Tħejjija għall-ġejjieni

Minbarra l-iżvilupp tal-gwida għall-pajjiżi dwar l-Afganistan, l-għan tal-eżerċizzju pilota hu li jiżviluppa u jittestja l-metodoloġija u t-termini standard ta' referenza għall-iżviluppi futuri tal-analiżi komuni u tanoti ta' gwida dwar pajjiżi ta' oriġini speċifiċi.

It-tlestija tal-pilota f'Ġunju 2018 se tkun segwita minn eżerċizzju ta' evalwazzjoni, li għandu l-għan li jivvaluta, itejjeb u jissimplifika l-proċess ta' żvilupp tal-gwida għall-pajjiżi.

Il-pajjiż li jmiss li dwaru, fl-2018, se tiġi żviluppata gwida għall-pajjiżi hu n-Niġerja, segwit mill-gwida dwar l-Iraq.

### 4.3.9. Għodod oħra għas-sostenn permanenti

#### Sistema ta' domandi tal-EASO

L-EASO jsostni lill-Istati Membri fuq bażi permanenti permezz tal-ġbir u tal-kompilazzjoni ta' informazzjoni u ta' *data* bi tweġiba għad-domandi mill-awtoritajiet nazzjonali tal-asil. Domandi bħal dawn imissu ma' firxa wiesgħa ta' suġġetti, ta' politiki u ta' prattiki relatati mal-asil. Fuq il-bażi ta' talba speċifika minn pajjiż speċifiku tal-UE+, l-EASO jqassam id-domanda, filwaqt li jiġbor tweġibiet mingħand pajjiżi oħra tal-UE+ u jissupplimentahom b'*data* u b'informazzjoni rilevanti oħra. Ir-rapporti dwar id-domanda mbagħad jitqiegħdu

għad-dispożizzjoni tal-amministrazzjonijiet tal-asil, biex b'hekk jipprovdu kontribut puntwali siewi dwar kwistjonijiet topiċi fil-prattiki tal-pajjiżi tal-UE+.

Fl-2017, l-EASO kompli jiżviluppa s-sistema ta' domandi tiegħu biex iwieġeb aħjar għall-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-pajjiżi tal-UE+, jirrevedi l-mudelli u jsaħħaħ il-proċess ta' abbozzar b'konsultazzjonijiet diretti mar-rispondenti. Arkivju komprensiv tad-domandi kollha li saru fl-imġhoddi lill-EASO tqiegħed għad-dispożizzjoni dwar l-IDS tal-EASO għal aċċess faċli mill-partijiet ikonċernati rilevanti.

Fl-2017 l-EASO rċieva u pproċessa 23 domanda. Dawn intużaw biex jiġu stabbiliti prattiki ġodda li għenuna nimplimentaw aħjar is-SEKA.

#### Sostenn bil-interpretazzjoni

Mod ieħor li bih l-EASO jipprovdi sostenn permanenti lill-Istati Membri hu permezz tat-tisħiħ tal-aċċess tagħhom għas-servizzi ta' interpretazzjoni fl-UE kollha permezz tal-LAL tal-EASO.

Għalkemm l-użu ġenerali tal-għodda baqa' baxx fl-2017 minħabba r-rilevanza u l-applikabbiltà prattiki batuti, l-EASO ffaċilita l-kuntatt bejn żewġ Stati Membri rikjedenti u l-pajjiżi sors rispettivi tal-UE+ dwar firxa wiesgħa ta' lingwi wara konsultazzjoni tal-LAL.

Fl-2017, l-EASO nieda aġġornament għal-lista f'kooperazzjoni mal-NCPs tal-AIP. Matul laqgħa f'Ġunju, l-EASO ddedika wkoll sessjoni għall-użu, għall-aġġornament u għas-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-LAL, kif ukoll l-għodod u s-soluzzjonijiet tekniċi disponibbli li jistgħu jikkontribwixxu għall-effiċjenza tas-servizzi ta' interpretazzjoni u tal-kanal ta' komunikazzjoni.

## 4.4. Dimensjoni esterna

L-EASO jsostni d-dimensjoni esterna tas-SEKA bi qbil mal-Kummissjoni Ewropea bħala parti mill-politika tar-relazzjonijiet esterni tal-UE u f'konformità mal-istrateġija tal-azzjoni esterna tal-EASO.

### 4.4.1. Sostenn għal pajjiżi terzi

#### L-estensjoni tas-sostenn lil hinn mill-fruntieri Ewropej

Fl-2017, bħala parti mill-ħidma esterna tal-EASO dwar l-asil u l-protezzjoni internazzjonali, l-EASO kompli jipprovdi sostenn fil-bini ta' kapaċità primarjament lir-reġjun tal-Balkani tal-Punent (WB) u lit-Turkija iżda estendih ukoll għal ċerti partijiet tal-viċinat tan-nofsinar.

## Is-sostenn lill-Balkani tal-Punent

Parti minn din il-ħidma ġiet implimentata taħt il-proġett reġjonali ffinanzjat tal-IPA II “Sostenn reġjonali għall-ġestjoni tal-migrazzjoni sensittiva għall-protezzjoni fil-Balkani tal-Punent u fit-Turkija” (2016-2018). L-għan ġenerali tal-proġett hu li jgħin fil-ġestjoni tal-flussi migratorji li jvarjaw u jiżviluppa sistemi mtejbja tal-asil u ta’ protezzjoni internazzjonali f’konformità mar-rekwiżiti tal-UE. L-EASO qed jimplementa l-proġett fi sħubija mal-Frontex, mal-UNHCR u mal-IOM.

Is-sostenn tal-EASO hu implimentat f’livell reġjonali iżda anki bħala parti mill-pjanijiet direzzjonali maqbula mal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u mas-Serbja. Fl-2017 seħħew ħafna attivitajiet, u l-EASO komplja jaħdem mill-qrib ħafna mal-pajjiżi sħab fir-reġjun. Pereżempju, matul żjara fl-EASO f’Jannar 2017, ir-rappreżentanti tal-ministeru tal-intern tas-Serbja esprimew l-interess tagħhom f’aktar bini ta’ kapaċità u sostenn operazzjonali u arranġament futur ta’ ħidma mal-EASO.

F’Jannar, rappreżentanti mill-Inizjattiva Reġjonali għall-Migrazzjoni, għall-Asil u għar-Refuġjati (MARRI) żaru l-EASO u esprimew l-interess tagħhom f’kooperazzjoni aktar fit-tul mal-EASO. Aktar tard fl-2017, l-EASO pparteċipa fil-forum reġjonali tal-MARRI f’Belgrad, u fuq it-talba tal-qorti amministrattiva Serbjana, l-EASO beda jittraduċi l-analiżi tiegħu intitolata *Analiżi ġudizzjarja dwar il-kwalifikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali* u lesta t-traduzzjoni tiegħu tal-analiżi tiegħu intitolata *Analiżi ġudizzjarja dwar l-Artikolu 15(c) tad-Direttiva dwar il-Kwalifikazzjoni*, bħala riżultat tal-estensjoni tal-għodod prattiċi tiegħu għall-imħallfin Serbjani.

### L-iżvilupp ta’ pjanijiet direzzjonali nazzjonali għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent

Wara l-laqgħat, żjarat fuq il-post u konsultazzjonijiet mal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u mas-Serbja, eżitu importanti ħafna minnhom maqbul f’kooperazzjoni mill-qrib ma’ dawn iż-żewġ pajjiżi hu l-iżvilupp ta’ pjanijiet direzzjonali nazzjonali li jispjegaw il-kooperazzjoni teknika li għandu jseħħ bejn l-EASO u l-awtoritajiet nazzjonali, f’kooperazzjoni mad-delegazzjonijiet tal-UE, mal-UNHCR u mal-IOM.

Biex jittieħed kont tal-kisbiet sal-lum u jiġu analizzati l-attivitajiet ippjanati, il-kumitat tat-tmexxija annwali reġjonali tal-proġetti tal-IPA Itaq’ f’April mas-sħab tal-proġett u mal-pajjiżi sħab kollha. Matul din il-laqgħa, il-parteċipanti laqgħu l-iżvilupp tal-pjanijiet direzzjonali nazzjonali bħala sostenn ferm apprezzat mill-EASO.

## L-organizzazzjoni tat-taħriġ u tal-iżvilupp

L-EASO ffinanzja u implimenta numru ta’ attivitajiet oħra ta’ sostenn tal-bini ta’ kapaċità li huma komplimentari għall-proġett IPA II, li jinkludu żewġ workshops ta’ iżvilupp professjonali dwar is-SEKA għal 40 imħallef Serbjan, bis-sostenn tal-esperti min-Norveġja u mis-Slovenja. Barra minn hekk, l-EASO organizza wkoll żewġ sessjonijiet ta’ taħriġ nazzjonali ta’ tnedija dwar it-Tekniki tal-Intervisti għall-uffiċjali mill-Albanija, mill-Kosovo<sup>(\*)</sup> u mill-Montenegro. Dawn kienu sostnuti minn esperti mill-Ġermanja u mill-Iżvezja.

Il-proġett tal-IPA msemmi aktar ’il fuq sostna wkoll il-parteċipazzjoni ta’ uffiċjali mill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u mis-Serbja f’moduli tal-EASO ta’ ħarreġ lill-ħarrieġ dwar l-akkoljenza u dwar is-COI, li saru rispettivament f’Malta u fi Brussell. It-taħriġ nazzjonali dwar il-modulu tal-EASO dwar l-inklużjoni ġie organizzat fl-Albanija.

L-EASO organizza wkoll workshop dwar is-SEKA u d-direttiva dwar il-proċeduri tal-asil, biex jipromwovi l-iskambju tal-esperjenza bejn awtoritajiet mill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u mis-Serbja. Fiż-żewġ pajjiżi ingħata kkwocjar waqt ix-xogħol dwar is-COI. Fis-Serbja, l-EASO organizza wkoll workshop dwar introduzzjoni għall-metodoloġija użata biex jiġu identifikati persuni bi bżonnijiet speċjali u introduzzjoni għall-għodda tal-IPSN.

Minbarra t-taħriġ reġjonali u l-bini ta’ kapaċità, l-EASO iżviluppa l-modulu tiegħu ta’ ħarreġ lill-ħarrieġa għall-manijers u l-modulu tiegħu ta’ ħarreġ lill-ħarrieġa dwar kif tintervista l-persuni vulnerabbli fil-Montenegro. Lpparteċipaw uffiċjali mill-pajjiżi kollha tad-WB u mit-Turkija.

Barra minn hekk, l-EASO ffaċilita żjara ta’ studju fil-Polonja għal 13-il imħallef amministrattivi mill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u mis-Serbja.

Saru tliet avvenimenti reġjonali f’Malta, li inkludew laqgħa tan-netwerk tal-prattikanti reġjonali, workshop dwar l-għodod u l-gwidi prattiċi tal-EASO, u laqgħa ta’ politika f’kooperazzjoni mal-MARRI.

### Il-bini ta’ kapaċità fit-Turkija

L-aktar importanti fl-iżvilupp tas-sostenn tal-bini ta’ kapaċità tal-EASO lit-Turkija fl-2017 kien l-iskambju uffiċjali ta’ ittri f’Settembru bejn l-EASO u d-DGMM (il-ministeru tal-intern tat-Turkija). Il-ftehim dwar il-kooperazzjoni futura u dwar id-dettalji ta’ din

(\*) Din id-deżinjazzjoni hi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hi konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QiG dwar id-dikjarazzjoni ta’ indipendenza tal-Kosovo.

il-kooperazzjoni kien ir-riżultat ta' żjara ta' studju ta' livell għoli tal-uffiċjali Torok fl-EASO (iffinanzjata minn proġett tal-UNHCR), żjara ta' studju teknika dwar is-COI u t-tagħlim elettroniku, u żjara fil-livell tad-direttur tekniku u eżekuttiv f'Ankara.

Bħala riżultat, dokument pilota ta' pjan direzzjonali b'attivitajiet miftiehma speċifiċi ta' bini ta' kapaċità f'erba' oqsma, jiġifieri s-COI, it-taħriġ, l-analiżi tad-*data* u l-ippjanar ta' kontinġenza, u l-gruppi vulnerabbli u s-sostenn liċ-ċentru ta' proċessar ta' Ankara, ġie miftiehem tul il-perjodu Settembru 2017 sa Frar 2018 b'aktar minn 15-il attivitá jiġu implimentati.

Fost l-attivitajiet implimentati fl-2017 kien hemm żewġ workshops għall-uffiċjali tad-DGMM li jadattaw il-moduli ċentrali tal-EASO dwar l-inklużjoni, it-tekniki tal-intervisti u l-valutazzjoni tal-evidenza fil-qafas legali internazzjonali u Turk għat-taħriġ nazzjonali. Diversi għodod u gwidi prattiċi tal-EASO qed jiġu tradotti bit-Turk, inkluża l-għodda tal-IPSN, il-linji gwida dwar l-intervisti għall-pajjiżi għall-Iraq u għall-Pakistan u pubblikazzjonijiet oħra tas-COI.

#### Is-sostenn lill-pajjiżi kkonċernati

Minbarra l-attivitajiet tiegħu fid-WB u fit-Turkija, l-EASO għandu l-għan li jipprovdi bini ta' kapaċità fir-reġjun tal-Afrika ta' Fuq u, fejn xieraq, jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-programm reġjonali għall-iżvilupp u l-protezzjoni (RDPP). L-EASO jaġħmel ukoll segwitu għall-pjan ta' azzjoni tas-summit ta' Valletta ta' Novembru 2015 u jista' jipprovdi, fejn xieraq, taħriġ u sostenn biex tittejjeb il-kwalità tas-sistemi u tal-prattiki nazzjonali tal-asil biex jiġu allinjati mal-istandards tal-UE u internazzjonali.

Għal dan l-għan, l-EASO pparteċipa fiż-żewġ laqgħat tal-kumitat tat-tmexxija tal-RDPP tal-Afrika ta' Fuq u fil-laqgħa tal-uffiċjali superjuri ta' Valletta f'Malta.

L-EASO ta segwitu wkoll għall-proġett tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI), li ntemm fl-2016. L-EASO organizza żjara ta' studju fil-Greċja għal ħames imħallfin amministrattivi Tuneżini u sostna l-parteeċipazzjoni ta' 15-il imħallf mill-Marokk u mit-Tuneżija fil-konferenza dinjija tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Liġi dwar ir-Refuġjati (IARLJ) f'Ateni. Rigward l-attivitajiet fil-Ġordan, l-EASO ddiskuta mal-Ġordan l-ippjanar potenzjali ta' seminar dwar l-akkoljenza u l-gruppi vulnerabbli, possibilmment f'kooperazzjoni mar-Repubblika Ċeka bħala parti mis-sħubija għall-mobilità. Fl-2017 l-EASO esplora wkoll attivitajiet potenzjali ġodda li jistgħu jiġu implimentati fil-pajjiżi ewlenin ikkonċernati, fuq talba mill-istituzzjonijiet tal-UE u f'koordinazzjoni ma' dawn.

#### Iż-żamma tad-djalogu ma' pajjiżi terzi

L-EASO organizza numru ta' workshops u ta' laqgħat ta' kooperazzjoni prattika fl-2017, li jinkludu żewġ laqgħat tan-netwerk ta' dimensjoni esterna li matulhom l-aġġornamenti dwar l-attivitajiet tal-EASO ġew kondiviżi mal-uffiċjali tal-Istati Membri tal-UE.

Ġie organizzat workshop dwar il-ħiliet ta' komunikazzjoni biex jitrawmu l-ħiliet ta' komunikazzjoni interkulturali għall-esperti li għandhom jiġu skjerati f'attivitajiet ta' dimensjoni esterna. Workshop ieħor iffoka fuq il-ħiliet ta' negozjar bl-objettiv li jissaħħu l-ħiliet tal-esperti u l-istrateġiji tal-EASO u tal-Istati Membri tal-UE għall-ilħiq tal-għanijiet tan-negozjar f'negozjati ma' awtoritajiet nazzjonali ta' pajjiżi terzi fuq il-kontenut tal-pjanijiet direzzjonali u ta' attivitajiet speċifiċi.

#### 4.4.2. Ir-risistemazzjoni

Bħala parti mill-attivitajiet tiegħu ta' dimensjoni esterna, l-EASO jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni msaħħa tal-iskemi Ewropej ta' risistemazzjoni. F'dan ir-rigward, l-EASO jista' jaġixxi fuq talbiet biex jiġu implimentati attivitajiet ta' sostenn bilaterali fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi assoċjati li jipparteċipaw b'esperjenza preċedenti limitata fir-Risistemazzjoni. L-għan hu li tiġi żgurata risistemazzjoni b'suċċess f'konformità mal-miri miftiehma u li jiġu żgurati koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE+.

Fl-2017, l-EASO kkomunika ma' Ċipru, ma' Malta u mas-Slovenja fir-rigward tas-sostenn fir-risistemazzjoni fi stadji differenti għat-tliet pajjiżi.

Il-ħidma tal-EASO fir-risistemazzjoni mit-Turkija kompliet fl-2017, b'espert tal-EASO fir-risistemazzjoni ospitat fid-delegazzjoni tal-UE f'Ankara, mat-tim tal-politika tal-migrazzjoni hemmhekk. F'Ottubru, l-EASO organizza workshop biex jippreżenta eżerċizzju ta' mmappjar tal-pajjiżi tal-UE+ bi tħejjija għar-risistemazzjoni mit-Turkija, u beda valutazzjoni tal-fattibbiltà dwar il-provvista possibbli ta' sostenn loġistiku lill-pajjiżi tal-UE+ għar-risistemazzjoni mit-Turkija.

L-EASO hu wkoll membru attiv tal-proġett EU-FRANK, immexxi mill-aġenzija Żvediża għall-migrazzjoni. F'kooperazzjoni msaħħa mal-proġett EU-FRANK, l-EASO ħadem fuq l-iżvilupp ta' għodod u ta' modulu ta' taħriġ fir-risistemazzjoni għat-tisħiħ tal-ħila tal-pajjiżi tal-UE+ biex jirrisistemaw refuġjati u jippromwovu kooperazzjoni skont l-iskema Ewropea ta' risistemazzjoni.

L-EASO kompla bil-ġbir ta' *data* fix-xahar tiegħu dwar ir-risistemazzjoni matul l-2017, li għalih 27 mit-30 pajjiż tal-UE+ ipprovdew informazzjoni.



Barra minn hekk, fuq it-talba tal-Kummissjoni Ewropea, fl-2017 l-EASO beda jaħdem fuq proġett pilota dwar programmi privati ta' sponsorizzazzjoni.

## 4.5. Attivitàjiet orizzontali

### 4.5.1. Is-soċjetà ċivili u l-Forum Konsultattiv

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017
Aktar minn 160 attività u laqgħa mas-soċjetà ċivili
9 konsultazzjonijiet dwar id-dokumenti tal-EASO mas-soċjetà ċivili, bi 332 kontribut riċevuti
Forum Konsultattiv Annwali 1 fi Brussell ma' 227 parteċipant
15-il kuntatt ġdid fil-bażi tas-sħubija tas-soċjetà ċivili tal-EASO, li issa laħqu l-135 organizzazzjoni
Workshop tematiku 1, laqgħa ta' ppjanar informali 1, laqgħa tematika reġjonali 1 organizzati

Fl-2017, l-EASO saħħaħ l-involviment tiegħu mas-CSOs rilevanti li għandhom interess vestit fil-ħidma ġestita mill-EASO.

L-EASO żamm djalogu bidirezzjonali kostruttiv mas-CSOs permezz tal-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-Forum Konsultattiv (CF), konsultazzjonijiet dwar dokumenti importanti tal-EASO, u involviment dirett f'diversi oqsma tal-ħidma tal-EASO. L-EASO ottimizza l-implimentazzjoni tal-attivitàjiet tas-CF billi involva lis-soċjetà ċivili fl-organizzazzjoni tal-attivitàjiet.

Barra minn hekk, l-EASO saħħaħ ir-relazzjoni tiegħu mal-NGOs operazzjonali lokali u xeħet enfasi akbar fuq l-organizzazzjoni ta' laqgħat tematiċi reġjonali tas-CF fuq skala iżgħar.

L-Artikolu 51 tar-regolament tal-EASO stabbilixxa l-“Forum Konsultattiv tal-EASO” bħala mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni u l-ġbir tal-għarfien, bl-għan li jinżamm djalogu mill-qrib mas-CSOs rilevanti u mal-korpi kompetenti li joperaw fil-politika tal-asil,

#### Is-sħubija fil-Forum Konsultattiv tal-EASO u l-laqgħat ta' dan

Fl-2017, ir-relazzjoni tal-EASO mas-soċjetà ċivili kibret aktar u l-bażi tas-sħubija fis-CF espandiet bi 15-il kuntatt ġdid, biex b'hekk in-numru totali ta' membri tela' għal 135 organizzazzjoni.

Is-seba' laqgħa plenarja annwali tas-CF saret fi Brussell fis-17 ta' Novembru u attirat diversità mingħajr preċedent ta' partijiet ikkonċernati u numru rekord ta' 227 parteċipant, li esprimew livell għoli ta' sodisfazzjon bil-forum.

Il-laqgħa annwali ffokat fuq l-attivitàjiet operazzjonali tal-EASO fl-Istati Membri l-aktar esposti u fuq il-forum ta' kooperazzjoni msaħħa mas-soċjetà ċivili taħt l-EUAA futura.

Għall-ewwel darba, il-laqgħa thejjet f'kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili bl-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma *ad hoc* ta' membri interessati tas-CF li taw pariri u assistew dwar il-format u l-programm tal-laqgħa.



L-EASO organizza wkoll Laqgħa Tematika Reġjonali fi Trapani fid-29 ta' Settembru dwar "L-operazzjonijiet tal-EASO: it-tagħlimiet meħuda u l-perspettiva futura". Il-laqgħa serviet biex issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-atturi tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fil-hotspots Taljani jew viċin ta' dawn, bil-parteċipanti li ddiskutew kif il-kooperazzjoni fil-prattika tista' ssir aktar sostenibbli u effettiva.

Bl-għan li jottimizza l-implimentazzjoni tal-laqgħat u tal-attivitajiet tas-CF, fil-5 ta' Lulju l-EASO organizza laqgħa informali ta' ppjanar tal-Forum Konsultattiv. Ġie pprovdut aġġornament dwar l-attivitajiet (ippjanati) u l-membri tas-CF ingħataw l-opportunità biex jikkontribwixxu għall-issettjar tal-aġenda tal-avvenimenti li ġejjin tas-CF (b'mod partikolari l-laqgħa tematika reġjonali u l-plenarja).

### Konsultazzjonijiet mas-soċjetà ċivili

L-EASO kkonsulta lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar diversi dokumenti importanti tal-EASO. Permezz tat-tnejja ta' disa' konsultazzjonijiet miftuħa, l-EASO laqa' l-kummenti mis-soċjetà ċivili dwar:

- l-abbozz tal-programm ta' ħidma 2018,
- ir-rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE (u stħarriġ miftuħ dwar is-sodisfazzjon dwar l-istess dokument),
- ir-Rapport annwali ġenerali 2016,
- abbozz tal-gwida ġudizzjarja Prattika dwar is-COI,
- abbozz tal-analiżi ġudizzjarja dwar il-proċeduri tal-asil,
- l-abbozz tal-modulu ta' taħriġ tal-EASO dwar l-interpretazzjoni fil-kuntest tal-asil,
- l-abbozz tal-gwida tal-EASO dwar l-ippjanar ta' kontinġenza,
- l-iżvilupp ta' gwida dwar l-istandards tal-akkoljenza għal minorenni (mhux) akkumpanjati.

### L-involvement dirett tas-soċjetà ċivili fil-ħidma tal-EASO

L-EASO involva wkoll lis-CSOs magħżula f'diversi oqsma differenti ta' ħidmietu.

Pereżempju, uħud mis-CSOs kienu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-EASO speċifiċi għall-pajjiżi relatati mas-COI, fil-koabbozzar u fir-rieżami ta' wħud mir-rapporti tas-COI, fil-laqgħat dedikati għad-diskussjonijiet dwar il-metodoloġija tas-COI

tal-EASO, is-COI medika u l-approċċ tan-netwerk tas-COI, u taħt l-attivitajiet tal-EASO ta' dimensjoni esterna u l-programm ta' riċerka tal-EASO dwar il-fatturi ta' spinta u ta' ġibda.

Minn Mejju 2017, l-EASO fetaħ is-sessjonijiet tiegħu ta' ħarreġ lill-ħarrieġ għas-CSOs għal dawk il-moduli rilevanti għas-soċjetà ċivili. Diversi rappreżentanti tas-soċjetà ċivili pparteċipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EASO inklużi l-laqgħa tal-"punti ta' kuntatt nazzjonali" tiegħu u s-sessjonijiet ta' ħarreġ lill-ħarrieġ dwar il-moduli "l-inklużjoni avanzata", "it-traffikar ta' bnedmin", "informazzjoni dwar il-pajjiż tal-orijġini", "id-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni internazzjonali fl-UE", "l-esklużjoni", "il-ġeneru, l-identità tal-ġeneri u l-orjentazzjoni sesswali" u "l-modulu għall-manijers".

Numru ta' CSOs issieħbu wkoll fit-taħriġ operazzjonali tal-EASO fil-Greċja għall-esperti stazzjonati mill-EASO u t-taħriġ operazzjonali għall-interpreti fil-Bulgarija u f'Ċipru.

CSOs magħżulin ġew ikkonsultati ulterjorment fil-proċess tal-iżvilupp jew tal-aġġornament ta' numru ta' "għodod prattiċi" tal-EASO, eż. il-*Gwida Prattika dwar il-kwalifikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali*, edizzjoni ġdida tal-pubblikazzjoni tal-EASO dwar il-valutazzjoni tal-età, gwida dwar l-ippjanar ta' kontinġenza dwar l-akkoljenza, u l-għodda ta' garanzija tal-kwalità.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili bħala parti mill-attivitajiet operazzjonali tal-EASO, l-EASO organizza laqgħat ta' kull ġimgħa u ta' kull ġimagħtejn mal-partijiet ikkonċernati kollha, li jinkludu s-CSOs, fil-hotspots fil-Greċja, laqgħat *ad hoc* ma' akkademiki (jiġifieri riċerkaturi) u ma' diversi NGOs li jaħdmu fl-asil u fl-akkoljenza fil-Greċja kif ukoll fl-Italja.

### L-evalwazzjoni u t-titjib tal-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili

Fl-2017, l-EASO wettaq evalwazzjoni interna dwar il-ħidma tas-CF li saret bejn April u Lulju 2017.

L-evalwazzjoni interna inkludiet diversi għodod ta' ġbir tad-*data* bħar-riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni, stħarriġijiet, intervisti wiċċ imb wiċċ, kif ukoll workshop għall-partijiet ikkonċernati. Dan tal-aħħar laqqa' 15-il rappreżentant minn organizzazzjonijiet internazzjonali u minn NGOs, inklużi NGOs operazzjonali li jaħdmu fil-qasam. L-eżitu mill-metodi differenti ta' ġbir tad-*data* ġie triangolat u integrat f'rapport finali. Dan ir-rapport se jifforma l-bażi għall-iżvilupp ta' proposta għall-format u għall-kompożizzjoni riveduti tas-CF taħt l-EUAA.

## Is-soċjetà ċivili li tikkonsulta lill-EASO

Matul is-sena, l-EASO żamm ukoll djalogu mas-CSOs billi pprova informazzjoni rilevanti bħala tweġiba għad-domandi.

### Il-parteċipazzjoni f'netwerks oħra tas-soċjetà ċivili

L-EASO kkontribwixxa għall-attivitajiet tas-CF ta' aġenziji oħra tal-ĠAI permezz tal-parteċipazzjoni tiegħu fi tliet laqgħat tas-CF tal-Frontex u permezz tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-forum Ewropew dwar il-migrazzjoni. L-EASO pprova wkoll kontribut regolari għad-dokumenti pprovduti bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni. Bħala eżempju, l-EASO pparteċipa fil-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati reġjonali tal-UNHCR.

L-EASO pparteċipa f'netwerks tas-soċjetà ċivili fil-qasam tal-asil fil-livelli tal-UE u nazzjonali, fejn identifika l-iżviluppi rilevanti għall-EASO u pprova kontributi fejn kien xieraq. Bħala eżempju, l-EASO pparteċipa f'laqgħa tan-netwerk tas-soċjetà ċivili tal-Polonja dwar il-protezzjoni tal-asil u f'laqgħa tan-netwerk tas-soċjetà ċivili tal-Italja dwar ir-rilokazzjoni u l-approċċ tal-hotspots. Barra minn hekk, l-EASO kien fost il-parteċipanti tan-netwerk ta' Prattikanti dwar djalogu ċivili, inizjattiva konġunta organizzata mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mill-Kummissjoni Ewropea f'Ottubru fi Brussell, il-laqgħa tal-Konferenzi tal-Isqfijiet tal-Unjoni Ewropea f'Diċembru fi Brussell; u s-Seduta tal-Kumitat ta' Djalogu tan-Netwerk ta' Riċerka Akkademika dwar l-Aġenzifikazzjoni tal-Governanza Eżekuttiva tal-UE.

Finalment, l-EASO żgura l-parteċipazzjoni tiegħu f'diversi konferenzi, laqgħat, workshops u avvenimenti oħra li involvew is-CSOs.

### 4.5.2. Il-komunikazzjoni u r-relazzjonijiet tal-EASO mal-partijiet ikkonċernati

Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017
<b>4 laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u laqgħa 1 tal-Grupp Preparatorju</b>
<b>Parteċipazzjoni f'+/- 190 laqgħa esterna u l-organizzazzjoni ta' +/- 140 laqgħa mal-partijiet ikkonċernati</b>
<b>Jum 1 ta' Informazzjoni tal-EASO organizzat f'aktar minn 15-il pajjiż b'aktar minn 350 parteċipant</b>
<b>Laqgħa 1 tan-Netwerk tal-Ġurnalisti organizzata</b>
<b>Laqgħa 1 tal-Multiplikaturi tal-Komunikazzjoni organizzata</b>
<b>11-il żjara ta' studju ospitati mill-EASO</b>
<b>3 żjarat tal-istampa fl-Italja u 9 laqgħat relatati mal-istampa</b>
<b>170 intervista għall-istampa</b>

### Ir-riżultati ewlenin tal-EASO fl-2017

**166 parteċipant fil-laqgħa tan-netwerk tal-ġurnalisti u tnedija tar-Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-UE**

**11-il ħarġa tal-bullettin tal-EASO**

**85 rapport ta' kull ġimgħa u 7 ta' kull xahar dwar il-Monitoraġġ tal-Midja Soċjali**

**39 pubblikazzjoni ġdida tal-EASO u 116-il traduzzjoni tal-pubblikazzjonijiet tal-EASO**

**Żieda ta' 78 % fit-traffiku fuq is-sit web tal-EASO: 930 000 żjara fuq is-siti web fl-2017 u aktar minn 9 400 viżitatur fil-ġimgħa**

**17 000 like fuq il-paġna ta' Facebook tal-EASO (żieda ta' 250 %)**

**4 700 like fuq il-paġna ta' Facebook EASO Relocation**

**178 000 segwaċi fuq Twitter (żieda ta' 385 %)**

**2 200 segwaċi fuq LinkedIn u 700 segwaċi fuq Instagram**

L-EASO intensifika l-isforzi tiegħu fil-ġestjoni u fiż-żamma ta' relazzjonijiet eċċellenti ma' partijiet ikkonċernati importanti fl-2017, f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fil-pjan tiegħu intitolat *Pjan tal-komunikazzjonijiet u tal-partijiet ikkonċernati 2017*.

L-EASO ppromwova l-ħidma tiegħu u żied l-għarfien dwar il-kisbiet, l-oġġettivi u l-valur miżjud tiegħu, u ppromwova l-użu tal-għodod prattiċi tal-EASO u tal-kurrikulu tat-taħriġ. L-impenn tal-EASO mal-partijiet ikkonċernati u l-attivitajiet tiegħu ta' komunikazzjoni mill-ġdid urew li kienu kruċjali għat-twassil b'suċċess u effettiv tal-programm ta' ħidma tal-EASO u kkontribwixxew b'mod dirett għas-sostenn tal-prijoritajiet strateġiċi tal-EASO fl-2017.

Matul l-attivitajiet ta' komunikazzjoni kollha tiegħu fl-2017, l-EASO kompli jtejjeb ir-reputazzjoni tiegħu u jsaħħaħ il-kredibbiltà tiegħu mal-partijiet ikkonċernati tiegħu u mal-pubbliku ġenerali. L-EASO żamm djalogu kontinwu u kooperazzjoni tajba mal-partijiet ikkonċernati kollha tiegħu, li wkoll ikkontribwixxew b'mod effettiv favur l-ilħiġ tal-oġġettivi komuni.

### Ir-rapportar għand il-korp tal-ippjanar u tal-monitoraġġ tiegħu

Il-bord tat-tmexxija tal-EASO jaqdi rwol vitali fis-superviżjoni tal-effikaċja tal-EASO fit-tweqqif tal-mandat statutorju tiegħu. Barra minn hekk, dan jikkostitwixxi forum importanti għall-ippjanar u għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet, għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni, għall-iskambju tal-fehmiet u għall-ilħuq ta' deċiżjonijiet konġunti mal-Istati Membri tal-UE, mal-pajjiżi assoċjati, mal-Kummissjoni Ewropea u mal-UNHCR. Il-bord ta'



tmexxija tal-EASO jstabilixxi l-approċċ li għandu jiġi segwit u l-kompiti li jkunu jridu jitwettqu mill-personal tal-EASO. L-EASO ħa impenn sod li jikkonsulta lill-membri kollha tal-bord ta' tmexxija tiegħu u jieħu f'kunsiderazzjoni kwalunkwe talba minn kwalunkwe membru għal sostenn imsaħħaħ jew għal rapportar.

Fl-2017, l-EASO organizza tliet laqgħat mal-bord ta' tmexxija tiegħu u laqgħa addizzjonali oħra b'mod konġunt mal-Frontex bl-għan li tinstab kollaborazzjoni ġdida u tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ aġenziji. Is-suġġetti diskussi fl-2017 inkludew:

- Is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE;
- L-operazzjonijiet tal-EASO;
- Ir-rwol tal-EASO fit-tkomplija tat-trasferimenti ta' Dublin lejn il-Greċja;
- L-aspetti ta' kollaborazzjoni mal-Frontex;
- Il-varjazzjoni fir-rati ta' rikonximent;
- Il-gwida pilota għall-pajjiżi dwar l-Afganistan.

Fl-istess ħin, il-bord ta' tmexxija tal-EASO beda jagħti spinta lit-tnejn tal-EASO u tal-bord għar-rwol u għall-kompiti futuri tiegħu taħt il-mandat il-ġdid għall-EASO, li qed jiġi negozjat mill-koleġiżlaturi. Fil-laqgħa konġunta bejn il-bord ta' tmexxija tal-EASO u tal-Frontex, iż-żewġ aġenziji ffirmaw ftehim għal strateġija ta' kooperazzjoni mġedda għall-2017-2018, b'enfasi fuq żewġ oqsma ta' prijorità ta' ħidma konġunta, b'mod partikolari rigward

it-timijiet ta' sostenn tal-ġestjoni tal-migrazzjoni fil-hotspots u l-kondiviżjoni ta' data għall-iżvilupp ta' stampa komuni tas-sitwazzjoni.

F'Settembru l-bord ta' tmexxija tal-EASO ddeċieda b'kunsens li jintroduċi grupp preparatorju għal perjodu pilota (sa tmiem l-2018). Dan il-grupp iltaqa' darba fil-format ristrett tiegħu fl-2017 biex iħejji l-aħħar laqgħa tal-bord ta' tmexxija tas-sena bl-għan li jikkontribwixxi għall-faċilitazzjoni tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tad-diskussjonijiet strateġiċi matul il-laqgħa.

### Il-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati

Bħal fis-snin ta' qabel, fl-2017 l-EASO kompli jstinka biex jiżgura li jikkomunika mal-partijiet ikkonċernati kollha tiegħu biex ikun jista' jieħu deċiżjonijiet informati sew u jiżgura li l-partijiet ikkonċernati jkunu informati b'mod ottimali dwar il-kontribut għall-ħidma tal-EASO u jkollhom opportunità li jipprovdu dan.

Għal dan l-għan, l-EASO organizza madwar 140 laqgħa ma' partijiet ikkonċernati ewlenin, u pparteċipa f'190 laqgħa esterna fl-2017. L-EASO laqa' aktar minn 60 żjara ta' delegazzjonijiet ta' livell għoli u 14-il żjara ta' studju minn studenti u minn akkademiċi fil-kwartieri ġenerali tiegħu. B'kollox laqa' aktar minn 1 300 parteċipant f'diversi laqgħat bilaterali u oħrajn, ikliet ta' tgħarrif u żjarat fil-kwartieri ġenerali tal-EASO.





L-interlokuturi tiegħu inkludew diretturi, uffiċjali ta' livell għoli, ministri, ambaxxaturi, rappreżentanti u membri, eż., minn:

- aġenziji tal-UE;
- il-Parlament Ewropew;
- il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;
- il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper (Comité des représentants permanents)) u l-grupp Antici tiegħu;
- rappreżentanti permanenti tal-Istati Membri, parlamenti nazzjonali;
- delegazzjonijiet oħra ta' livell għoli;
- awtoritajiet nazzjonali u lokali ewlenin fl-Istati Membri (speċjalment f'dawk fejn l-EASO għandu preżenza), kif ukoll f'pajjiżi mhux tal-UE.

B'mod partikolari, l-EASO Itaqa' b'mod bilaterali ma' numru ta' ministri tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni tal-Istati Membri tal-UE fil-marġini tal-kunsill ĠAI informali f'Malta f'Jannar 2017. Minbarra dan, ir-rappreżentanti tal-presidenzi ta' Malta u tal-Estonja tal-Kunsill tal-Unjoni

Ewropea flimkien mal-Kummissjoni (id-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni) ipparteċipaw f'numru ta' laqgħat u f'vidjokonferenzi regolari.

#### **Il-kollaborazzjoni ma' aġenziji oħra tal-UE**

Forum ieħor fejn l-EASO jaqdi rwol attiv hu n-netwerk ta' aġenziji ĠAI. L-EASO kkontribwixxa b'mod attiv għad-diskussjonijiet f'sitt laqgħat mal-aġenziji ĠAI l-oħra, b'mod partikolari laqgħat ta' netwerk u laqgħat tematiċi dwar it-taħriġ, l-ICT u d-dimensjoni esterna. Dawn il-kuntatti wasslu għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet aktar b'saħħithom tax-xogħol, għal kooperazzjoni msaħħa u għal kollaborazzjoni akbar bejn l-aġenziji, kemm b'mod bilaterali kif ukoll multilaterali.

In-netwerk wera wkoll li kien siewi għal dawn li ġejjin.

- L-iskambju ta' informazzjoni, b'mod partikolari dwar bidliet fi f'ħdan l-aġenziji li jirriżultaw mill-iżviluppi fil-politika.
- Il-kondiviżjoni tal-aqwa prattika.
- L-immappjar tal-oqsma attwali ta' kooperazzjoni u l-identifikazzjoni ta' oqsma għall-kooperazzjoni futura.

Il-kisbiet ewlenin tan-netwerk u l-prijoritajiet għas-sena li ġejja huma ppreżentati lill-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI) tal-Kunsill Ewropew fuq bażi annwali, u lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew.

Fl-2017, l-EASO ospita wkoll il-laqgħa informali tan-netwerk tal-kapijiet tal-aġenziji tal-affarijiet interni f'Malta, li matulha ġew diskussi l-kooperazzjoni interaġenzjali u l-prijoritajiet fil-ħidma konġunta tagħhom fl-2017, b'mod partikolari b'rabta mal-asil, mal-migrazzjoni u mal-ġestjoni tal-fruntieri. Dawn il-punti kienu fuq l-aġenda:

- Il-kooperazzjoni tal-aġenziji tal-affarijiet interni fil-kuntest tal-hotspots;
- L-impenji fid-dimensjoni esterna;
- Dibattitu dwar iċ-ċaqliq minn rispons għal emerġenzi għall-indirizzar tal-isfidi konġunti b'miżuri sostenibbli u preventivi;
- Dibattitu dwar it-trasformazzjoni tal-konġestjonijiet f'opportunitajiet rigward l-internet fi żminijiet ta' sfidi migratorji u għas-sigurtà.

Fuq livell usa', l-EASO pparteċipa fil-laqgħat tan-netwerk tal-aġenziji tal-UE, bl-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) bħala l-president għall-2017. Dan ippermetta lill-EASO jibbenefika mill-aħjar Prattiki kondiviżi minn aġenziji oħra, b'mod partikolari b'rabta mal-amministrazzjoni, mal-iżvilupp tal-prestazzjoni u mal-komunikazzjoni, u biex jorganizza b'mod konġunt attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn l-enfasizzar tal-valur miżjud tal-aġenziji tal-UE.

#### **L-isforzi konġunti mal-organizzazzjonijiet internazzjonali**

Fl-2017, l-EASO kkoopera ħafna mal-UNHCR u b'mod partikolari mal-uffiċċju ta' kollegament (LO) tal-EASO tiegħu f'Malta. Il-LO tal-UNHCR organizza laqgħat kull ġimgħatejn fil-kwartieri ġenerali tal-EASO u laqgħat regolari fuq il-post. Dawn il-laqgħat irnexxew fil-livell tad-diskussjoni u tal-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni eżistenti u fl-espansjoni ta' din għal oqsma ġodda ta' kooperazzjoni.

Barra minn hekk, il-laqgħat tematiċi seħħew fuq bażi *ad hoc* u saret laqgħa f'livell operazzjonali u tekniku f'Ateni. Din tal-aħħar ippermettiet lill-EASO u lir-rappreżentanti tal-UNHCR jaġġornaw lil xulxin dwar l-attivitajiet, il-pjanijiet u l-isfidi rispettivi tagħhom fil-Greċja kontinentali u fil-gżejjer Griegi, jistabbilixxu mod aktar strutturat kif jiskambjaw informazzjoni, u jimmappjaw il-koordinazzjoni eżistenti u jsibu oħrajn addizzjonali,

bl-għan li jkomplu jsaħħu l-kollaborazzjoni u s-sostenn operazzjonali lill-Greċja.

Barra minn hekk, il-laqgħa tat l-opportunità li jkomplu jiġu diskussi u ċċarati r-rwoli, ir-responsabbiltajiet u l-komplimentarjetà bejn iż-żewġ aġenziji f'ċerti oqsma u li jiġu żviluppati messaġġi komuni.

#### **Sensibilizzazzjoni permezz tal-istampa, tal-web u tal-midja soċjali**

L-EASO saħħaħ b'mod sinifikanti l-isforzi fil-qasam ta' spjegazzjoni u ta' promozzjoni tal-ħidma tal-EASO lill-istampa u permezz tal-web u tal-midja soċjali. Dan kien rifless fil-preżenza akbar tal-EASO u fir-referenzi pożittivi dwar l-EASO fl-istampa, fiż-żieda fil-viżitaturi fuq is-sit web tal-EASO u fiż-żieda qawwija fil-baży ta' segwaċi tal-EASO fuq il-midja soċjali.

L-EASO jikkonforma ma' politika ta' trasparenza sħiħa tal-proċessi u tal-attivitajiet operatorji tiegħu, u jtella' dokumenti importanti, li jinkludu pjanijiet operazzjonali, programmi ta' ħidma, gwidi prattiċi u rapporti ta' laqgħat fuq it-taqsim tar-reġistru tad-dokumenti tas-sit web tal-EASO, li tagħmilhom direttament aċċessibbli għall-pubbliku. It-traffiku akbar fuq is-sit web tal-EASO fl-2017 għamel ukoll evidenti l-valur miżjud u l-faċilità għall-utenti tas-sit web.

Fost affarijiet oħra, il-konferenzi għall-istampa rawmu relazzjonijiet pożittivi mal-midja fl-2017 u ppermettew il-preżentazzjoni tal-attivitajiet u tal-programmi tal-EASO, filwaqt li ċċaraw impressjonijiet żbaljati u saħqu fuq l-importanza tal-valur miżjud tal-eżiti kollha tal-ħidma tal-EASO. F'Jannar, l-EASO ospita żjara għall-istampa ta' livell għoli li attirat numru sinifikanti ta' ġurnalisti li rrappreżentaw atturi importanti fil-livell tal-UE, nazzjonali u internazzjonali fil-qasam tal-istampa. Ġew organizzati diversi konferenzi oħra għall-istampa ma' rappreżentanti tal-midja minn pajjiżi speċifiċi, minbarra ż-żjarat tal-istampa fit-task force reġjonali tal-UE f'Katanja (l-Italja), fejn diversi drabi l-EASO għarraf ukoll lill-istampa dwar ħidmietu, inkluż fil-kuntest taż-żjarat ta' livell għoli.

Biex iwassal il-messaġġi l-aktar importanti relatati mal-attivitajiet u mal-programmi tal-EASO, fl-2017 saru 150 intervista għall-istampa. Bħala eżempju, id-direttur eżekuttiv għamel intervista esklużiva mal-pubblikazzjoni tal-UE ta' profil għoli, *EU Observer*, li rriżultat f'artiklu pożittiv ħafna ffokat fuq l-EASO u l-futur tiegħu. Eżempju ieħor kien intervista strateġika max-xandar statali Taljan mill-kelliem tal-EASO. Dan ta lill-EASO opportunità li jispjega, fost affarijiet oħra, il-ħidma tiegħu fil-hotspots u l-kooperazzjoni tiegħu mal-ombudsman Taljana għat-tfal u għall-adoloxxenti.





### **Il-promozzjoni tal-kurrikulu ta' taħriġ u tal-ġhodod prattiċi tal-EASO**

L-EASO jorganizza Jum annwali ta' Informazzjoni, li, fl-2017, sar f'aktar minn 15-il pajjiż fl-Ewropa kollha, b'aktar minn 350 parteċipant b'kolloxx, li rrappreżentaw suċċess kbir għall-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-EASO. Il-Jum ta' Informazzjoni tal-EASO inkluda wkoll l-organizzazzjoni ta' attivitajiet speċjali fil-Greċja, fl-Italja, f'Malta u fil-Parlament Ewropew fi Brussell.

It-temi ewleningħall-Jum ta' Informazzjoni tal-2017 kienu l-moduli tal-kurrikulu ta' taħriġ tal-EASO u l-ġhodod prattiċi tal-EASO minħabba l-importanza tal-attivitajiet ta' taħriġ u ta' sostenn prattiku għall-implimentazzjoni tas-SEKA u minħabba li n-numru ta' tagħhom kien żdied b'mod sinifikanti fl-2016.

Matul il-Jum ta' Informazzjoni, il-persunal tal-EASO u l-esperti nazzjonali kellhom l-opportunità li jiddiskutu l-ħidma tal-EASO, jikkondividu l-għarfien, jiskambjaw l-aħjar prattiki u jesploraw l-oġġettivi futuri. Diversi attivitajiet, li jinkludu seminars informattivi, workshops, kwizzijiet, avvenimenti għall-istampa u avvenimenti għat-tfal tal-iskola u għall-istudenti ġew organizzati bil-kooperazzjoni tan-netwerk tal-EASO ta' punti ta' kuntatt nazzjonali u ta' komunikazzjoni.

### **Il-komunità tal-prattika għall-komunikaturi tal-asil**

Għall-ħames sena konsekuttiva, l-EASO organizza laqgħa tal-“multiplikaturi tal-komunikazzjoni” f'Malta. Il-laqgħa għenet fil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fil-komunikazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-kampanji ta' komunikazzjoni. Din għenet ukoll lill-EASO jinkorpora l-isforzi ta' komunikazzjoni tiegħu f'dawk tad-dipartimenti ta' komunikazzjoni fis-servizzi nazzjonali tal-asil, tal-Kummissjoni Ewropea, ta' aġenziji ĠAI oħra u tal-UNHCR. L-EASO informa dwar l-aħħar żviluppi

fil-kampanji ta' komunikazzjoni tiegħu u sessjoni ta' diskussjoni ta' ideat għenet biex jinstabu modi innovattivi kif issir il-komunikazzjoni fil-hotspots fil-Greċja u fl-Italja.

### **Il-kafetterija tar-rilokazzjoni**

Kull sena, l-EASO jorganizza laqgħa tan-netwerk tal-ġurnalisti. Fl-2017, għat-tielet sena konsekuttiva, l-EASO ddeċieda li jorganizza din il-laqgħa tan-netwerk flimkien mat-tnejja tar-*Rapport annwali tal-EASO dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE* peress li s-sejbiet tar-rapport annwali jipprevedu avveniment interessanti u ta' min jikteb dwaru għall-ġurnalisti. L-avveniment, li sar fil-5 ta' Lulju 2017 fi Brussell, ġabar udjenza ta' 166 persuna, li fosthom kienu 26 ġurnalist speċjalizzati fi stejjer relatati mal-asil minn aġenziji tal-aħbarijiet, mill-midja stampata, mix-xandir u mill-midja online, jiġifieri rreġistra żieda ta' 49.5 % fin-numru ta' parteċipanti meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Dan jirrifletti l-importanza tal-ħidma tal-EASO u l-interess li qed jikber fiha.

Għall-ewwel darba, l-EASO, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet tal-asil tal-Belġju, fetaħ “kafetterija tar-rilokazzjoni” fl-avveniment, fejn il-parteċipanti setgħu jiksibu informazzjoni mingħand l-esperti tal-asil tal-EASO dwar is-sostenn li l-EASO jagħti lill-Greċja u lill-Italja fil-kuntest tal-programm ta' rilokazzjoni tal-UE, u jtkellmu ma' persuni rilokati b'suċċess mill-Greċja u mill-Italja fil-Belġju.

### **Biex il-messaġġi jsiru virali**

Parti importanti mill-komunikazzjoni tiegħu mal-partijiet ikkonċernati mill-2017 kienet l-interattività tal-EASO mas-segwaċi fuq il-midja soċjali. L-EASO hu preżenti fuq il-midja soċjali b'żewġ paġni fuq Facebook, li waħda minnhom tiffoka fuq il-programm ta' rilokazzjoni tal-UE, u profili fuq Twitter, Instagram, LinkedIn, YouTube u Flickr. Dawn il-pjattaformi tal-midja soċjali ntużaw fl-2017 biex jipromwovu l-laqgħat, l-aħbarijiet, l-avvenimenti

u l-pubblikazzjonijiet tal-EASO, fost affarijiet oħrajn. Sa tmiem is-sena, in-numru ta' segwaċi attirati fuq il-pjattaformi tiegħu tela' għal aktar minn 17 000 ruħ għall-paġna tal-EASO fuq Facebook, u 178 000 fuq Twitter.

Bħala tweġiba għall-ammont sinifikanti ta' Eritreani li waslu fl-Italja fl-aħħar snin, l-EASO żviluppa kampanja fuq il-midja soċjali mmirata lejn l-Eritreani fl-Italja li huma potenzjalment eliġibbli għall-programm ta' rilokazzjoni tal-UE. Din kienet parti mill-kampanja ta' komunikazzjoni usa' tal-EASO dwar il-programm ta' rilokazzjoni tal-UE u fil-kuntest tas-sostenn operazzjonali offrut mill-EASO lill-awtoritajiet Taljani. L-EASO pprovdiedhom informazzjoni speċifika u preċiża dwar l-asil fl-UE, id-drittijiet tagħhom, l-obbligi tagħhom, kif ukoll ir-riskji implikati billi ma jsegwux il-perkorsi legali. L-informazzjoni ġiet ipprovduta bl-użu ta' materjali ta' komunikazzjoni eżistenti tradotti fit-Tigrinja, filmati ta' testimonjanza li juru stejjer reali ta' suċċess ta' Eritreani rilokati mill-Italja lejn il-Ġermanja, il-Litwanja u l-Portugall kif ukoll kartelluni u reklami żviluppatti b'mod speċifiku għal dan l-għan u mxerrda fuq il-midja soċjali. Barra minn hekk, il-kampanja kienet immirata li iżid l-għarfien tagħhom dwar il-programm ta' rilokazzjoni tal-UE.

L-EASO organizza wkoll żewġ laqgħat ta' informazzjoni mad-djaspora Eritreana fl-Italja biex jiżgura li l-messaġġi tiegħu jinfirxu aktar. L-EASO stabbilixxa wkoll linja ta' assistenza dedikata fejn medjaturi kulturali li jikkellmu bit-Tigrinja setgħu jsostnu lill-Eritreani billi jipprovdu gwida dwar il-kriterji ta' eliġibbiltà u l-proċedura ta'

applikazzjoni għall-programm ta' rilokazzjoni tal-UE, u dwar l-istatus tal-applikazzjoni tagħhom.

F'Ottubru 2017, l-EASO beda jimplementa kampanja pilota fuq il-midja soċjali biex jinforma lill-migranti jew lill-migranti potenzjali min-Niġerja (iffokati primarjament fin-Nofsinar tan-Niġerja) dwar l-asil fl-UE u min hu eliġibbli. Il-kampanja informat ukoll dwar il-perikli tal-ivvjaġġar lejn l-Ewropa permezz tat-traffikanti bħat-traffikar tal-bnedmin, il-prostituzzjoni sfurzata, it-traffikar sesswali, it-tortura, l-iskjavitù moderna, ix-xogħol furzat, is-servitudni domestika u l-għarqa fil-baħar. B'mod ġenerali, il-kampanja dejjem għaddejja tirribatti għan-narrattiva tat-traffikanti, billi tbdilha ma' narrattiva realista u tipproponi alternattivi għall-migrazzjoni illegali. Għal din il-kampanja, seħew ħames żjarat ta' riċerka fl-2017 biex isiru laqgħat ma' applikanti għal asil u membri Niġerjani tal-komunità tad-djaspora Niġerjana fl-Italja, f'Malta u fir-Renju Unit, bl-għan li jiġu mifhuma l-perkorsi ta' komunikazzjoni ewlenin tal-migranti potenzjali, biex jiġu skoperti l-"influwenzaturi" potenzjali, u jiġu kalibrati l-messaġġi għall-kampanja. L-EASO għabar testimonjanzi minn Niġerjani u minn vittmi tat-THB u pproduċa numru ta' filmati, li l-EASO qiegħed għad-dispożizzjoni fuq is-sit web u fuq il-paġni ta' Facebook tiegħu.

### L-osservazzjoni tad-diskors tar-refuġjati u tal-migranti

Fl-2017, l-EASO beda jissorvelja l-midja soċjali biex iffittex it-tendenzi u l-iżviluppi dwar il-migrazzjoni u kwistjonijiet







relatati mal-ħarbiel bl-Għarbi, bil-Pashto, bid-Dari, bl-Urdu, bis-Sorani, bit-Tigrigna, bl-Amarik u b'lingwi oħra. B'mod aktar speċifiku, tim speċjalizzat fl-EASO pproduċa rapporti ta' kull ġimgħa u rapporti analitiċi ta' kull xahar dwar id-diskors aktar ġenerali fuq in-netwerks soċjali relatati mal-ħarbiel u mal-migrazzjoni, man-netwerks tat-traffikanti, mal-frodi tad-dokumenti, ma' kwistjonijiet relatati mal-integrazzjoni u ma' temi relatati. It-tim jirriċerka wkoll suġġetti speċifiċi fuq it-talba ta' Stat Membru partikolari.

L-EASO jinsab f'kuntatt kostanti u f'kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), mal-Kummissjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (Interpol), ma' aġenziji oħra tal-UE kif ukoll mad-dipartimenti tas-sigurtà interna tal-Istati Membri tal-UE biex jiżgura komunikazzjoni u segwitu effiċjenti tas-sejbiet tiegħu. Ir-rapporti rċiew feedback pożittiv ħafna minn diversi partijiet ikkonċernati dwar il-kwalità u l-valur tal-informazzjoni li jipprovdu.

#### **Pubblikazzjonijiet u bullettin tal-EASO**

Fl-2017, l-EASO pproduċa u ppubblika 39 publikazzjoni ġdida tal-EASO u pprovda 116-il traduzzjoni ta' kwalità tal-pubblikazzjonijiet tal-EASO.

L-EASO tejjeb il-bullettin b'format u b'disinn aktar faċli għall-utenti u rnexxielu jiżgura tixrid wiesa'. Il-bullettin

il-ġdid iġġenera wkoll aktar traffiku fuq is-sit web tal-EASO.

Bħala parti mill-isforzi tal-EASO fil-Greċja, l-EASO kompla jiproduċi materjali promozzjonali mmarkati għall-kampanja ta' komunikazzjoni tiegħu dwar ir-rilokazzjoni, f'kollaborazzjoni mal-GAS, u bħala parti mis-sostenn operazzjonali tal-EASO għall-ombudsman Taljana, ġew prodotti u tqassmu diversi materjali ta' komunikazzjoni ġodda.

Finalment, fl-2017 l-EASO qabbd konsulenti esterni biex jiżviluppaw l-identità viżwali l-ġdida tal-EASO bħala tweġiba għad-diskussjonijiet li qed jevolvu dwar ir-regolament il-ġdid li jstabbilixxi l-EUAA.

#### **Informazzjoni u talbiet mill-istampa**

Sar ħafna xogħol biex jitwiegħbu l-1 400 talba għal informazzjoni bil-miktub mingħand is-soċjetà ċivili u t-talbiet mill-istampa riċevuti matul l-2017 fuq l-indirizzi tal-posta elettronika [info@easo.europa.eu](mailto:info@easo.europa.eu) u [press@easo.europa.eu](mailto:press@easo.europa.eu).

Minbarra dan, l-2017 rat żieda fin-numru ta' talbiet mill-pubbliku ġenerali biex jaċċessa dokumenti skont ir-Regolament 1049/2001.



# Annessi

## A.I. L-istruttura organizzazzjoni tal-EASO

L-istruttura amministrattiva u maniġerjali tal-EASO tinkludi l-bord ta' tmexxija kif ukoll id-direttur eżekuttiv u l-persunal tal-EASO.

Id-direttur eżekuttiv, fl-eżerċitar tar-responsabbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 31 tar-Regolament dwar l-EASO, hu sostnut mill-uffiċċju eżekuttiv, li jinkludi l-uffiċċjal kontabilistiku, l-unità tal-komunikazzjoni u tal-partijiet ikkonċernati, l-uffiċċjali ta' kollegament għall-istituzzjonijiet tal-UE u għall-frontex, u l-konsulent tal-politika.


Id-dipartiment ta' sostenn fil-qasam tal-asil jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-SEKA billi jipprovdi sostenn bl-għan li jtejjeb il-kapaċitajiet tal-pajjiżi tal-UE+ biex jimplimentaw is-SEKA permezz ta' taħriġ komuni, ta' kooperazzjoni Prattika koordinata u permezz tal-iżvilupp u tal-monitoraġġ ta' standards u ta' gwida operazzjonali.

Id-dipartiment tal-operazzjonijiet jiżviluppa u jimplimenta approċċ komprensiv għall-attivitajiet tal-EASO fil-qasam tal-operazzjonijiet, fejn ilaqqaq' fimbien informazzjoni u intelligence sitwazzjonali u dwar il-pajjiż tal-oriġini (COI), ippjanar operazzjonali u sostenn operazzjonali ġewwa u barra l-UE taħt qafas koordinat wieħed. Id-dipartiment tal-operazzjonijiet hu sostnut minn protokollu u minn għodod operazzjonali u minn mekkaniżmu ta' ppjanar u ta' evalwazzjoni biex jiżgura riżultati ottimali.

Id-dipartiment tal-amministrazzjoni jipprovdi sistemi u servizzi ta' sostenn lill-oqsma ċentrali ta' ħidma.

L-EASO jwettaq l-attivitajiet tiegħu mill-kwartieri ġenerali fil-Port tal-Belt Valletta, Malta, minn żewġ uffiċċji operazzjonali f'Ruma u f'Ateni, u minn LO fi Brussell.

**Figura A.1: It-tabella organizzattiva tal-EASO**



## A.II. Il-baġit tal-EASO fl-2017

Tabella A.1: Eżekuzzjoni tal-baġit tal-appropriazzjonijiet ta' impenn (AI) għal kull sors ta' finanzjament

Titolu tal-baġit	Sors ta' finanzjament	AI bbaġitjati (EUR)	AI implimentati (EUR)	AI (%)
Titolu 1 — Nefqa fuq il-persunal	C1	16 345 514.13	15 971 138.07	97.71
	C8	437 208.40	337 442.99	77.18
	R0	216 220.94	146 481.34	67.75
Total tat- <b>Titolu 1</b>		<b>16 998 943.47</b>	<b>16 455 062.40</b>	<b>96.80</b>
Titolu 2 — Nefqa infrastrutturali u operazzjonali	C1	7 888 229.12	7 380 070.65	93.56
	C4	1 555.07	1 476.91	94.97
	C8	2 484 820.40	2 243 396.78	90.28
	R0	1 797 838.36	1 437 961.43	79.98
Total tat- <b>Titolu 2</b>		<b>12 172 442.95</b>	<b>11 062 905.77</b>	<b>90.88</b>
Titolu 3 — Nefqa operazzjonali	C1	58 756 246.27	57 052 930.70	97.10
	C4	7 938.30		
	C5	2 820.00	2 820.00	100.00
	C8	16 694 507.79	15 345 451.43	91.92
	R0	3 623 069.58	1 064 214.27	29.37
Total tat- <b>Titolu 3</b>		<b>79 084 581.94</b>	<b>73 465 416.40</b>	<b>92.89</b>
Titolu 4 — Proġetti esterni oħrajn	R0	2 561 238.73	2 451 451.98	95.71
Total tat- <b>Titolu 4</b>		<b>2 561 238.73</b>	<b>2 451 451.98</b>	<b>95.71</b>
<b>AK totali</b>		<b>110 817 207.09</b>	<b>103 434 836.55</b>	<b>93.34</b>

Tabella A.2 Eżekuzzjoni tal-baġit tal-appropriazzjonijiet ta' pagament (AP) għal kull sors ta' finanzjament

Titolu tal-baġit	Sors ta' finanzjament	AP ibbaġitjati (EUR)	AP ikkonsmati (EUR)	AP (%)
Titolu 1 — Nefqa fuq il-persunal	C1	16 345 514.13	14 999 104.89	91.76
	C8	437 208.40	337 442.99	77.18
	R0	216 220.94	79 982.24	36.99
Total tat- <b>Titolu 1</b>		<b>16 998 943.47</b>	<b>15 416 530.12</b>	<b>90.69</b>
Titolu 2 — Nefqa infrastrutturali u operazzjonali	C1	7 888 229.12	4 641 149.26	58.84
	C4	1 555.07		
	C8	2 484 820.40	2 243 396.78	90.28
	R0	1 797 838.36	685 501.07	38.13
Total tat- <b>Titolu 2</b>		<b>12 172 442.95</b>	<b>7 570 047.11</b>	<b>62.19</b>
Titolu 3 — Nefqa operazzjonali	C1	51 146 246.27	49 735 496.53	97.24
	C4	7 938.30	1 879.05	23.67
	R0	3 623 069.58	485 554.87	13.40
Total tat- <b>Titolu 3</b>		<b>54 777 254.15</b>	<b>50 222 930.45</b>	<b>91.69</b>
Titolu 4 — Proġetti esterni oħrajn	R0	2 561 238.73	2 181 147.45	85.16
Total tat- <b>Titolu 4</b>		<b>2 561 238.73</b>	<b>2 181 147.45</b>	<b>85.16</b>
<b>AP Totali</b>		<b>86 509 879.30</b>	<b>75 390 655.13</b>	<b>87.15</b>

## A.III. Il-persunal tal-EASO

Fil-31 ta' Diċembru 2017, l-EASO kellu 215-il membru tal-persunal maħtura u fis-servizz, li minnhom 139 kienu persunal temporanju (TAs), 72 kienu aġenti kuntrattwali (CAs) u 4 kienu esperti nazzjonali sekondati (ENS).

**Tabella A.3: Il-pjan ta' stabbiliment tal-EASO 2017**


Kategorija u grad	Awtorizzati taħt il-baġit tal-UE 2017		Baġit emendatorju 1/2017		Baġit emendatorju 2/2017		Pjan sal-aħħar tal-2017 <sup>(1)</sup>	
	Uffiċjal	AT	Uffiċjal	AT	Uffiċjal	AT	Uffiċjal	AT
AD 16	-	0	-	-	-	-	-	0
AD 15	-	1	-	-	-	-	-	1
AD 14	-	0	-	-	-	-	-	0
AD 13	-	0	-	-	-	-	-	0
AD 12	-	4	-	-	-	-	-	4
AD 11	-	1	-	-	-	-	-	1
AD 10	-	9	-	-	-	-	-	9
AD 9	-	5	-	-	-	-	-	5
AD 8	-	11	-	-	-	-	-	11
AD 7	-	41	-	-	-	-	-	41
AD 6	-	11	-	-	-	-	-	11
AD 5	-	24	-	-	-	-	-	24
<b>Total ta' AD</b>	-	<b>107</b>	-	-	-	-	-	<b>107</b>
AST 11	-	0	-	-	-	-	-	0
AST 10	-	0	-	-	-	-	-	0
AST 9	-	0	-	-	-	-	-	0
AST 8	-	0	-	-	-	-	-	0
AST 7	-	0	-	-	-	-	-	0
AST 6	-	0	-	-	-	-	-	0
AST 5	-	3	-	-	-	-	-	3
AST 4	-	10	-	-	-	-	-	10
AST 3	-	26	-	-	-	-	-	26
AST 2	-	5	-	-	-	-	-	5
AST 1	-	4	-	-	-	-	-	4
<b>Total ta' AST</b>	-	<b>48</b>	-	-	-	-	-	<b>48</b>
<b>Total</b>	<b>0</b>	<b>155</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>155</b>

Grad ta' assistent (AST), grad ta' amministratur (AD), uffiċjal: persunal permanenti.


<sup>(1)</sup> Il-pjan ta' stabbiliment ma ġiex modifikat minn emendi fil-baġit; ma saret ebda modifika matul l-2017 bl-applikazzjoni tar-regola tal-flessibbiltà.



Ċart A.1: Distribuzzjoni tal-persunal tal-EASO fil-31.12.2017 skont il-ġeneru



Ċart A.2: Distribuzzjoni tal-persunal tal-EASO fil-31.12.2017 skont in-nazzjonalità



## **Kif tikkuntattja lill-UE**

### **Personalment**

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)

### **Bit-telefown jew bil-posta elettronika**

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)

## **Kif issib tagħrif dwar l-UE**

### **Onlajn**

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: [https://europa.eu/european-union/index\\_mt](https://europa.eu/european-union/index_mt)

### **Pubblikazzjonijiet tal-UE**

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://publications.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)).

### **Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati**

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu>

### **Dejta Miftuħa mill-UE**

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet